Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

2025/2134(INI)

25.3.2026 **EMENDI**
1 - 313

Abbozz ta' rapport
Stéphanie Yon-Courtin
(PE779.796v01-00)

Il-politika tal-kompetizzjoni – ir-rapport annwali 2025
(2025/2134(INI))

Emenda 1
Adnan Dibrani, Jonás Fernández, Niels Fuglsang, Aurore Lalucq, Eero Heinäluoma, Lara Wolters, Thomas Bajada, César Luena, Irene Tinagli, Nikos Papandreou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 11a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-rapport tat-18 ta' Diċembru 2025 tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq bit-titolu "CRA Market Share Report: 2025 edition" (Rapport dwar is-Sehem mis-Suq tas-CRAs: edizzjoni tal-2025),

Or. en

Emenda 2
Niels Fuglsang

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi l-kompetittività tal Ewropa hija mminata minn prezzijiet tal-enerġija għaljin u volatili b'mod persistenti; billi l-aċċelerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli, l-effiċjenza enerġetika, u l-investiment fil-grilja u l-interkonnessjoni magħha jistgħu jikkontribwixxu għal kostijiet strutturali aktar baxxi tal-enerġija, dipendenzi esterni mnaqqsa u reżiljenza akbar; billi ostakli u dewmien bla bżonn, fosthom fil-ħruġ tal-permessi, jistgħu jxekklu d-dħul fis-suq, l-investiment u l-kompetizzjoni fis-settur tal-enerġija;

Or. en

Emenda 3
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi l-politika tal-kompetizzjoni tal-Unjoni għandha tiggarantixxi swieq miftuħa u kompetittivi li jippermettu lill-kumpaniji jikbru;

Or. es

Emenda 4
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi s-salvagwardja tas-suq uniku tirrikjedi regoli tal-kompetizzjoni ***mingħajr kompromessi, u reżistenza għal influwenza esterna, b'mod partikolari mill-Istati Uniti***;	B. billi s-salvagwardja tas-suq uniku tirrikjedi regoli tal-kompetizzjoni ***robusti, prevedibbli u nondiskriminatorji li jiġu applikati b'mod ugwali għall-atturi kollha tas-suq, irrispettivament mill-oriġini, u li jridu jkunu iżolati minn interferenza politika mhux xierqa ta' kwalunkwe tip***;

Or. en

Emenda 5
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi s-salvagwardja tas-suq uniku tirrikjedi regoli tal-kompetizzjoni ***mingħajr kompromessi, u reżistenza għal influwenza esterna, b'mod partikolari mill-Istati Uniti***;	B. billi s-salvagwardja tas-suq uniku tirrikjedi regoli tal-kompetizzjoni ***ċari u prevedibbli, li jiżguraw kundizzjonijiet ekwi li jkunu kapaċi jippreżervaw il-ftuħ tas-suq u jirreaġixxu għad-distorsjonijiet esterni li jaffettwaw il-kompetizzjoni***;

Or. es

Emenda 6
Lídia Pereira

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi s-salvagwardja tas-suq uniku tirrikjedi regoli tal-kompetizzjoni mingħajr kompromessi**,** u reżistenza għal influwenza esterna***, b'mod partikolari mill-Istati Uniti***;	B. billi s-salvagwardja ***tal-integrità*** tas-suq uniku tirrikjedi regoli tal-kompetizzjoni mingħajr kompromessi u reżistenza għal influwenza esterna, ***li jippromwovu l-kompetizzjoni ħielsa, ġusta u trasparenti***;

Or. en

Emenda 7
Marco Falcone

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi s-salvagwardja tas-suq uniku tirrikjedi regoli tal-kompetizzjoni mingħajr kompromessi, u reżistenza għal influwenza esterna***, b'mod partikolari mill-Istati Uniti***;	B. billi s-salvagwardja tas-suq uniku tirrikjedi regoli tal-kompetizzjoni mingħajr kompromessi, u reżistenza għal influwenza esterna;

Or. en

Emenda 8
Adnan Dibrani, Niels Fuglsang, Eero Heinäluoma, Thomas Bajada, Irene Tinagli, Nikos Papandreou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

B. billi s-salvagwardja tas-suq uniku tirrikjedi regoli tal-kompetizzjoni mingħajr kompromessi, u reżistenza għal influwenza esterna***, b'mod partikolari mill-Istati Uniti***;	B. billi s-salvagwardja tas-suq uniku tirrikjedi regoli tal-kompetizzjoni mingħajr kompromessi, u reżistenza għal influwenza esterna;

Or. en

Emenda 9
Tomáš Kubín, Pierre Pimpie

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi s-salvagwardja tas-suq uniku tirrikjedi regoli tal-kompetizzjoni mingħajr kompromessi, u reżistenza għal influwenza esterna***, b'mod partikolari mill-Istati Uniti***;	B. billi s-salvagwardja tas-suq uniku tirrikjedi regoli tal-kompetizzjoni mingħajr kompromessi, u reżistenza għal influwenza esterna;

Or. en

Emenda 10
Marco Squarta

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi s-salvagwardja tas-suq uniku tirrikjedi regoli tal-kompetizzjoni mingħajr kompromessi***, u reżistenza għal*** influwenza esterna***, b'mod partikolari mill-Istati Uniti***;	B. billi s-salvagwardja tas-suq uniku tirrikjedi regoli tal-kompetizzjoni mingħajr kompromessi ***u l-preżervazzjoni tal-awtonomija regolatorja minn*** influwenza esterna ***indebita***;

Or. en

Emenda 11
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi n-nuqqas ta' integrazzjoni tal-UE fis-settur finanzjarju, tal-enerġija, u dak tal-komunikazzjoni elettronika huwa waħda mir-raġunijiet ewlenin għat-tnaqqis fil-kompetittività tal-Ewropa; billi l-integrazzjoni xierqa tas-suq uniku tal-Unjoni f'dawn l-oqsma tagħmel lis-suq rilevanti għall-kompetizzjoni ħafna akbar; billi suq rilevanti ħafna akbar jagħti aktar lok lill-kumpaniji jespandu l-kompetizzjoni fuq livell globali filwaqt li fl-istess ħin isaħħu l-kompetizzjoni fis-suq uniku għall-benefiċċju tal-konsumaturi;

Or. es

Emenda 12
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi suq uniku robust u integrat, mirfud bit-tneħħija tal-ostakli interni u bl-infurzar rigoruż tal-politika tal-kompetizzjoni tal-UE, huwa fundamentali biex tiġi xprunata l-innovazzjoni, tiġi żgurata l-istabbiltà fil-prezzijiet, u titwessa' l-għażla tal-konsumaturi; billi qafas effettiv għall-kompetittività huwa essenzjali għall-allokazzjoni effiċjenti tar-riżorsi u biex l-SMEs ikunu jistgħu jespandu, u b'hekk isaħħu r-reżiljenza u l-kompetittività globali tagħhom f'xenarju ġeopolitiku dejjem aktar kumpless;

Or. en

Emenda 13
Georgios Aftias

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi t-tkabbir b'pass mgħaġġel tal-pjattaformi tal-kummerċ elettroniku stabbiliti f'pajjiżi terzi, li spiss jibbenefikaw minn standards tal-produzzjoni aktar baxxi, minn rekwiżiti ambjentali u tax-xogħol aktar dgħajfa, kif ukoll possibbilment minn appoġġ mill-Istat, jinvolvi r-riskju li jinħolqu distorsjonijiet sinifikanti fis-suq intern għad-detriment tan-negozji Ewropej, b'mod partikolari l-SMEs;

Or. en

Emenda 14
Stéphanie Yon-Courtin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi s-suq frammentat tal-enerġija jgħolli l-prezzijiet u jdgħajjef il-kompetizzjoni, u t-tensjonijiet ġeopolitiċi attwali jaf jiggravaw dan, u b'hekk tinħoloq opportunità biex jinbena suq tal-enerġija integrat bis-sħiħ mal-atturi pan-Ewropej ħalli tiżdied l-effiċjenza, jitnaqqsu d-dipendenzi minn fornituri minn pajjiżi terzi u jitnaqqsu l-kostijiet għall-konsumaturi;

Or. en

Emenda 15
Andreas Schwab

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi l-iżvilupp b'pass mgħaġġel tas-sistemi tal-intelliġenza artifiċjali ġenerattiva u xprunati mill-IA qed isawwar mill-ġdid u b'mod sinifikanti d-dinamika kompetittiva, l-istrutturi tas-suq, il-ktajjen tal-valur u l-aċċess tal-utenti għas-servizzi diġitali madwar l-Unjoni, b'implikazzjonijiet potenzjali għall-kompetizzjoni fis-swieq diġitali;

Or. en

Emenda 16
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) jiffurmaw is-sinsla tal-ekonomija Ewropea u l-politika tal-kompetizzjoni trid tqis il-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom, filwaqt li tiżgura li l-obbligi ta' konformità u l-proċeduri ta' infurzar ma jitfgħux piżijiet sproporzjonati fuqhom;

Or. en

Emenda 17
Marco Squarta

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi l-politika tal-kompetizzjoni

għandu jkollha primarjament l-għan li tiżgura kompetizzjoni effettiva u l-benesseri tal-konsumatur, filwaqt li tibqa' koerenti ma' politiki oħra tal-Unjoni, u ma għandhiex tintuża biex jintlaħqu objettivi li huma indirizzati aħjar bi strumenti oħra tal-politika;

Or. en

Emenda 18
Adnan Dibrani, Jonás Fernández, Niels Fuglsang, Aurore Lalucq, Eero Heinäluoma, Lara Wolters, Thomas Bajada, César Luena, Irene Tinagli, Nikos Papandreou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi l-politika tal-kompetizzjoni tal-UE tipproteġi mill-konċentrazzjonijiet u mill-akkumulazzjonijiet ta' saħħa fis-suq, tissalvagwardja l-integrità tas-suq uniku u tafferma mill-ġdid ir-rwol tal-politika tal-kompetizzjoni fil-protezzjoni tal-konsumaturi;

Or. en

Emenda 19
Marco Falcone

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi l-kompetizzjoni ġusta u miftuħa hija element essenzjali għall-funzjonament xieraq tas-suq uniku, għall-ħolqien tal-impjiegi u għall-protezzjoni tal-konsumatur;

Or. en

Emenda 20
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Bb. billi l-politika tal-kompetizzjoni għandha rwol kruċjali fl-iżvilupp tan-negozji u fit-tkabbir tal-kumpaniji, b'mod partikolari l-SMEs, fis-suq uniku; ifakkar ukoll li l-iżvilupp sħiħ tal-kumpaniji jiddependi minn jekk jiġux eliminati l-ostakli għad-dħul, jekk jiġux miġġielda l-prattiki antikompetittivi, bħall-monopolji jew il-kartelli, u jekk jiġux żgurati kundizzjonijiet ekwi għall-operaturi ekonomiċi kollha; jenfasizza li politika tal-kompetizzjoni effikaċi għandha tevita regolamenti eċċessivi u piżijiet amministrattivi sproporzjonati, trawwem l-innovazzjoni u tippermetti li l-kumpaniji jieħdu l-akbar vantaġġ mill-benefiċċji u l-opportunitajiet li jġib is-suq ħieles;

Or. es

Emenda 21
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Bb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Bb. billi l-indipendenza istituzzjonali u operazzjonali tal-Awtoritajiet Nazzjonali tal-Kompetizzjoni (NCAs) hija prerekwiżit għall-kredibbiltà u għall-effettività tal-politika tal-kompetizzjoni; billi s-salvagwardja tal-proċessi deċiżjonali tagħhom mill-interferenza politika jew mill-pressjoni mis-settur privat hija essenzjali biex tiġi żgurata ċ-ċertezza tad-

dritt, jiġi ppreżervat l-istat tad-dritt, u jinżammu kundizzjonijiet ekwi fis-suq uniku;

Or. en

Emenda 22
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Bb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Bb. billi l-politika tal-kompetizzjoni hija strument indispensabbli għat-titjib tal-kompetittività Ewropea, u suq uniku li jiffunzjona sew b'regoli effettivi dwar il-kompetizzjoni jwassal aktar għall-kompetittività globali tad-ditti Ewropej mill-protezzjoniżmu industrijali jew mill-konċessjonijiet regolatorji selettivi;

Or. en

Emenda 23
Adnan Dibrani, Jonás Fernández, Niels Fuglsang, Aurore Lalucq, Eero Heinäluoma, Lara Wolters, Thomas Bajada, César Luena, Irene Tinagli, Nikos Papandreou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Bb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Bb. billi r-rapport ta' Mario Draghi jissottolinja li l-UE għandha bażi ta' innovazzjoni industrijali wiesgħa u diversifikata, b'vantaġġ komparattiv qawwi fit-teknoloġiji ekoloġiċi, iżda li huma meħtieġa sforzi sostnuti sabiex jinżamm dak il-vantaġġ;

Or. en

Emenda 24
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Bc (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Bc. billi r-rieżami li għaddej tal-Linji Gwida tal-UE dwar l-Amalgamazzjonijiet huwa opportunità biex jiġi mmodernizzat il-qafas analitiku ħalli jirrifletti l-kompetizzjoni dinamika, l-effetti tal-innovazzjoni, il-kunsiderazzjonijiet tar-reżiljenza u r-realtajiet tal-ekosistemi diġitali, filwaqt li jiġu ppreżervati ċ-ċertezza tad-dritt u l-primazija tal-kompetizzjoni effettiva bħala l-aktar kriterju importanti;

Or. en

Emenda 25
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Bc (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Bc. billi fil-kummerċ fl-UE, l-ostakli regolatorji huma ekwivalenti għal tariffa ta' madwar 44 punt perċentwali għall-oġġetti u 110 punti perċentwali għas-servizzi[1a]; billi dawn jirrappreżentaw il-kost tal-frammentazzjoni regolatorja għan-negozji Ewropej, speċjalment għall-SMEs;
	[1a] https://www.imf.org/en/news/articles/2026/03/11/sp031126-ak-ie-university-paris

Or. en

Emenda 26
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Bc (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Bc. billi użu sproporzjonat tal-għajnuna mill-Istat jista' jtellef il-funzjonament tajjeb tas-suq uniku u l-iżvilupp tal-ekonomija tal-Unjoni;

Or. es

Emenda 27
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Bd (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Bd. billi d-daqs medju tad-ditti fl-Unjoni Ewropea għadu sinifikament iżgħar milli f'ġuriżdizzjonijiet kbar oħra; billi l-ostakli regolatorji persistenti fis-suq uniku huma ta' piż sproporzjonat għad-ditti Ewropej, b'mod partikolari l-SMEs u l-iscale-ups, billi jillimitaw il-kapaċità tagħhom li jikbru lil hinn mill-fruntieri u jibbenefikaw mill-espansjoni; billi t-tnaqqis tal-frammentazzjoni interna huwa għalhekk essenzjali biex tissaħħaħ il-kapaċità tad-ditti Ewropej li jinnovaw, jikkompetu u jibqgħu reżiljenti fis-swieq globali[1a];
	1a https://www.realinstitutoelcano.org/en/analyses/competitiveness-the-widening-gap-between-the-eu-and-the-us/

Or. en

Emenda 28
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Be (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Be. billi hemm ħtieġa urġenti li s-suq uniku jikber f'setturi ewlenin tan-network u tas-servizzi, b'mod partikolari s-servizzi finanzjarji, l-enerġija, u l-komunikazzjonijiet elettroniċi; billi t-tnaqqis tal-ostakli regolatorji u strutturali f'dawn is-setturi huwa essenzjali biex tiġi sfruttata l-kompetittività Ewropea, tittejjeb l-integrazzjoni transfruntiera, jitrawwem l-investiment, tissaħħaħ l-għażla tal-konsumatur u jitnaqqas ir-riskju ta' konċentrazzjoni persistenti tas-suq;

Or. en

Emenda 29
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Sottotitolu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
L-irkupru tal-awtonomija strateġika tal-UE permezz tal-politika tal-kompetizzjoni, l-innovazzjoni u s-sovranità diġitali	***Kunsiderazzjonijiet ġenerali***

Or. en

Emenda 30
Andreas Schwab

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

1. Ifakkar fil-qafas b'saħħtu tal-kompetizzjoni tal-UE bħala għodda biex tiżdied il-kompetittività fl-industriji kollha; jissottolinja li l-politiki tal-UE ***m'għandhomx*** jiġu segwiti b'mod iżolat ***u li t-tħassib dwar il-kompetittività ma jistax jiġi interpretat bħala nuqqasijiet fil-politika tal-kompetizzjoni***; ifakkar li r-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE jridu jappoġġjaw il-politiki tal-UE, bħal dawk li jkopru l-industrija, il-kummerċ, il-konsumaturi u s-servizzi finanzjarji;	1. Ifakkar fil-qafas b'saħħtu tal-kompetizzjoni tal-UE bħala għodda biex tiżdied il-kompetittività fl-industriji kollha; jissottolinja li l-politiki tal-UE ***ma għandhomx*** jiġu segwiti b'mod iżolat; ifakkar li r-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE jridu jappoġġjaw il-politiki tal-UE, bħal dawk li jkopru l-industrija, il-kummerċ, il-konsumaturi u s-servizzi finanzjarji; ***jissottolinja li l-politika tal-kompetizzjoni għandha tikkontribwixxi għall-integrazzjoni u għall-approfondiment tas-swieq kapitali Ewropej u tappoġġja l-objettivi tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali billi trawwem infrastrutturi kompetittivi u integrati tas-suq finanzjarju;***
	Or. en

Emenda 31
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Ifakkar ***fil-qafas b'saħħtu*** tal-kompetizzjoni tal-UE ***bħala għodda biex tiżdied il-kompetittività fl-industriji kollha***; jissottolinja li ***l-politiki tal-UE m'għandhomx jiġu segwiti b'mod iżolat u li t-tħassib dwar il-kompetittività ma jistax jiġi interpretat bħala nuqqasijiet fil-politika tal-kompetizzjoni***; ***ifakkar*** li r-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE ***jridu jappoġġjaw il-politiki*** tal-UE, ***bħal*** dawk li jkopru l-industrija, il-kummerċ, il-konsumaturi ***u s-servizzi*** finanzjarji;	1. Ifakkar ***li l-qafas*** tal-kompetizzjoni tal-UE ***huwa strument ewlieni biex jinbena suq uniku aktar b'saħħtu u aktar dinamiku***; jissottolinja li ***ambjent kompetittiv li jiffunzjona sew jixpruna l-innovazzjoni, ibaxxi l-prezzijiet, jespandi l-għażla tal-konsumatur u jtejjeb il-kompetittività globali tal-intrapriżi Ewropej***; ***jisħaq*** li ***regoli tal-kompetizzjoni u politika industrijali mmirata jistgħu jsaħħu lil xulxin meta jkunu allinjati kif xieraq, u li*** r-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE ***jistgħu jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tal-politiki*** tal-UE, ***inklużi*** dawk li jkopru l-industrija, il-kummerċ, il-konsumaturi***, is-servizzi*** finanzjarji ***u d-difiża***;
	Or. en

Emenda 32
Marco Squarta

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Ifakkar fil-qafas b'saħħtu tal-kompetizzjoni tal-UE bħala għodda biex tiżdied il-kompetittività fl-industriji kollha; jissottolinja li l-politiki tal-UE ***m'għandhomx*** jiġu segwiti b'mod iżolat u li t-tħassib dwar il-kompetittività ma jistax jiġi interpretat bħala nuqqasijiet fil-politika tal-kompetizzjoni; ifakkar li r-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE jridu jappoġġjaw il-politiki tal-UE, bħal dawk li jkopru l-industrija, il-kummerċ, il-konsumaturi u s-servizzi finanzjarji;	1. Ifakkar fil-qafas b'saħħtu tal-kompetizzjoni tal-UE bħala għodda biex tiżdied il-kompetittività fl-industriji kollha; jissottolinja li l-politiki tal-UE ***ma għandhomx*** jiġu segwiti b'mod iżolat u li t-tħassib dwar il-kompetittività ma jistax jiġi interpretat bħala nuqqasijiet fil-politika tal-kompetizzjoni; ifakkar li r-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE jridu jappoġġjaw il-politiki tal-UE, bħal dawk li jkopru l-industrija, il-kummerċ, il-konsumaturi u s-servizzi finanzjarji***, filwaqt li jiżguraw qafas stabbli li jrawwem l-investimenti, it-tkabbir u l-kapaċità għall-espansjoni f'kundizzjonijiet ġusti***;

Or. en

Emenda 33
Adnan Dibrani, Jonás Fernández, Niels Fuglsang, Aurore Lalucq, Eero Heinäluoma, Lara Wolters, Thomas Bajada, César Luena, Irene Tinagli, Nikos Papandreou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Ifakkar fil-qafas b'saħħtu tal-kompetizzjoni tal-UE bħala għodda biex tiżdied il-kompetittività fl-industriji kollha; jissottolinja li l-politiki tal-UE ***m'għandhomx*** jiġu segwiti b'mod iżolat u li t-tħassib dwar il-kompetittività ma jistax jiġi interpretat bħala nuqqasijiet fil-politika tal-kompetizzjoni; ifakkar li r-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE jridu jappoġġjaw il-politiki tal-UE, bħal dawk li jkopru l-industrija, il-kummerċ, il-konsumaturi u s-servizzi finanzjarji;	1. Ifakkar fil-qafas b'saħħtu tal-kompetizzjoni tal-UE ***u fl-infurzar xieraq tiegħu*** bħala għodda biex tiżdied il-kompetittività fl-industriji kollha; jissottolinja li l-politiki tal-UE ***ma għandhomx*** jiġu segwiti b'mod iżolat u li t-tħassib dwar il-kompetittività ma jistax jiġi interpretat bħala nuqqasijiet fil-politika tal-kompetizzjoni; ifakkar li r-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE jridu jappoġġjaw il-politiki tal-UE, bħal dawk li jkopru l-industrija, il-kummerċ, il-konsumaturi u s-

servizzi finanzjarji;

Or. en

Emenda 34
Marco Falcone

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Ifakkar fil-qafas b'saħħtu tal-kompetizzjoni tal-UE bħala għodda biex tiżdied il-kompetittività fl-industriji kollha; jissottolinja li l-politiki tal-UE ***m'għandhomx jiġu segwiti b'mod iżolat*** u li t-tħassib dwar il-kompetittività ma jistax jiġi interpretat bħala nuqqasijiet fil-politika tal-kompetizzjoni; ifakkar li r-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE jridu jappoġġjaw il-politiki tal-UE, bħal dawk li jkopru l-industrija, il-kummerċ, il-konsumaturi u s-servizzi finanzjarji;	1. Ifakkar fil-qafas b'saħħtu tal-kompetizzjoni tal-UE bħala għodda biex tiżdied il-kompetittività fl-industriji kollha; jissottolinja li l-politiki tal-UE ***għandhom jiġu integrati aktar mill-qrib*** u li t-tħassib dwar il-kompetittività ma jistax jiġi interpretat bħala nuqqasijiet fil-politika tal-kompetizzjoni; ifakkar li r-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE jridu jappoġġjaw il-politiki tal-UE, bħal dawk li jkopru l-industrija, il-kummerċ, il-konsumaturi u s-servizzi finanzjarji;

Or. en

Emenda 35
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Ifakkar fil-qafas b'saħħtu tal-kompetizzjoni tal-UE bħala għodda biex tiżdied il-kompetittività fl-industriji kollha; jissottolinja li l-politiki tal-UE ***m'għandhomx*** jiġu segwiti b'mod iżolat u li t-tħassib dwar il-kompetittività ma jistax jiġi interpretat bħala nuqqasijiet fil-politika tal-kompetizzjoni; ifakkar li r-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE jridu ***jappoġġjaw il-politiki tal-UE, bħal dawk li jkopru l-***	1. Ifakkar fil-qafas b'saħħtu tal-kompetizzjoni tal-UE bħala għodda biex tiżdied il-kompetittività fl-industriji kollha; jissottolinja li l-politiki tal-UE ***ma għandhomx*** jiġu segwiti b'mod iżolat u li t-tħassib dwar il-kompetittività ma jistax jiġi interpretat bħala nuqqasijiet fil-politika tal-kompetizzjoni; ifakkar li r-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE jridu ***jibqgħu konsistenti mal-objettivi aktar wesgħin***

industrija, il-kummerċ, il-konsumaturi u s-servizzi finanzjarji;	***tal-Unjoni filwaqt li jippreżervaw il-prinċipji fundamentali tagħha***;

Or. en

Emenda 36
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Ifakkar fil-qafas b'saħħtu tal-kompetizzjoni tal-UE bħala għodda biex tiżdied il-kompetittività fl-industriji kollha; jissottolinja li l-politiki tal-UE ***m'għandhomx*** jiġu segwiti b'mod iżolat u li t-tħassib dwar il-kompetittività ma jistax jiġi interpretat bħala nuqqasijiet fil-politika tal-kompetizzjoni; ifakkar li r-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE jridu ***jappoġġjaw il-politiki tal-UE, bħal dawk li jkopru l-industrija, il-kummerċ, il-konsumaturi u s-servizzi finanzjarji***;	1. Ifakkar fil-qafas b'saħħtu tal-kompetizzjoni tal-UE bħala għodda biex tiżdied il-kompetittività fl-industriji kollha; jissottolinja li l-politiki tal-UE ***ma għandhomx*** jiġu segwiti b'mod iżolat u li t-tħassib dwar il-kompetittività ma jistax jiġi interpretat bħala nuqqasijiet fil-politika tal-kompetizzjoni; ifakkar li r-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE jridu ***jkunu konsistenti mad-dritt tal-Unjoni u mal-prinċipji minquxa fit-Trattati***;

Or. en

Emenda 37
Adnan Dibrani, Jonás Fernández, Niels Fuglsang, Aurore Lalucq, Eero Heinäluoma, Lara Wolters, Thomas Bajada, César Luena, Irene Tinagli, Nikos Papandreou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Jenfasizza li kompetizzjoni li tiffunzjona sew hija xprunatur ewlieni għat-tkabbir tal-produttività u għall-kompetittività fit-tul fl-Unjoni; jinnota li l-infurzar aktar b'saħħtu tal-politika tal-kompetizzjoni huwa assoċjat ma' produttività totali ogħla tal-fatturi u allokazzjoni aktar effiċjenti tal-ħaddiema

u tal-kapital; jisħaq, għalhekk, li politika tal-kompetizzjoni effettiva hija essenzjali biex jittejbu l-produttività, l-innovazzjoni u t-tkabbir ekonomiku sostenibbli fl-UE;

Or. en

Emenda 38
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Jilqa' d-diskors mill-Viċi President Eżekuttiv Teresa Ribera fil-Konferenza ta' Liżbona dwar id-Dritt tal-Kompetizzjoni u l-Ekonomija f'Ottubru 2025, li enfasizza l-importanza tal-politika tal-kompetizzjoni biex jiġu żgurati swieq ekwi, tiġi appoġġjata t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, u tissaħħaħ ekonomija Ewropea reżiljenti u sostenibbli;

Or. en

Emenda 39
Adnan Dibrani, Jonás Fernández, Niels Fuglsang, Aurore Lalucq, Eero Heinäluoma, Lara Wolters, Thomas Bajada, César Luena, Irene Tinagli, Nikos Papandreou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1b. Jinnota li ż-żieda fil-konċentrazzjoni tas-suq u fil-marġnijiet kummerċjali f'diversi setturi seta' kellha konsegwenzi makroekonomiċi sinifikanti; ifakkar li l-marġnijiet kummerċjali dejjem akbar mis-sena 2000 jaf naqqsu l-PDG tal-UE sa 5–7 %, filwaqt li r-riformi mmirati u l-infurzar antitrust effettiv

jistgħu jżidu l-PDG b'diversi punti perċentwali maż-żmien; jissottolinja, għalhekk, l-importanza li jinżammu regoli b'saħħithom tal-UE dwar il-kompetizzjoni biex jiġu ssalvagwardjati d-dinamiżmu ekonomiku, it-tkabbir u l-kompetittività fit-tul tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 40
Adnan Dibrani, Jonás Fernández, Niels Fuglsang, Aurore Lalucq, Eero Heinäluoma, Lara Wolters, Thomas Bajada, César Luena, Irene Tinagli, Nikos Papandreou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1c. Jinnota li ż-żieda fil-konċentrazzjoni tas-suq instabet li kellha impatt fuq id-distribuzzjoni tal-introjtu aggregat, speċifikament permezz ta' sehem imnaqqas tal-introjtu mix-xogħol peress li l-gwadanji ekonomiċi qed jispiċċaw dejjem aktar għand is-sidien tal-kapital; jinnota b'mod partikolari li s-sehem tal-introjtu li jispiċċa għand il-ħaddiema jaf jonqos meta l-ħaddiema jimxu lejn ditti b'intensità għolja ta' kapital u b'saħħa sinifikanti fis-suq; jisħaq li s-swieq kompetittivi jgħinu biex jiżguraw li t-titjib fil-produttività jinqasam b'mod usa' fl-ekonomija u jappoġġja l-kompetittività sostenibbli billi jissaħħu l-kapaċità tal-akkwist, id-domanda interna u l-formazzjoni tal-kapital uman;

Or. en

Emenda 41
Adnan Dibrani, Jonás Fernández, Niels Fuglsang, Aurore Lalucq, Eero Heinäluoma, Lara Wolters, Thomas Bajada, César Luena, Irene Tinagli, Nikos Papandreou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jemmen ***bis-sħiħ*** li r-rapport Draghi u r-rapport Letta għandhom jintużaw bħala bażi ***għall-istabbiliment*** ta' prijoritajiet fil-qasam tal-kompetizzjoni, u jitlob li dawn ir-rapporti jingħataw segwitu;	2. Jemmen li r-rapport Draghi u r-rapport Letta għandhom jintużaw bħala bażi ***biex jikkontribwixxu għat-tfassil*** ta' prijoritajiet fil-qasam tal-kompetizzjoni, u jitlob li dawn ir-rapporti jingħataw segwitu; ***jieħu nota tal-istima ta' Mario Draghi li, sabiex tiġi protetta l-kompetittività tagħna fl-UE, huma meħtieġa EUR 800 biljun oħra fis-sena biex jiġi żgurat it-tkabbir sostenibbli, tissaħħaħ l-awtonomija strateġika u tinkiseb it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali; jagħraf l-importanza tal-investiment pubbliku u privat f'dan il-kuntest, filwaqt li tiġi ssalvagwardjata l-kompetizzjoni ġusta u jiġu pprevenuti d-distorsjonijiet tas-suq;***

Or. en

Emenda 42
Stéphanie Yon-Courtin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jemmen bis-sħiħ li r-rapport Draghi u r-rapport Letta għandhom jintużaw bħala bażi għall-istabbiliment ta' prijoritajiet fil-qasam tal-kompetizzjoni, u jitlob li dawn ir-rapporti jingħataw segwitu;	2. Jemmen bis-sħiħ li r-rapport Draghi u r-rapport Letta għandhom jintużaw bħala bażi għall-istabbiliment ta' prijoritajiet fil-qasam tal-kompetizzjoni, u jitlob li dawn ir-rapporti jingħataw segwitu; ***jenfasizza l-proposta tar-rapport Draghi għal għodda flessibbli li tinvestiga s-suq (l-"Għodda Ġdida tal-Kompetizzjoni") biex jiġu indirizzati fallimenti tas-suq li ma jistgħux jiġu indirizzati b'mod effettiv skont l-Artikoli 101 u 102 attwali tat-TFUE; jistieden lill-Kummissjoni tintroduċi għodda bħal din biex tikkomplementa l-qafas eżistenti;***

Or. en

Emenda 43
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. ***Jemmen bis-sħiħ li r-rapport*** Draghi u r-rapport Letta ***għandhom jintużaw bħala bażi għall-istabbiliment ta' prijoritajiet fil-qasam tal-kompetizzjoni,*** u jitlob li dawn ir-rapporti jingħataw segwitu;	2. ***Jieħu nota tar-rapport*** Draghi u r-rapport Letta u jitlob li dawn ir-rapporti jingħataw segwitu;

Or. en

Emenda 44
Marco Falcone

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. ***Jemmen bis-sħiħ*** li r-rapport Draghi u r-rapport Letta ***għandhom jintużaw bħala bażi*** għall-istabbiliment ta' prijoritajiet fil-qasam tal-kompetizzjoni***, u jitlob li dawn ir-rapporti jingħataw segwitu***;	2. ***Jissottolinja*** li r-rapport Draghi u r-rapport Letta ***jistgħu jikkontribwixxu*** għall-istabbiliment ta' prijoritajiet fil-qasam tal-kompetizzjoni;

Or. en

Emenda 45
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

2. Jemmen bis-sħiħ li r-rapport Draghi u r-rapport Letta għandhom jintużaw bħala bażi għall-istabbiliment ta' prijoritajiet fil-qasam tal-kompetizzjoni, u jitlob li dawn ir-rapporti jingħataw segwitu;	2. Jemmen bis-sħiħ li r-rapport Draghi u r-rapport Letta għandhom jintużaw bħala bażi għall-istabbiliment ta' prijoritajiet fil-qasam tal-kompetizzjoni, u jitlob li dawn ir-rapporti jingħataw segwitu ***bħala kwistjoni ta' urġenza***;

Or. en

Emenda 46
Adnan Dibrani, Jonás Fernández, Niels Fuglsang, Aurore Lalucq, Eero Heinäluoma, Lara Wolters, Thomas Bajada, César Luena, Irene Tinagli, Nikos Papandreou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Jissottolinja li, skont l-aktar Ewrobarometru reċenti u l-Istħarriġ Postelettorali tal-UE tal-2024, l-Ewropej jistennew li l-Unjoni tagħti prijorità biex tindirizza l-inflazzjoni, iż-żieda fil-prezzijiet u l-għoli tal-ħajja; jisħaq li l-iżgurar ta' kompetizzjoni ġusta u effettiva huwa element importanti biex jiġu indirizzati dawn l-isfidi u għalhekk għandu jibqa' prijorità fil-politika tal-kompetizzjoni;

Or. en

Emenda 47
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Jistieden lill-Kummissjoni tagħti prijorità lill-infurzar effettiv, trasparenti u legalment prevedibbli tal-istrumenti eżistenti tal-kompetizzjoni, filwaqt li tiżgura kundizzjonijiet ekwi bejn il-

mudelli ta' negozju sabiex l-impriżi jkunu jistgħu jikkompetu b'mod ġust u jirrispondu b'mod effettiv għad-domanda tal-konsumaturi, fosthom fis-swieq diġitali li qed jevolvu malajr;

Or. en

Emenda 48
Niels Fuglsang, Adnan Dibrani

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Jenfasizza li l-varar aktar mgħaġġel tal-infrastruttura għall-enerġija rinnovabbli, tal-effiċjenza enerġetika u tal-grilja huwa essenzjali biex tissaħħaħ l-indipendenza enerġetika u strutturali tal-Unjoni, tittejjeb l-integrazzjoni tas-suq u jkun hemm kontribut għal prezzijiet tal-enerġija aktar baxxi u aktar stabbli;

Or. en

Emenda 49
Jonás Fernández, César Luena

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Jinnota l-kapaċitajiet fiskali diverġenti tal-Istati Membri u jwissi li għajnuna frammentata mill-Istat toħloq kundizzjonijiet mhux ekwi; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri ma jinvolvux ruħhom f'kompetizzjoni tas-sussidji;

Or. en

Emenda 50
Niels Fuglsang, Adnan Dibrani

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2b. Jisħaq li swieq tal-elettriku ġusti, li jiffunzjonaw sew, kompetittivi, integrati u interkonnessi huma essenzjali biex tissaħħaħ il-kompetittività industrijali tal-Unjoni u jiġu appoġġjati prezzijiet tal-enerġija aktar stabbli u affordabbli; jissottolinja l-importanza tal-infurzar effettiv tar-regoli tal-kompetizzjoni fl-infrastruttura tal-enerġija u fl-aċċess għan-network sabiex jiġi ssalvagwardjat il-funzjonament xieraq tas-suq uniku;

Or. en

Emenda 51
Adnan Dibrani, Aurore Lalucq, Eero Heinäluoma, Lara Wolters, Thomas Bajada, Irene Tinagli, Nikos Papandreou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2b. Jinnota l-kapaċitajiet fiskali diverġenti tal-Istati Membri u jwissi li għajnuna frammentata mill-Istat toħloq kundizzjonijiet mhux ekwi; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja dawn l-effetti; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri ma jinvolvux ruħhom f'kompetizzjoni tas-sussidji; jikkonkludi li l-oqfsa temporanji ta' għajnuna mill-Istat naqsu milli jipprevjenu aktar frammentazzjoni;

Or. en

Emenda 52
Adnan Dibrani, Jonás Fernández, Niels Fuglsang, Aurore Lalucq, Eero Heinäluoma, Lara Wolters, Thomas Bajada, César Luena, Irene Tinagli, Nikos Papandreou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jenfasizza r-rwol ewlieni li għandha l-kompetizzjoni fil-ħolqien ta' alternattivi tas-suq diġitali u fit-tnaqqis tad-dipendenza fuq fornituri mhux tal-UE; iħeġġeġ li jinbnew infrastrutturi ewlenin biex tingħata spinta lill-awtonomija u l-innovazzjoni tal-Ewropa, inklużi s-servizzi tal-cloud, l-infrastrutturi tal-Intelliġenza Artifiċjali (ċentri tad-data u konnettività), ***u*** l-infrastruttura tas-suq finanzjarju biex tiġi appoġġjata s-sovranità diġitali tal-UE;	3. Jenfasizza r-rwol ewlieni li għandha l-kompetizzjoni fil-ħolqien ta' alternattivi tas-suq diġitali u fit-tnaqqis tad-dipendenza fuq fornituri mhux tal-UE ***u tad-dominanza tagħhom***; iħeġġeġ li jinbnew infrastrutturi ewlenin biex tingħata spinta lill-awtonomija u l-innovazzjoni tal-Ewropa, inklużi s-servizzi tal-cloud, l-infrastrutturi tal-Intelliġenza Artifiċjali (ċentri tad-data u konnettività), l-infrastruttura tas-suq finanzjarju ***u sistemi ta' pagament Ewropej reżiljenti, interoperabbli u kompetittivi*** biex tiġi appoġġjata s-sovranità diġitali tal-UE;

Or. en

Emenda 53
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jenfasizza r-rwol ewlieni li għandha l-kompetizzjoni fil-ħolqien ta' alternattivi tas-suq diġitali u fit-tnaqqis tad-dipendenza fuq fornituri mhux tal-UE; iħeġġeġ li jinbnew infrastrutturi ewlenin biex tingħata spinta lill-awtonomija u l-innovazzjoni tal-Ewropa, inklużi s-servizzi tal-cloud, l-infrastrutturi tal-Intelliġenza Artifiċjali (ċentri tad-data u konnettività), u l-infrastruttura tas-suq finanzjarju biex tiġi appoġġjata s-sovranità diġitali tal-UE;	3. Jenfasizza r-rwol ewlieni li għandha l-kompetizzjoni fil-ħolqien ta' alternattivi tas-suq diġitali u fit-tnaqqis tad-dipendenza fuq fornituri mhux tal-UE; iħeġġeġ li jinbnew infrastrutturi ewlenin biex tingħata spinta lill-awtonomija u l-innovazzjoni tal-Ewropa, ***speċjalment fil-qasam tal-infrastruttura kritika,*** inklużi s-servizzi tal-cloud, l-infrastrutturi tal-Intelliġenza Artifiċjali (ċentri tad-data u konnettività), u l-infrastruttura tas-suq

finanzjarju biex tiġi appoġġjata s-sovranità diġitali tal-UE;

Or. en

Emenda 54
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jenfasizza r-rwol ewlieni li għandha l-kompetizzjoni ***fil-ħolqien ta' alternattivi tas-suq diġitali u fit-tnaqqis tad-dipendenza fuq fornituri mhux tal-UE***; ***iħeġġeġ li jinbnew infrastrutturi ewlenin biex tingħata spinta lill-awtonomija u l-innovazzjoni tal-Ewropa***, inklużi s-servizzi tal-cloud, ***l-infrastrutturi*** tal-Intelliġenza Artifiċjali ***(ċentri tad-data u konnettività),*** u l-infrastruttura tas-suq finanzjarju ***biex tiġi appoġġjata s-sovranità diġitali tal-UE***;	3. Jenfasizza r-rwol ewlieni li għandha l-kompetizzjoni ***għat-trawwim tal-innovazzjoni u għad-dħul fis-suq fl-ekonomija diġitali***; ***jagħraf l-importanza li tinbena l-kapaċità Ewropea fl-infrastruttura diġitali strateġika***, inklużi s-servizzi tal-cloud, ***l-infrastruttura*** tal-Intelliġenza Artifiċjali u l-infrastruttura tas-suq finanzjarju***, sabiex jiġu żgurati swieq miftuħa u kontestabbli u jitnaqqsu d-dipendenzi strateġiċi***;

Or. en

Emenda 55
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3a. Ifakkar fis-sejbiet fir-rapport tad-DĠ Kompetizzjoni tal-Kummissjoni "Protecting competition in a changing world" (Nipproteġu l-kompetizzjoni f'dinja li qed tinbidel)[1a], li jenfasizzaw tnaqqis persistenti fil-kompetizzjoni, ikkaratterizzat minn konċentrazzjoni, marġnijiet kummerċjali u profitti dejjem akbar f'dawn l-aħħar 25 sena, flimkien

ma' dinamiżmu tal-ogħla livell li sejjer lura, fejn ditti ewlenin baqgħu fil-biċċa l-kbira mhux ikkontestati għal deċennji;

[1a] Il-Kummissjoni Ewropea: id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni, Protecting competition in a changing world – Evidence on the evolution of competition in the EU during the past 25 years (Nipproteġu l-kompetizzjoni f'dinja li qed tinbidel – Evidenza dwar l-evoluzzjoni tal-kompetizzjoni fl-UE matul dawn l-aħħar 25 sena), l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024, https://data.europa.eu/doi/10.2763/089949

Or. en

Emenda 56
Andreas Schwab

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jappella għal preferenza Ewropea f'setturi strateġiċi;	***imħassar***

Or. en

Emenda 57
Marco Falcone

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jappella għal preferenza Ewropea f'setturi strateġiċi;	***imħassar***

Or. en

Emenda 58
Marco Squarta

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jappella għal preferenza Ewropea f'setturi strateġiċi;	***imħassar***

Or. en

Emenda 59
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jappella għal ***preferenza Ewropea*** f'setturi strateġiċi;	4. Jappella għal ***kundizzjonijiet ekwi*** f'setturi strateġiċi ***u lill-UE biex tuża l-għodod kollha disponibbli, inklużi r-Regolament dwar is-Sussidji Barranin, ir-regoli dwar l-akkwist pubbliku u qafas robust għar-rieżami tal-fużjonijiet, ħalli tiżgura li d-ditti Ewropej ikunu jistgħu jikkompetu fuq il-mertu u li l-parteċipanti fis-suq minn pajjiżi terzi ma jkunux vantaġġjati b'sussidji ta' stati barranin***;

Or. en

Emenda 60
Adnan Dibrani, Jonás Fernández, Eero Heinäluoma, Lara Wolters, Thomas Bajada, César Luena, Irene Tinagli, Nikos Papandreou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. ***Jappella għal*** preferenza Ewropea	4. ***Jinnota l-applikazzjoni ta' kriterji***

f'setturi ***strateġiċi***;	***ta'*** preferenza Ewropea f'setturi ***strateġikament importanti li jiffukaw fuq faċilitaturi importanti għall-industrija Ewropea***; ***jilqa', fid-dawl ta' dan, l-Att tal-UE għall-Aċċelerazzjoni Industrijali; jisħaq li kriterji bħal dawn għandhom ifittxu li jelevaw il-kapaċitajiet fl-Ewropa u jinkludu l-kooperazzjoni ma' sħab fdati;**

Or. en

Emenda 61
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jappella ***għal preferenza*** Ewropea ***f'setturi strateġiċi***;	4. Jappella ***għat-tneħħija tal-ostakli eżistenti għas-suq uniku, sabiex is-suq rilevanti għall-politika tal-kompetizzjoni jkun jista' jilħaq skala*** Ewropea***, u b'hekk jippermetti żieda fid-daqs tad-ditti u fil-kapaċità tal-innovazzjoni filwaqt li jżomm livell għoli ta' kompetizzjoni għall-benefiċċju tal-konsumaturi kollha***;

Or. en

Emenda 62
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	***4a. Jinnota li l-politika industrijali ma tistax issir għad-detriment tal-konsumaturi Ewropej permezz ta' llaxkar ta' pożizzjoni dominanti fis-suq jew ta' standards abbużivi fil-politika tal-kompetizzjoni tal-UE; itenni li l-ogħla standards ta' kompetizzjoni u l-espansjoni**

meħtieġa tad-ditti Ewropej jistgħu jissaħħu t-tnejn li huma permezz ta' approfondiment effettiv tas-suq uniku, li jagħmluh is-suq rilevanti għas-setturi kollha;

Or. en

Emenda 63
Marco Squarta

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Jisħaq fuq l-importanza li jissaħħu r-reżiljenza, id-diversifikazzjoni u s-sigurtà tal-ktajjen ta' provvista Ewropej f'setturi strateġiċi li jippromwovu kapaċitajiet potenzjali u soluzzjonijiet Ewropej, meta jkun xieraq, mingħajr ma jiġu kompromessi s-swieq miftuħa;

Or. en

Emenda 64
Jussi Saramo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Ifakkar li t-trawwim tal-awtonomija strateġika Ewropea ma jridx iwassal għat-tisħiħ ulterjuri tal-oligopolji u tal-monopsoniji tas-suq tax-xogħol, li għandhom effett avvers fuq il-ħaddiema u l-pagi;

Or. en

Emenda 65
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jissottolinja l-importanza ta' proġetti importanti ta' interess Ewropew komuni għall-finanzjament ta' proġetti strateġiċi kbar tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni ***tqassar jew*** tħaffef in-notifiki ***peress li huma ta' piż għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs)***;	5. Jissottolinja l-importanza ta' proġetti importanti ta' interess Ewropew komuni ***(IPCEIs)*** għall-finanzjament ta' proġetti strateġiċi kbar tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni ***ttejjeb u*** tħaffef in-notifiki ***tal-IPCEI, tnaqqas il-piż amministrattiv speċjalment għall-SMEs u għall-mid-caps, tipprovdi kriterji ċari u prevedibbli għall-ammissibbiltà, u ttejjeb it-trasparenza u ċ-ċertezza tad-dritt tul il-proċess ta' valutazzjoni***;

Or. en

Emenda 66
Marco Squarta

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jissottolinja l-importanza ta' proġetti importanti ta' interess Ewropew komuni għall-finanzjament ta' proġetti strateġiċi kbar tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni tqassar jew tħaffef in-notifiki peress li huma ta' piż għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs);	5. Jissottolinja l-importanza ta' proġetti importanti ta' interess Ewropew komuni għall-finanzjament ta' proġetti strateġiċi kbar tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni tqassar jew tħaffef in-notifiki peress li huma ta' piż***, b'mod partikolari*** għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs)***, u tiżgura l-proporzjonalità u l-prevedibbiltà fir-rekwiżiti amministrattivi***;

Or. en

Emenda 67
Adnan Dibrani, Jonás Fernández, Niels Fuglsang, Aurore Lalucq, Eero Heinäluoma, Lara Wolters, César Luena, Irene Tinagli, Nikos Papandreou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jissottolinja l-importanza ta' proġetti importanti ta' interess Ewropew komuni għall-finanzjament ta' proġetti strateġiċi kbar tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni ***tqassar jew tħaffef in-notifiki peress li huma ta' piż għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs)***;	5. Jissottolinja l-importanza ta' proġetti importanti ta' interess Ewropew komuni ***(IPCEI)*** għall-finanzjament ta' proġetti strateġiċi kbar tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni ***ttejjeb u tissimplifika l-proċeduri ta' notifika, filwaqt li tiżgura li r-rekwiżiti amministrattivi jkunu proporzjonati, u li l-SMEs ikunu jistgħu jipparteċipaw b'mod effettiv fl-IPCEIs fuq termini ugwali***;

Or. en

Emenda 68
Georgios Aftias

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5a. Jisħaq li l-SMEs huma affettwati b'mod sproporzjonat minn kompetizzjoni inġusta minn pjattaformi f'pajjiżi terzi li jibbenefikaw minn arbitraġġ regolatorju; jitlob miżuri ta' appoġġ immirati, għodod ta' konformità simplifikati u aċċess imtejjeb għal mekkaniżmi ta' rimedju għall-SMEs affettwati minn prattiki antikompetittivi fis-swieq diġitali;

Or. en

Emenda 69
Marco Falcone

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5a. Itenni r-rwol fundamentali tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) fit-tisħiħ tal-kompetittività Ewropea, il-promozzjoni tal-innovazzjoni u l-ħolqien tal-impjiegi; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni u tal-politiki diġitali tqis l-impatt tagħhom fuq l-SMEs;

Or. en

Emenda 70
Georgios Aftias

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jilqa' l-infurzar tar-Regolament dwar is-Sussidji Barranin sabiex jiġu indirizzati d-distorsjonijiet ikkawżati minn investimenti barranin; jilqa' l-Linji Gwida tar-Regolament dwar is-Sussidji Barranin; jissuġġerixxi li jiġu indirizzati d-distorsjonijiet kummerċjali permezz tar-Regolament dwar is-Sussidji Barranin u l-iskrinjar tal-investiment dirett barrani flimkien mal-istrumenti tradizzjonali għad-difiża tal-kummerċ;	6. Jilqa' l-infurzar tar-Regolament dwar is-Sussidji Barranin sabiex jiġu indirizzati d-distorsjonijiet ikkawżati minn investimenti barranin; jilqa' l-Linji Gwida tar-Regolament dwar is-Sussidji Barranin; jissuġġerixxi li jiġu indirizzati d-distorsjonijiet kummerċjali permezz tar-Regolament dwar is-Sussidji Barranin u l-iskrinjar tal-investiment dirett barrani flimkien mal-istrumenti tradizzjonali għad-difiża tal-kummerċ; ***jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ l-infurzar tar-Regolament dwar is-Sussidji Barranin fir-rigward tal-pjattaformi online u tal-postijiet tas-suq stabbiliti f'pajjiżi terzi, inklużi dawk li jiffaċilitaw volumi kbar ta' importazzjonijiet ta' valur baxx, sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi għan-negozji tal-UE, b'mod partikolari l-SMEs;***

Or. en

Emenda 71
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jilqa' l-infurzar tar-Regolament dwar is-Sussidji Barranin ***sabiex*** jiġu indirizzati d-distorsjonijiet ikkawżati minn ***investimenti*** barranin; jilqa' l-Linji Gwida tar-Regolament dwar is-Sussidji Barranin; jissuġġerixxi li ***jiġu indirizzati d-distorsjonijiet kummerċjali permezz*** tar-Regolament dwar is-Sussidji Barranin ***u l-iskrinjar*** tal-investiment dirett barrani ***flimkien*** mal-istrumenti tradizzjonali għad-difiża tal-kummerċ;	6. Jilqa' l-infurzar tar-Regolament dwar is-Sussidji Barranin ***bħala għodda meħtieġa biex jinħolqu kundizzjonijiet ekwi u*** jiġu indirizzati d-distorsjonijiet ***tas-suq*** ikkawżati minn ***sussidji*** barranin; jilqa' l-Linji Gwida tar-Regolament dwar is-Sussidji Barranin; ***jitlob li l-infurzar tar-Regolament dwar is-Sussidji Barranin ikun proporzjonat, prevedibbli u bbażat fuq evidenza ċara ta' distorsjoni;*** jissuġġerixxi li ***l-infurzar*** tar-Regolament dwar is-Sussidji Barranin ***ikun ikkoordinat mal-iskrinjar*** tal-investiment dirett barrani ***u*** mal-istrumenti tradizzjonali għad-difiża tal-kummerċ; ***jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-SMEs u t-tranżazzjonijiet iżgħar ma jkollhomx piż sproporzjonat minħabba l-obbligi ta' konformità tar-Regolament dwar is-Sussidji Barranin;***

Or. en

Emenda 72
Antonio López-Istúriz White, Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jilqa' l-infurzar tar-Regolament dwar is-Sussidji Barranin sabiex jiġu indirizzati d-distorsjonijiet ikkawżati minn investimenti barranin; jilqa' l-Linji Gwida tar-Regolament dwar is-Sussidji Barranin; jissuġġerixxi li jiġu indirizzati d-distorsjonijiet kummerċjali permezz tar-Regolament dwar is-Sussidji Barranin u l-iskrinjar tal-investiment dirett barrani flimkien mal-istrumenti tradizzjonali għad-difiża tal-kummerċ;	6. Jilqa' l-infurzar tar-Regolament dwar is-Sussidji Barranin sabiex jiġu indirizzati d-distorsjonijiet ikkawżati minn investimenti barranin; jilqa' l-Linji Gwida tar-Regolament dwar is-Sussidji Barranin; jissuġġerixxi li jiġu indirizzati d-distorsjonijiet kummerċjali permezz tar-Regolament dwar is-Sussidji Barranin u l-iskrinjar tal-investiment dirett barrani flimkien mal-istrumenti tradizzjonali għad-difiża tal-kummerċ; ***iħeġġeġ madankollu***

	lill-Kummissjoni tieħu vantaġġ mill-eżerċizzju ta' reviżjoni attwali tagħhom tar-Regolament dwar is-Sussidji Barranin biex tittejjeb il-proċedura u jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi u proċedurali għall-kumpaniji;

Or. en

Emenda 73
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tqis l-Intelliġenza Artifiċjali (IA) ***u s-servizzi*** tal-cloud bħala servizzi ewlenin tal-pjattaforma fi ħdan l-Att dwar is-Swieq Diġitali; jitlob lill-Kummissjoni tinkludi lill-SMEs fil-konsultazzjonijiet ta' rieżami tal-Att dwar is-Swieq Diġitali;	13. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tqis l-Intelliġenza Artifiċjali (IA)***, is-servizzi*** tal-cloud***, is-servizzi ewlenin tal-assistent virtwali u s-sistemi operattivi għat-TV konness u huma pprovduti mill-gwardjani*** bħala servizzi ewlenin tal-pjattaforma fi ħdan l-Att dwar is-Swieq Diġitali; jitlob lill-Kummissjoni tinkludi lill-SMEs fil-konsultazzjonijiet ta' rieżami tal-Att dwar is-Swieq Diġitali;

Or. en

Emenda 147
Stéphanie Yon-Courtin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tqis l-Intelliġenza Artifiċjali (IA) ***u s-servizzi*** tal-cloud bħala servizzi ewlenin tal-pjattaforma fi ħdan l-Att dwar is-Swieq Diġitali; jitlob lill-Kummissjoni tinkludi lill-SMEs fil-konsultazzjonijiet ta' rieżami	13. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tqis l-Intelliġenza Artifiċjali (IA)***, is-servizzi*** tal-cloud***, is-servizzi ewlenin tal-assistent virtwali u s-sistemi operattivi għat-TV konness*** bħala servizzi ewlenin tal-pjattaforma fi ħdan l-Att dwar is-Swieq

tal-Att dwar is-Swieq Diġitali;	Diġitali; jitlob lill-Kummissjoni tinkludi lill-SMEs fil-konsultazzjonijiet ta' rieżami tal-Att dwar is-Swieq Diġitali;

Or. en

Emenda 148
Andreas Schwab

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. ***Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tqis l-Intelliġenza Artifiċjali (IA) u s-servizzi tal-cloud bħala servizzi ewlenin tal-pjattaforma fi ħdan l-Att dwar is-Swieq Diġitali;*** jitlob lill-Kummissjoni tinkludi lill-SMEs fil-konsultazzjonijiet ta' rieżami tal-Att dwar is-Swieq Diġitali;	13. Jitlob lill-Kummissjoni tinkludi lill-SMEs ***u lill-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi*** fil-konsultazzjonijiet ta' rieżami tal-Att dwar is-Swieq Diġitali;

Or. en

Emenda 149
Marco Squarta

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. ***Iħeġġeġ*** lill-Kummissjoni ***tqis l-Intelliġenza*** Artifiċjali (IA) u ***s-servizzi*** tal-cloud bħala servizzi ewlenin tal-pjattaforma fi ħdan l-Att dwar is-Swieq Diġitali; jitlob lill-Kummissjoni tinkludi lill-SMEs fil-konsultazzjonijiet ta' rieżami tal-Att dwar is-Swieq Diġitali;	13. ***Jistieden*** lill-Kummissjoni ***tivvaluta bir-reqqa liema servizzi tal-Intelliġenza*** Artifiċjali (IA) u tal-cloud ***jitqiesu*** bħala servizzi ewlenin tal-pjattaforma fi ħdan l-Att dwar is-Swieq Diġitali; jitlob lill-Kummissjoni tinkludi lill-SMEs fil-konsultazzjonijiet ta' rieżami tal-Att dwar is-Swieq Diġitali;

Or. en

Emenda 150
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tqis ***l-Intelliġenza*** Artifiċjali (IA) u s-servizzi tal-cloud bħala servizzi ewlenin tal-pjattaforma fi ħdan l-Att dwar is-Swieq Diġitali; jitlob lill-Kummissjoni tinkludi lill-SMEs fil-konsultazzjonijiet ta' rieżami tal-Att dwar is-Swieq Diġitali;	13. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tqis ***iċ-chatbots tal-Intelliġenza*** Artifiċjali (IA) u s-servizzi tal-cloud bħala servizzi ewlenin tal-pjattaforma fi ħdan l-Att dwar is-Swieq Diġitali; jitlob lill-Kummissjoni tinkludi lill-SMEs fil-konsultazzjonijiet ta' rieżami tal-Att dwar is-Swieq Diġitali;

Or. en

Emenda 151
Adnan Dibrani, Niels Fuglsang, Aurore Lalucq, Eero Heinäluoma, Lara Wolters, Thomas Bajada, Irene Tinagli, Nikos Papandreou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jinnota d-deċiżjonijiet dwar in-nonkonformità fl-2025 adottati skont l-Att dwar is-Swieq Diġitali kontra Apple u Meta; jinnota li l-multi relattivament modesti imposti jqajmu mistoqsijiet dwar jekk l-Att dwar is-Swieq Diġitali huwiex b'saħħtu biżżejjed biex jiżgura l-ftuħ effettiv tas-suq u biex jippermetti lill-fornituri Ewropej tal-aċċessorji, tal-kartieri u tal-pjattaformi alternattivi tal-apps jikkompetu għall-konsumaturi aħħarin;

Or. en

Emenda 152
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jisħaq li l-infurzar tal-Att dwar is-Swieq Diġitali japplika għall-parteċipanti kollha fis-suq irrispettivament min-nazzjonalità; jinnota l-istatus ta' gwardjan ta' Booking u jfakkar li l-awtoritajiet Franċiżi u Spanjoli ppenalizzaw lill-kumpanija fuq il-klawżoli ta' parità tagħha; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tieħu azzjoni deċiżiva kif xieraq;	***imħassar***

Or. en

Emenda 153
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jisħaq li l-infurzar tal-Att dwar is-Swieq Diġitali japplika għall-parteċipanti kollha fis-suq irrispettivament min-nazzjonalità; jinnota l-istatus ta' gwardjan ta' Booking u jfakkar li l-awtoritajiet Franċiżi u Spanjoli ppenalizzaw lill-kumpanija fuq il-klawżoli ta' parità tagħha; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tieħu azzjoni deċiżiva kif xieraq;	14. Jisħaq li l-infurzar tal-Att dwar is-Swieq Diġitali japplika għall-parteċipanti kollha fis-suq irrispettivament min-nazzjonalità; jinnota l-istatus ta' gwardjan ta' Booking u jfakkar li l-awtoritajiet Franċiżi u Spanjoli ppenalizzaw lill-kumpanija fuq il-klawżoli ta' parità tagħha; ***josserva bi thassib li Alphabet sfruttat id-dominanza tagħha fit-tiftix online ġenerali biex tiffavorixxi s-servizzi tagħha stess fis-swieq diġitali kontigwi u jinnota li hemm riskju li prattiki bħal dawn jimminaw il-kompetizzjoni ġusta u jillimitaw l-għażla tal-utenti fl-Unjoni; ifakkar li qed joqrob il-limitu ta' 12-il xahar stabbilit fl-Artikolu 29(2) tal-Att dwar is-Swieq Diġitali biex tiġi adottata deċiżjoni ta' nonkonformità kontra Alphabet; jistieden lill-Kummissjoni teskala l-infurzar meta jkun meħtieġ permezz ta' miżuri interim u penali***

perjodiċi; jinnota l-użu ta' kontrolli tal-prezzijiet minn Amazon li jistgħu jagħmlu ħsara lill-ekwità u lill-kontestabbiltà tal-postijiet tas-suq online fl-UE u jilqa' d-deċiżjoni mill-Uffiċċju Federali Ġermaniż tal-Kartelli li jieħu azzjoni kontra l-abbuż tas-saħħa fis-suq minn Amazon skont is-superviżjoni estiża tal-abbuż (l-Artikolu 19a tal-GWB), flimkien mal-Kummissjoni Ewropea; jitlob, f'dan il-kuntest, koordinazzjoni aħjar bejn l-Uffiċċju Federali tal-Kartelli u d-DĠ Kompetizzjoni fl-infurzar tal-Att dwar is-Swieq Diġitali; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tieħu azzjoni deċiżiva kif xieraq;

Or. en

Emenda 154
Stéphanie Yon-Courtin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jisħaq li l-infurzar tal-Att dwar is-Swieq Diġitali japplika għall-parteċipanti kollha fis-suq irrispettivament min-nazzjonalità; jinnota l-istatus ta' gwardjan ta' Booking u jfakkar li l-awtoritajiet Franċiżi u Spanjoli ppenalizzaw lill-kumpanija fuq il-klawżoli ta' parità tagħha; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tieħu azzjoni deċiżiva kif xieraq;	14. Jisħaq li l-infurzar tal-Att dwar is-Swieq Diġitali japplika għall-parteċipanti kollha fis-suq irrispettivament min-nazzjonalità; jinnota l-istatus ta' gwardjan ta' Booking u jfakkar li l-awtoritajiet Franċiżi u Spanjoli ppenalizzaw lill-kumpanija fuq il-klawżoli ta' parità tagħha; ***jinnota l-prattiki ta' restrizzjoni tal-prezzijiet minn Amazon li jistgħu jagħmlu ħsara lill-ekwità u lill-kontestabbiltà tal-postijiet tas-suq online fl-UE; jinnota l-użu qawwi ta' tekniki komportamentali u lingwaġġ mhux newtrali fl-interfaċċi tal-utenti li jimminaw it-teħid ta' deċiżjonijiet u l-għażla libera tal-utenti aħħarin fil-biċċa l-kbira tal-interfaċċi tal-utenti;*** iħeġġeġ lill-Kummissjoni tieħu azzjoni deċiżiva kif xieraq;

Or. en

Emenda 155
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jisħaq li l-infurzar tal-Att dwar is-Swieq Diġitali japplika ***għall-parteċipanti*** kollha ***fis-suq*** irrispettivament min-nazzjonalità; ***jinnota l-istatus ta' gwardjan ta' Booking u jfakkar li*** l-awtoritajiet ***Franċiżi u Spanjoli ppenalizzaw lill-kumpanija fuq il-klawżoli ta' parità tagħha***; iħeġġeġ lill-Kummissjoni ***tieħu azzjoni deċiżiva kif xieraq***;	14. Jisħaq li l-infurzar tal-Att dwar is-Swieq Diġitali japplika ***għall-gwardjani*** kollha ***dežinjati*** irrispettivament min-nazzjonalità ***jew mill-oriġini, u jistieden lill-Kummissjoni tapplika l-obbligi tal-Att dwar is-Swieq Diġitali b'mod konsistenti u mingħajr selettività***; ***jilqa' l-koordinazzjoni bejn il-Kummissjoni u*** l-awtoritajiet ***nazzjonali tal-kompetizzjoni dwar il-kondotta relatata mal-Att dwar is-Swieq Diġitali***; iħeġġeġ lill-Kummissjoni ***taġixxi b'mod deċiżiv fejn l-obbligi ta' parità jew prattiki restrittivi oħra mill-gwardjani jagħmlu ħsara lill-kontestabbiltà tas-suq***;

Or. en

Emenda 156
Marco Falcone

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jisħaq li l-infurzar tal-Att dwar is-Swieq Diġitali japplika għall-parteċipanti kollha fis-suq irrispettivament min-nazzjonalità; ***jinnota l-istatus ta' gwardjan ta' Booking u jfakkar li l-awtoritajiet Franċiżi u Spanjoli ppenalizzaw lill-kumpanija fuq il-klawżoli ta' parità tagħha; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tieħu azzjoni deċiżiva kif xieraq;***	14. Jisħaq li l-infurzar tal-Att dwar is-Swieq Diġitali japplika għall-parteċipanti kollha fis-suq irrispettivament min-nazzjonalità;

Or. en

Emenda 157
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jisħaq li l-infurzar tal-Att dwar is-Swieq Diġitali japplika għall-parteċipanti kollha fis-suq irrispettivament min-nazzjonalità; ***jinnota l-istatus ta' gwardjan ta' Booking u jfakkar li l-awtoritajiet Franċiżi u Spanjoli ppenalizzaw lill-kumpanija fuq il-klawżoli ta' parità tagħha;*** iħeġġeġ lill-Kummissjoni tieħu azzjoni deċiżiva kif xieraq;	14. Jisħaq li l-infurzar tal-Att dwar is-Swieq Diġitali japplika għall-parteċipanti kollha fis-suq irrispettivament min-nazzjonalità; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tieħu azzjoni deċiżiva kif xieraq;

Or. es

Emenda 158
Andreas Schwab

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jisħaq li l-infurzar tal-Att dwar is-Swieq Diġitali japplika għall-parteċipanti kollha fis-suq irrispettivament min-nazzjonalità; jinnota l-istatus ta' gwardjan ta' Booking u jfakkar li l-awtoritajiet Franċiżi u Spanjoli ppenalizzaw lill-kumpanija fuq il-klawżoli ta' parità tagħha; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tieħu azzjoni ***deċiżiva kif xieraq***;	14. Jisħaq li l-infurzar tal-Att dwar is-Swieq Diġitali japplika għall-parteċipanti kollha fis-suq irrispettivament min-nazzjonalità; jinnota l-istatus ta' gwardjan ta' Booking u jfakkar li l-awtoritajiet Franċiżi u Spanjoli ppenalizzaw lill-kumpanija fuq il-klawżoli ta' parità tagħha; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tieħu azzjoni ***simili***;

Or. en

Emenda 159
Stéphanie Yon-Courtin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Jistieden lill-Kummissjoni teżamina, fil-kuntest tal-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar is-Suq Uniku Diġitali, l-abbużi potenzjali mill-gwardjani skont l-Att dwar is-Swieq Diġitali fin-negozjati tagħhom mal-edituri tal-istampa, b'mod partikolari jekk negozjati bħal dawn jikkonformawx mal-obbligi FRAND (ġusti, raġonevoli, u mhux diskriminatorji), filwaqt li jiżguraw remunerazzjoni ekwa, termini trasparenti, u aċċess mhux diskriminatorju għal udjenzi online;

Or. en

Emenda 160
Adnan Dibrani, Niels Fuglsang, Aurore Lalucq, Eero Heinäluoma, Lara Wolters, Thomas Bajada, Irene Tinagli

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Jirrikonoxxi l-eżistenza ta' bażi legali għal rimedji strutturali kontra l-abbuż ta' pożizzjoni dominanti fis-suq; jesprimi dispjaċir għan-nuqqas ta' rieda mill-Kummissjoni li tindirizza l-pożizzjoni dominanti fis-suq permezz ta' rimedji strutturali; itenni l-istedina tiegħu biex isir użu aħjar mir-rimedji strutturali u tintemm il-primazija mogħtija lir-rimedji komportamentali;

Or. en

Emenda 161
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel użu mill-għodda kontra ċ-ċirkomvenzjoni stabbilita fl-Artikolu 13 tal-Att dwar is-Swieq Diġitali;

Or. en

Emenda 162
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14b. Jenfasizza li l-effettività tal-Att dwar is-Swieq Diġitali tiddependi wkoll minn oqfsa regolatorji li jinżammu robusti għall-ekonomija diġitali, inklużi l-GDPR, l-Att dwar id-Data u l-Att dwar l-IA, u jwissi kontra treġġigħ lura deregolatorju li jista' jdgħajjef dawk l-oqfsa u jaffettwa b'mod negattiv il-kompetizzjoni ħielsa fi swieq diġitali;

Or. en

Emenda 163
Adnan Dibrani, Nikos Papandreou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14b. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel użu sħiħ mill-Artikolu 13 biex tiġi indirizzata kwalunkwe ċirkomvenzjoni mill-gwardjani tal-obbligi tagħhom skont

l-Artikoli 5 u 6;

Or. en

Emenda 164
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Jappella għall-infurzar tar-regoli kollha tal-kompetizzjoni biex jiġu indirizzati l-prattiki tal-gwardjani u jitrawmu swieq kontestabbli u kompetizzjoni ġusta;

Or. en

Emenda 165
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tuża miżuri interim biex twaqqaf kwalunkwe prattika li tagħmel ħsara lill-kompetizzjoni, speċjalment fi swieq diġitali li qed jevolvu malajr; jistieden lill-Kummissjoni timmodernizza r-Regolament (KE) Nru 1/2003 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (KE) Nru 773/2004 fir-rieżami li jmiss tagħha, speċjalment fir-rigward tal-użu ta' miżuri interim;	15. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tuża miżuri interim biex twaqqaf kwalunkwe prattika li tagħmel ħsara lill-kompetizzjoni, speċjalment fi swieq diġitali li qed jevolvu malajr; jistieden lill-Kummissjoni timmodernizza r-Regolament (KE) Nru 1/2003 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (KE) Nru 773/2004 fir-rieżami li jmiss tagħha, speċjalment fir-rigward tal-użu ta' miżuri interim; ***jilqa' l-proposta tar-rapport Draghi għal għodda flessibbli li tinvestiga s-suq (l-"Għodda Ġdida tal-Kompetizzjoni") biex jiġu indirizzati fallimenti tas-suq li ma jistgħux jiġu indirizzati b'mod effettiv skont l-Artikoli 101 u 102 attwali tat-TFUE; jistieden lill-Kummissjoni tintroduċi***

għodda bħal din biex tikkomplementa l-qafas eżistenti;

Or. en

Emenda 166
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tuża miżuri interim biex twaqqaf kwalunkwe prattika li tagħmel ħsara lill-kompetizzjoni, speċjalment fi swieq diġitali li qed jevolvu malajr; jistieden lill-Kummissjoni timmodernizza r-Regolament (KE) Nru 1/2003 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (KE) Nru 773/2004 fir-rieżami li jmiss tagħha, speċjalment fir-rigward tal-użu ta' miżuri interim;	15. ***Jistieden lill-Kummissjoni tindirizza investigazzjonijiet antitrust eċċessivament twal li matulhom il-kumpaniji jkomplu jibbenefikaw mill-prattiki antikompetittivi tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni tintroduċi limitu ta' żmien għall-każijiet antitrust sabiex tiżgura l-effettività tar-regoli tal-UE;*** Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tuża miżuri interim biex twaqqaf kwalunkwe prattika li tagħmel ħsara lill-kompetizzjoni, speċjalment fi swieq diġitali li qed jevolvu malajr; jistieden lill-Kummissjoni timmodernizza r-Regolament (KE) Nru 1/2003 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (KE) Nru 773/2004 fir-rieżami li jmiss tagħha, speċjalment fir-rigward tal-użu ta' miżuri interim;

Or. en

Emenda 167
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. ***Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tuża miżuri interim biex twaqqaf kwalunkwe prattika li tagħmel ħsara lill-***	15. Jistieden lill-Kummissjoni timmodernizza r-Regolament (KE) Nru 1/2003 u r-Regolament ta'

kompetizzjoni, speċjalment fi swieq diġitali li qed jevolvu malajr; jistieden lill-Kummissjoni timmodernizza r-Regolament (KE) Nru 1/2003 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (KE) Nru 773/2004 ***fir-rieżami li jmiss tagħha, speċjalment fir-rigward tal-użu ta'*** miżuri interim;	Implimentazzjoni (KE) Nru 773/2004 ***biex jittejbu l-effiċjenza, iċ-ċertezza tad-dritt u l-proporzjonalità tal-infurzar antitrust tal-UE; jappoġġja qafas iċċarat għal*** miżuri interim ***f'każijiet ta' ħsara serja jew irreparabbli lill-kompetizzjoni, b'salvagwardji xierqa għall-proċess dovut***; ***jitlob limiti ta' żmien proċedurali vinkolanti fuq l-investigazzjonijiet antitrust biex jiġi pprevenut dewmien żejjed li jagħmel ħsara liċ-ċertezza tad-dritt u lid-drittijiet tad-difiża;***
	Or. en

Emenda 168
Marco Squarta

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ***tuża miżuri*** interim biex twaqqaf kwalunkwe prattika li tagħmel ħsara lill-kompetizzjoni, speċjalment fi swieq diġitali li qed jevolvu malajr; jistieden lill-Kummissjoni timmodernizza ***r-Regolament*** (KE) Nru 1/2003 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (KE) Nru 773/2004 fir-rieżami li jmiss tagħha, speċjalment fir-rigward tal-użu ta' miżuri interim;	15. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ***tagħmel użu xieraq mill-miżuri*** interim biex twaqqaf kwalunkwe prattika li tagħmel ħsara lill-kompetizzjoni, speċjalment fi swieq diġitali li qed jevolvu malajr; jistieden lill-Kummissjoni timmodernizza ***u ttejjeb l-effiċjenza tar-Regolament*** (KE) Nru 1/2003 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (KE) Nru 773/2004 fir-rieżami li jmiss tagħha, speċjalment fir-rigward tal-użu ta' miżuri interim;
	Or. en

Emenda 169
Andreas Schwab

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

15. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ***tuża*** miżuri interim biex twaqqaf kwalunkwe prattika li tagħmel ħsara lill-kompetizzjoni, speċjalment fi swieq diġitali li qed jevolvu malajr; jistieden lill-Kummissjoni timmodernizza r-Regolament (KE) Nru 1/2003 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (KE) Nru 773/2004 fir-rieżami li jmiss tagħha, speċjalment fir-rigward tal-użu ta' miżuri interim;	15. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ***terġa' tqis l-użu ta'*** miżuri interim biex twaqqaf kwalunkwe prattika li tagħmel ħsara lill-kompetizzjoni, speċjalment fi swieq diġitali li qed jevolvu malajr; jistieden lill-Kummissjoni timmodernizza r-Regolament (KE) Nru 1/2003 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (KE) Nru 773/2004 fir-rieżami li jmiss tagħha, speċjalment fir-rigward tal-użu ta' miżuri interim;
	Or. en

Emenda 170
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15a. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-kapaċitajiet ta' detezzjoni ex officio tagħha kemm fil-kontroll tal-fużjonijiet kif ukoll fl-infurzar antitrust billi żżid ir-riżorsi umani u tekniċi ddedikati għall-monitoraġġ preventiv tas-swieq; jisħaq fuq il-ħtieġa li titnaqqas id-dipendenza mill-ilmenti esterni jew il-programmi ta' klemenza u li jsir investiment f'għodod diġitali avvanzati biex jiġu identifikati distorsjonijiet tas-suq b'mod indipendenti u fi stadju bikri;
	Or. en

Emenda 171
Jussi Saramo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15a. Jinnota li kumpaniji fil-ktajjen ta'

provvista tal-ikel u tal-enerġija kellhom profitti għoljin b'mod anormali fil-perjodu ta' inflazzjoni għolja bejn l-2021 u l-2023; jinnota li dawn il-profitti kienu parzjalment xprunati minn livelli għoljin ta' monopolizzazzjoni; jitlob lill-awtoritajiet tal-kompetizzjoni jindirizzaw il-konċentrazzjoni tas-suq f'dawn is-setturi;

Or. en

Emenda 172
Pierre Pimpie, Enikő Győri

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15a. Billi l-Unjoni Ewropea għadha teknoloġikament lura meta mqabbla ma' setgħat ewlenin oħra bħall-Istati Uniti u ċ-Ċina; jistieden lill-Kummissjoni ma tadottax miżuri li jistgħu jxekklu l-innovazzjoni;

Or. en

Emenda 173
Jussi Saramo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15b. Jinnota li l-politika tal-kompetizzjoni għandha wkoll rwol x'taqdi f'sitwazzjonijiet li fihom l-impriżi f'pożizzjoni dominati fiq-suq jabbużaw mill-vantaġġ tagħhom u jgħollu l-prezzijiet b'mod eċċessiv; jirreferi, f'dan ir-rigward, għall-Artikolu 102 tat-TFUE li jipprojbixxi mġiba abbużiva minn

kumpaniji li jkollhom pożizzjoni dominanti fi kwalunkwe suq;

Or. en

Emenda 174
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jafferma mill-ġdid għal kooperazzjoni b'saħħitha bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni fi ħdan in-Network Ewropew għall-Kompetizzjoni;	16. Jafferma mill-ġdid għal kooperazzjoni b'saħħitha ***u effettiva*** bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni ***(NCAs)*** fi ħdan in-Network Ewropew għall-Kompetizzjoni ***(NEK)***; ***jitlob konverġenza mtejba tal-istandards tal-infurzar, kondiviżjoni f'waqtha tal-informazzjoni, u allokazzjoni ċara tal-kompetenzi biex jiġu evitati proċedimenti duplikati; jissottolinja li l-NCAs jeħtiġilhom jibqgħu politikament indipendenti u b'biżżejjed riżorsi, u li d-Direttiva NEK+ għandha tiġi trasposta u implimentata bis-shiħ u b'mod konsistenti fl-Istati Membri kollha;***

Or. en

Emenda 175
Stéphanie Yon-Courtin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jafferma mill-ġdid għal kooperazzjoni b'saħħitha bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni fi ħdan in-Network Ewropew għall-Kompetizzjoni;	16. Jafferma mill-ġdid għal kooperazzjoni b'saħħitha bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni fi ħdan in-Network Ewropew għall-Kompetizzjoni; ***jisħaq li n-NEK jeħtieġ li jgħaddi mill-***

koordinazzjoni għal forma integrata bis-sħiħ tal-kooperazzjoni, bil-ħsieb li tissaħħaħ il-kosteffiċjenza u tittejjeb il-ġestjoni tal-aspetti transfruntiera, fosthom billi jiġu permessi investigazzjonijiet konġunti u teħid ta' deċiżjonijiet konġunt; jistieden lin-NEK ikompli jiggwida lill-kumpaniji, speċjalment lill-SMEs, fl-applikazzjoni tal-ġabra ta' regoli tal-kompetizzjoni;

Or. en

Emenda 176
Georgios Aftias

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jafferma mill-ġdid għal kooperazzjoni b'saħħitha bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni fi ħdan in-Network Ewropew għall-Kompetizzjoni;	16. Jafferma mill-ġdid għal kooperazzjoni b'saħħitha bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni fi ħdan in-Network Ewropew għall-Kompetizzjoni; ***jitlob koordinazzjoni mtejba, investigazzjonijiet konġunti u mekkaniżmi għall-kondiviżjoni ta' informazzjoni li jimmiraw b'mod speċifiku l-pjattaformi diġitali transfruntiera li joperaw fl-UE minn pajjiżi terzi, inkluża l-kooperazzjoni mal-awtoritajiet doganali, mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u mal-awtoritajiet għall-protezzjoni tal-konsumatur;***

Or. en

Emenda 177
Andreas Schwab

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jafferma mill-ġdid għal kooperazzjoni b'saħħitha bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni fi ħdan in-Network Ewropew għall-Kompetizzjoni;	16. Jafferma mill-ġdid għal kooperazzjoni b'saħħitha bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni fi ħdan in-Network Ewropew għall-Kompetizzjoni; ***kif imsaħħaħ mid-Direttiva (UE) 2019/1 (id-Direttiva NEK+); jissottolinja li l-infurzar koordinat fin-NEK għandu jtejjeb, u mhux jifframmenta, l-applikazzjoni effettiva tal-qafas tal-Unjoni għall-kompetizzjoni diġitali;***

Or. en

Emenda 178
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jafferma mill-ġdid għal kooperazzjoni b'saħħitha bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni fi ħdan in-Network Ewropew għall-Kompetizzjoni;	16. Jafferma mill-ġdid għal kooperazzjoni b'saħħitha bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni fi ħdan in-Network Ewropew għall-Kompetizzjoni***, kif ukoll mal-atturi kkonċernati rilevanti u mal-organizzazzjonijiet tal-konsumatur***;

Or. en

Emenda 179
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16a. Ifakkar li l-politika tal-kompetizzjoni għandha mhux biss tindirizza s-saħħa fis-suq ex post, iżda

wkoll tippromwovi l-kundizzjonijiet għad-dħul fis-suq, għall-espansjoni u għall-innovazzjoni; jissottolinja li kompetizzjoni dinamika tirrikjedi qafas li jiffaċilita r-riallokazzjoni effiċjenti tal-kapital u tar-riżorsi lejn ditti aktar produttivi u innovattivi, filwaqt li jipprevjeni pożizzjoni dominanti fis-suq u mġiba li tfittex ir-redditu;

Or. en

Emenda 180
Georgios Aftias

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16a. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi djalogu strutturat mal-partijiet ikkonċernati ewlenin, inklużi l-kmamar tal-kummerċ u tal-industrija, l-assoċjazzjonijiet tal-SMEs u l-organizzazzjonijiet tal-konsumatur, sabiex timmonitorja b'mod sistematiku u tindirizza d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni marbuta ma' pjattaformi minn pajjiżi terzi;

Or. en

Emenda 181
Adnan Dibrani, Jonás Fernández, Niels Fuglsang, Aurore Lalucq, Eero Heinäluoma, Lara Wolters, Thomas Bajada, César Luena, Irene Tinagli, Nikos Papandreou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16a. Jistieden lill-Kummissjoni tindirizza investigazzjonijiet antitrust eċċessivament twal li matulhom il-

kumpaniji jkomplu jibbenefikaw mill-prattiki antikompetittivi tagħhom;

Or. en

Emenda 182
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16b. Jistieden lill-Kummissjoni tevalwa l-ħtieġa ta' għodod ġodda ta' intervent ex ante fis-swieq diġitali biex tiġi pprevenuta ħsara irreparabbli lill-kompetizzjoni; jisħaq li l-mekkaniżmi ex post tradizzjonali spiss ma jkunux effettivi biex jindirizzaw il-veloċità li biha s-suq ixaqleb ħafna lejn naħa waħda, li tkun xprunata mill-effetti tan-network u mill-akkumulazzjoni ta' data; jitlob ukoll gwida mtejba għall-impriżi bbażata fuq valutazzjonijiet rigoruż tal-impatt ex ante biex tiġi żgurata ċ-ċertezza tad-dritt u jitrawwem ambjent regolatorju aktar prevedibbli;

Or. en

Emenda 183
Georgios Aftias

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16b. Jagħraf ir-rwol importanti tal-kmamar tal-kummerċ u tal-industrija biex jiġu identifikati d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni li jaffettwaw lill-SMEs; jistieden lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni

jsaħħu l-kooperazzjoni ma' dawn il-kmamar għall-ġbir ta' data u għad-detezzjoni bikrija ta' prattiki antikompetittivi;

Or. en

Emenda 184
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16c. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni twettaq studju komprensiv dwar l-effett deterrenti tal-multi tagħha u taġġorna l-metodoloġija tagħha tal-kalkolu; jinsisti li s-sanzjonijiet iridu jkunu biżżejjed għoljin biex jaqbżu l-benefiċċju ekonomiku illeċitu li jiġi mill-ksur, ħalli jiġi żgurat li l-multi jservu ta' deterrent ġenwin aktar milli sempliċi "kost tan-negozju" għall-impriżi kbar;

Or. en

Emenda 185
Georgios Aftias

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16c. Iħeġġeġ investigazzjonijiet konġunti u azzjonijiet koordinati ta' infurzar bejn il-Kummissjoni u l-Awtoritajiet Nazzjonali tal-Kompetizzjoni, sabiex jiġu indirizzati b'mod effettiv il-każijiet kumplessi li jaffettwaw lill-SMEs u lill-konsumaturi;

Or. en

Emenda 186
Georgios Aftias

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	***16d. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Awtoritajiet Nazzjonali tal-Kompetizzjoni jistabbilixxu mekkaniżmi tal-ilmenti li jkunu faċilment aċċessibbli u faċli biex jintużaw mill-SMEs għall-prattiki antikompetittivi, filwaqt li tiġi żgurata l-ġestjoni rapida u effettiva tal-każijiet;**

Or. en

Emenda 187
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jinnota l-investigazzjonijiet attwali ta' kumpaniji bbażati fl-Istati Uniti, inkluża l-investigazzjoni preliminari tal-Kummissjoni dwar it-tariffi tal-Visa u tal-Mastercard; jistieden lill-Kummissjoni tkompli din l-investigazzjoni u taġixxi biex tippreserva l-kompetizzjoni Ewropea; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi rieżaminat ir-Regolament dwar it-Tariffi tal-Interkambju biex tiġi indirizzata ż-żieda fit-tariffi tal-iskemi tal-kards u jiġi żgurat suq kompetittiv u trasparenti għall-Ewropej;	17. Jinnota l-investigazzjonijiet attwali ta' kumpaniji bbażati fl-Istati Uniti, inkluża l-investigazzjoni preliminari tal-Kummissjoni dwar it-tariffi tal-Visa u tal-Mastercard; jistieden lill-Kummissjoni tkompli din l-investigazzjoni u taġixxi biex tippreserva l-kompetizzjoni Ewropea; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi rieżaminat ir-Regolament dwar it-Tariffi tal-Interkambju biex tiġi indirizzata ż-żieda fit-tariffi tal-iskemi tal-kards u jiġi żgurat suq kompetittiv u trasparenti għall-Ewropej; ***jenfasizza li l-euro diġitali huwa opportunità kruċjali biex tinħoloq ekosistema Ewropea tal-pagamenti li tkun tassew kompetittiva u sovrana, biex titnaqqas id-dipendenza minn fornituri bbażati fl-Istati Uniti u jitnaqqsu t-tariffi għoljin tan-negozjanti li jaffettwaw lill-***

biċċa l-kbira tan-negozji żgħar fl-Ewropa bħala riżultat tad-duwopolju attwali;

Or. en

Emenda 188
Adnan Dibrani, Jonás Fernández, Niels Fuglsang, Aurore Lalucq, Eero Heinäluoma, Lara Wolters, Thomas Bajada, César Luena, Irene Tinagli, Nikos Papandreou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jinnota l-investigazzjonijiet attwali ta' kumpaniji bbażati fl-Istati Uniti, inkluża l-investigazzjoni preliminari tal-Kummissjoni dwar it-tariffi tal-Visa u tal-Mastercard; jistieden lill-Kummissjoni tkompli din l-investigazzjoni u taġixxi biex tippreserva l-kompetizzjoni Ewropea; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi rieżaminat ir-Regolament dwar it-Tariffi tal-Interkambju biex tiġi indirizzata ż-żieda fit-tariffi tal-iskemi tal-kards u jiġi żgurat suq kompetittiv u trasparenti għall-Ewropej;	17. Jinnota l-investigazzjonijiet attwali ta' kumpaniji bbażati fl-Istati Uniti, inkluża l-investigazzjoni preliminari tal-Kummissjoni dwar it-tariffi tal-Visa u tal-Mastercard; jistieden lill-Kummissjoni tkompli din l-investigazzjoni u taġixxi biex tippreserva l-kompetizzjoni Ewropea; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi rieżaminat ir-Regolament dwar it-Tariffi tal-Interkambju biex tiġi indirizzata ż-żieda fit-tariffi tal-iskemi tal-kards u jiġi żgurat suq kompetittiv u trasparenti għall-Ewropej; ***isostni li l-introduzzjoni ta' euro diġitali bħala infrastruttura pubblika Ewropea tal-ħlas u l-forma diġitali tal-munita unika se jnaqqsu d-dipendenza żejda mill-iskemi tal-kards ta' pajjiżi terzi;***

Or. en

Emenda 189
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jinnota ***l-investigazzjonijiet attwali ta' kumpaniji bbażati fl-Istati Uniti, inkluża l-investigazzjoni preliminari tal-***	17. Jinnota ***t-tħassib dwar il-kompetizzjoni fis-suq Ewropew tal-pagamenti***, ***inklużi l-kwistjonijiet relatati***

Kummissjoni dwar it-tariffi tal-Visa u tal-Mastercard; jistieden lill-Kummissjoni ***tkompli din l-investigazzjoni u taġixxi biex tippreserva l-kompetizzjoni Ewropea***; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi rieżaminat ir-Regolament dwar it-Tariffi tal-Interkambju biex tiġi ***indirizzata ż-żieda*** fit-tariffi ***tal-iskemi tal-kards u jiġi żgurat suq kompetittiv u trasparenti għall-Ewropej***;

mat-tariffi interbankarji u tal-iskemi tal-kards; jistieden lill-Kummissjoni ***tiżgura li s-suq tal-pagamenti jibqa' kompetittiv, trasparenti u aċċessibbli għall-konsumaturi u għan-negozji***; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi rieżaminat ir-Regolament dwar it-Tariffi tal-Interkambju biex tiġi ***vvalutata l-effettività tiegħu fl-indirizzar taż-żieda*** fit-tariffi; ***jistieden lill-Kummissjoni tikkonkludi l-investigazzjonijiet li għaddejjin bħalissa fis-settur tal-pagamenti mingħajr dewmien żejjed***;

Or. en

Emenda 190
Marco Falcone

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jinnota l-investigazzjonijiet attwali ta' kumpaniji bbażati ***fl-Istati Uniti***, inkluża l-investigazzjoni preliminari tal-Kummissjoni dwar it-tariffi ***tal-Visa u tal-Mastercard***; jistieden lill-Kummissjoni tkompli din l-investigazzjoni u taġixxi biex tippreserva l-kompetizzjoni Ewropea; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi rieżaminat ir-Regolament dwar it-Tariffi tal-Interkambju biex tiġi indirizzata ż-żieda fit-tariffi tal-iskemi tal-kards u jiġi żgurat suq kompetittiv u trasparenti għall-Ewropej;	17. Jinnota l-investigazzjonijiet attwali ta' kumpaniji bbażati ***f'pajjiżi terzi***, inkluża l-investigazzjoni preliminari tal-Kummissjoni dwar it-tariffi ***tas-sistemi ta' pagament***; jistieden lill-Kummissjoni tkompli din l-investigazzjoni u taġixxi biex tippreserva l-kompetizzjoni Ewropea; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi rieżaminat ir-Regolament dwar it-Tariffi tal-Interkambju biex tiġi indirizzata ż-żieda fit-tariffi tal-iskemi tal-kards u jiġi żgurat suq kompetittiv u trasparenti għall-Ewropej;

Or. en

Emenda 191
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jinnota l-investigazzjonijiet attwali ta' kumpaniji ***bbażati fl-Istati Uniti***, inkluża l-investigazzjoni preliminari tal-Kummissjoni dwar it-tariffi ***tal-Visa u tal-Mastercard***; jistieden lill-Kummissjoni tkompli din l-investigazzjoni u taġixxi biex tippreserva l-kompetizzjoni Ewropea; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi rieżaminat ir-Regolament dwar it-Tariffi tal-Interkambju biex tiġi indirizzata ż-żieda fit-tariffi tal-iskemi tal-kards u jiġi żgurat suq kompetittiv u trasparenti għall-Ewropej;	17. Jinnota l-investigazzjonijiet attwali ta' kumpaniji ***barranin***, inkluża l-investigazzjoni preliminari tal-Kummissjoni dwar it-tariffi ***tan-networks ta' pagamenti***; jistieden lill-Kummissjoni tkompli din l-investigazzjoni u taġixxi biex tippreserva l-kompetizzjoni Ewropea; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi rieżaminat ir-Regolament dwar it-Tariffi tal-Interkambju biex tiġi indirizzata ż-żieda fit-tariffi tal-iskemi tal-kards u jiġi żgurat suq kompetittiv u trasparenti għall-Ewropej;

Or. es

Emenda 192
Adnan Dibrani

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. Jinnota bi tħassib il-grad għoli ta' konċentrazzjoni tas-suq fis-settur tal-mużika live Ewropea; jinnota b'interess l-investigazzjoni fuq Live Nation minn Competition and Markets Authority tar-Renju Unit dwar allegat abbuż tal-pożizzjoni dominanti fis-suq; jinnota b'interess dikjarazzjoni simili mid-dipartiment tal-Ġustizzja tal-Istati Uniti biex itella' lil Live Nation il-qorti fuq imġiba antikompetittiva; jistieden lill-Kummissjoni tevalwa l-merti ta' investigazzjoni dwar abbuż u dominanza tas-suq fis-settur tal-mużika live, inkluż iżda mhux limitat għall-bejgħ ta' biljetti minn Live Nation;

Or. en

Emenda 193

Marco Falcone

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. Jenfasizza, fid-dawl tal-istruttura attwali tas-suq Ewropej tal-pagamenti u fid-dawl tad-dominanza dejjem akbar ta' ftit operaturi fis-sistemi ta' pagament, l-importanza li tiġi avvanzata l-introduzzjoni tal-euro diġitali bħala għodda biex tissaħħaħ il-kompetizzjoni fis-settur tal-pagamenti u tiġi promossa awtonomija strateġika Ewropea akbar, filwaqt li jiġu żgurati kundizzjonijiet aktar bilanċjati u effiċjenti għall-konsumaturi u għan-negozjanti fis-suq uniku;

Or. en

Emenda 194
Andreas Schwab

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-istruttura kompetittiva tas-suq Ewropew tal-pagamenti, b'mod partikolari l-pożizzjoni dominanti tal-iskemi tal-kards mhux tal-UE, u tappoġġja l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet u infrastrutturi pan-Ewropej għall-pagamenti sabiex tissaħħaħ l-awtonomija strateġika tal-Unjoni fis-settur tal-pagamenti u jitnaqqsu d-dipendenzi eċċessivi minn forniturі minn pajjiżi terzi;

Or. en

Emenda 195

Jussi Saramo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. Jistieden lill-Kummissjoni twettaq investigazzjoni komprensiva dwar il-prevalenza u l-abbuż ta' klawżoli li jirrestringu l-mobbiltà—inklużi n-nonkompetizzjoni, in-nonsolleċitazzjoni, u l-ftehimiet eċċessivi ta' nondivulgazzjoni—fil-kuntratti ta' impjieg; jistieden lill-Kummissjoni tuża kemm miżuri leġiżlattivi kif ukoll dawk ta' infurzar biex tindirizza prattiki abbużivi ħalli jiġi żgurat li d-dritt tal-ħaddiema għal mobbiltà ġusta jiġi protett;

Or. en

Emenda 196
Stéphanie Yon-Courtin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. Jesprimi tħassib dwar il-konċentrazzjoni għolja f'ċerti livelli tal-katina tal-provvista agrikola u tal-ikel; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tivvaluta l-iskala u l-impatt tax-xiri ta' alleanzi, u tkompli tanalizza l-effetti tagħhom mhux biss fuq il-prezzijiet iżda wkoll fuq il-kapaċità tal-bdiewa u tal-produtturi agroalimentari li jipprovdu prodotti tajbin għas-saħħa, sikuri, u sostenibbli lill-konsumaturi;

Or. en

Emenda 197

Adnan Dibrani, Jonás Fernández, Niels Fuglsang, Aurore Lalucq, Eero Heinäluoma, Lara Wolters, Thomas Bajada, César Luena, Irene Tinagli, Nikos Papandreou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. Jinnota bi tħassib il-livell għoli ta' konċentrazzjoni tas-suq fis-settur finanzjarju Ewropew, kif ukoll id-dipendenza żejda sostnuta tiegħu minn fornituri ta' servizzi li mhumiex fl-UE f'diversi oqsma inklużi l-ESG u l-attivitajiet ta' klassifikazzjoni tal-kreditu, l-immaniġġjar tal-pagamenti, l-immaniġġjar ta' kuntratti tad-derivattivi, il-fornituri ta' servizzi għaċ-ċibersigurtà u għall-awditjar;

Or. en

Emenda 198
Thomas Bajada, Adnan Dibrani

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. Jistieden lill-Kummissjoni tniedi analiżi profonda tal-ippreżzar dinamiku fl-UE, li tiffoka fuq it-trasparenza u l-ekwità tal-atturi dominanti fis-suq lejn il-konsumaturi; jitlob azzjonijiet fil-pront biex jiġi protett is-suq Ewropew, speċjalment il-konsumaturi, minn azzjonijiet ta' sfruttament;

Or. en

Emenda 199
Marco Falcone

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 17b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17b. Jinnota bi tħassib il-ħolqien ta' kundizzjonijiet mhux ekwi bħala konsegwenza tar-Regolament (UE) 575/2013 u tad-Direttiva 2013/36/UE kif aġġornati bir-Regolament (UE) 2024/1623, b'mod partikolari fir-rigward tat-trattament prudenzjali ta' sjieda ta' parteċipazzjoni transsettorjali skont ir-regoli settorjali (l-hekk imsejjaħ "kompromess Daniż"); jilqa' l-miżura adottata permezz tal-Artikolu 3 tad-Direttiva (UE) 2025/2, dment li l-Kummissjoni tkun meħtieġa tippreżenta, sal-31 ta' Diċembru 2027, rapport dwar il-funzjonament tal-mekkaniżmu msemmi minn perspettiva tal-kompetizzjoni; jitlob li l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu jiġi estiż għal entitajiet finanzjarji li ma jappartjenux għal konglomerati; jisħaq fuq l-importanza u l-urġenza tar-rapport imsemmi hawn fuq u jirrakkomanda lill-Kummissjoni tantiċipa l-iskadenza tal-preżentazzjoni tagħha għall-31 ta' Diċembru 2026;

Or. en

Emenda 200
Adnan Dibrani, Niels Fuglsang, Aurore Lalucq, Eero Heinäluoma, Lara Wolters, Thomas Bajada, Irene Tinagli, Nikos Papandreou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17b. Jirrimarka li s-suq tal-awditjar huwa wieħed mill-aktar swieq konċentrati fl-Unjoni, li fih l-Erbgħa ditti l-Kbar għandhom sehem mis-suq ta' aktar minn 90 %; ifakkar li l-grad għoli ta' konċentrazzjoni tas-suq fis-suq tal-awditjar huwa theddida rikonoxxuta għal

żmien twil għall-istabbiltà tas-suq finanzjarju; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposta leġiżlattiva dwar ir-riforma tas-suq tal-awditjar li ssaħħaħ ir-reġim ta' superviżjoni, tindirizza l-lakuni u l-eċċezzjonijiet tal-Istati Membri u tintroduċi regoli biex jiġu evitati l-kunflitti ta' interess; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tieħu miżuri biex tevita li l-istituzzjonijiet pubbliċi u d-ditti tal-awditjar ikollhom rabtiet mill-qrib, inklużi fl-operazzjonijiet tagħha stess;

Or. en

Emenda 201
Jussi Saramo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17b. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tavvanza b'mod attiv l-isforzi biex tidentifika u trażżan il-kollużjoni mill-impjegaturi, b'mod partikolari f'setturi magħrufa bħala suxxettibbli għal prattiki bħal dawn; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni tippromwovi b'mod attiv u tipproteġi n-negozjar kollettiv bħala għodda kritika biex jiġu rrestawrati l-ġustizzja u l-ekwità fis-swieq tax-xogħol; jissottolinja, f'dan ir-rigward, l-importanza li jiġu appoġġjati t-trade unions u r-rappreżentanti tal-ħaddiema f'setturi fejn il-kollużjoni hija l-aktar prevalenti;

Or. en

Emenda 202
Andreas Schwab

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17b. Jisħaq fuq l-importanza ta' azzjonijiet effettivi għad-danni biex jikkomplementaw l-infurzar tal-antitrust pubbliku, filwaqt li jiġi żgurat li l-vittmi li sofrew il-ksur tal-Artikoli 101 u 102 tat-TFUE jkunu jistgħu jingħataw kumpens sħiħ; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw l-implimentazzjoni effettiva tad-Direttiva 2014/104/UE (id-Direttiva dwar id-Danni Antitrust) u jneħħu l-ostakli li jifdal għall-infurzar privat;

Or. en

Emenda 203
Stéphanie Yon-Courtin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17b. Jinnota l-adozzjoni dejjem akbar tas-servizzi ta' konnettività bbażati fuq is-satellita mil-linji tal-ajru u jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja mill-qrib l-iżviluppi fl-għoti ta' servizzi tal-internet waqt it-titjiriet bil-ħsieb li jiġu pprevenuti abbużi potenzjali tas-saħħa fis-suq u tiġi ppreżervata l-kompetizzjoni effettiva f'dan is-suq emerġenti;

Or. en

Emenda 204
Stéphanie Yon-Courtin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17c. Jinnota l-eżistenza ta' oligopolji fil-forniment ta' ċerti servizzi li huma kritiċi għall-parteċipanti fis-swieq finanzjarji tal-UE, bħall-aggregaturi tas-suq u l-forniturituri tal-konnettività kkaratterizzati minn għadd limitat ta' forniturituri u/jew diffikultà sinifikanti biex wieħed jaqleb minn fornitur għal ieħor, u setgħa asimetrika fl-iffissar tal-prezzijiet għall-benefiċċju tal-fornitur, li fl-aħħar mill-aħħar jgħollu l-kostijiet għall-investituri; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tinvestiga l-oligopolji eżistenti u tieħu l-miżuri xierqa għall-benefiċċju tal-kompetizzjoni tal-UE;

Or. en

Emenda 205
Adnan Dibrani, Jonás Fernández, Niels Fuglsang, Aurore Lalucq, Eero Heinäluoma, Lara Wolters, Thomas Bajada, César Luena, Irene Tinagli, Nikos Papandreou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17c. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-akbar tliet aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu għad għandhom sehem mis-suq ta' aktar minn 90 % skont ir-Rapport tal-ESMA dwar is-Sehem mis-Suq tas-CRAs tal-2025; jitlob il-ħolqien ta' aġenzija pubblika Ewropea ta' klassifikazzjoni tal-kreditu bħala alternattiva imparzjali u fdata għall-aġenziji eżistenti;

Or. en

Emenda 206
Adnan Dibrani, Jonás Fernández, Niels Fuglsang, Aurore Lalucq, Eero Heinäluoma, Lara Wolters, Thomas Bajada, César Luena, Irene Tinagli, Nikos Papandreou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17d. Ifakkar li l-BĊE nnota li l-prezzijiet tal-ikel għadhom għoljin ħafna, jiġifieri terz ogħla minn qabel il-pandemija, u li d-differenza bejn il-prezzijiet tal-ikel u l-prezzijiet ġenerali baqgħet tikber b'mod persistenti; jinsab imħasseb li dawn l-iżviluppi għandhom impatt dirett u sproporzjonat fuq gruppi ta' konsumaturi vulnerabbli; jistieden lill-Kummissjoni tinvestiga l-kawżi ta' dawn iż-żidiet persistenti fil-prezzijiet u jekk parti mill-inflazzjoni tistax tiġi spjegata minn profitti li jaf jiġġustifikaw intervent mill-awtorità tal-kompetizzjoni;

Or. en

Emenda 207
Adnan Dibrani, Jonás Fernández, Niels Fuglsang, Eero Heinäluoma, Lara Wolters, Thomas Bajada, César Luena, Irene Tinagli, Nikos Papandreou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17e. Jinnota bi tħassib il-konċentrazzjoni tas-suq fil-kummerċ tal-komoditajiet agrikoli fejn erba' kumpaniji jirrappreżentaw sa 90 % tal-kummerċ globali taċ-ċereali u 60 % tal-kummerċ globali taċ-ċereali, taż-żrieragħ żejtnija u tal-għelejjel li fihom il-proteini; ifakkar fid-Dokument Informattiv dwar il-Fużjonijiet ippubblikat f'Novembru 2024 mid-DĠ Kompetizzjoni tal-Kummissjoni, li jitkellem dwar "suq forma ta' klessidra" li fih ftit kumpaniji "jiġġeneraw profitti billi jixtru prodotti agrikoli u jbigħuhom mill-ġdid, kif inhuma jew f'format ipproċessat, bi prezz ogħla"; jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-Kummissjoni xorta

waħda approvat b'mod kondizzjonali l-fużjoni bejn Bunge u Vittera (M.11204) minkejja tħassib dwar il-kompetizzjoni; jitlob lill-Kummissjoni tindirizza l-akkumulazzjoni eċċessiva ta' poter f'idejn ftit parteċipanti kbar f'dan is-suq biex tissaħħaħ il-pożizzjoni ta' negozjar kemm tal-bdiewa kif ukoll tal-konsumaturi; jenfasizza f'dan il-kuntest il-potenzjal ta' għodda ġdida tal-kompetizzjoni biex tindirizza problemi strutturali ta' kompetizzjoni fil-katina tal-provvista tal-ikel;

Or. en

Emenda 208
Adnan Dibrani, Jonás Fernández, Niels Fuglsang, Aurore Lalucq, Eero Heinäluoma, Lara Wolters, Thomas Bajada, César Luena, Irene Tinagli, Nikos Papandreou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17f (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17f. Jinnota l-profittabbiltà qawwija tal-banek fis-snin wara ż-żieda fl-inflazzjoni fl-2022 u ż-żieda sussegwenti fir-rati tal-imgħax tal-BĊE; jilmenta, madankollu, li ż-żieda fl-ispejjeż tal-imgħax tal-banek fil-konfront tad-depożitanti kienet ħafna aktar bil-mod, li setgħet affettwat b'mod partikolari lill-konsumaturi u lin-negozji żgħar, fil-kuntest ta' kriżi tal-għoli tal-ħajja li ħalliet impatt sinifikanti fuq l-unitajiet domestiċi Ewropej; jistieden lill-Kummissjoni u lin-Network Ewropew għall-Kompetizzjoni jivvalutaw jekk il-karatteristiċi strutturali tas-swieq bankarji jistgħux jillimitaw il-kompetizzjoni effettiva fis-self lill-konsumaturi u, meta jkun xieraq, jużaw l-istrumenti disponibbli tal-kompetizzjoni biex tiġi żgurata l-kompetizzjoni ġusta fis-settur bankarju Ewropew;

Or. en

Emenda 209
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. ***Jisħaq li l-Ewropa ma għandhiex*** kumpaniji fuq skala kbira; iqis l-iskala ***bħala ta' importanza strateġika tal-UE, kif enfasizzat mir-rapport Letta, biex tikkompeti b'mod effettiv*** fis-swieq globali;	18. ***Jieħu nota tad-dibattitu li għaddej bħalissa dwar in-nuqqas ta'*** kumpaniji fuq skala kbira ***fl-Ewropa***; iqis ***li*** l-iskala ***kompetittiva għandha tirriżulta mill-kompetizzjoni ġusta, mill-infurzar robust tal-antitrust u mill-approfondiment tas-suq uniku, li huma l-pedament tal-ekonomija soċjali tas-suq tal-UE u jibqgħu l-ixprunatur proprju għall-innovazzjoni u għall-kompetizzjoni effettiva*** fis-swieq globali***, kif enfasizzat mir-rapport Letta***; ***itenni li l-kompetittività Ewropea l-aħjar li tiġi appoġġjata billi jiġi żgurat li ħafna ditti jkunu jistgħu jikbru u jikkompetu f'suq uniku miftuħ u kontestabbli;***

Or. en

Emenda 210
Adnan Dibrani, Jonás Fernández, Niels Fuglsang, Aurore Lalucq, Eero Heinäluoma, Lara Wolters, Thomas Bajada, César Luena, Irene Tinagli, Nikos Papandreou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jisħaq li l-Ewropa ma għandhiex kumpaniji fuq skala kbira; iqis ***l-iskala*** bħala ta' importanza strateġika tal-UE, kif enfasizzat mir-rapport Letta***, biex tikkompeti b'mod effettiv fis-swieq globali***;	18. Jisħaq li l-Ewropa ma għandhiex kumpaniji fuq skala kbira ***f'diversi oqsma strateġiċi ewlenin***; iqis ***l-espansjoni fis-suq uniku*** bħala ta' importanza strateġika tal-UE, kif enfasizzat mir-rapport Letta, ***u li t-tlestija tas-suq intern u t-tneħħija tal-ostakli interni jibqgħu prijorità ewlenija***;

jenfasizza li l-istess rapport jagħraf li mhux il-kumpaniji kollha tal-UE jeħtieġu l-espansjoni, u li l-UE timxi 'l quddiem permezz tar-rabta vitali bejn l-intrapriżi kbar u żgħar;

Or. en

Emenda 211
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jisħaq li l-Ewropa ***ma għandhiex*** kumpaniji fuq skala ***kbira***; iqis ***l-iskala bħala ta' importanza strateġika tal-UE, kif enfasizzat mir-rapport*** Letta***, biex tikkompeti b'mod effettiv fis-swieq globali***;	18. Jisħaq li l-Ewropa ***teħtieġ*** kumpaniji ***li kapaċi jikkompetu*** fuq skala ***globali***; iqis ***li l-kontroll tal-fużjonijiet għandu jqis bis-sħiħ id-dinamika kompetittiva globali, id-definizzjonijiet tas-swieq internazzjonali u l-kapaċità tad-ditti Ewropej li jinvestu fl-innovazzjoni; ifakkar li r-rapport*** Letta ***u r-rapport Draghi jenfasizzaw l-iżvantaġġ kompetittiv li jirriżulta mill-frammentazzjoni tas-swieq Ewropej***; ***jistieden lill-Kummissjoni tieħu approċċ dinamiku u li jħares 'il quddiem għad-definizzjoni tas-swieq, li jirrifletti l-kuntest kompetittiv internazzjonali;***

Or. en

Emenda 212
Angelika Winzig

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jisħaq li l-Ewropa ma għandhiex kumpaniji fuq skala kbira; iqis l-iskala bħala ta' importanza strateġika tal-UE, kif	18. Jisħaq li l-Ewropa ma għandhiex kumpaniji fuq skala kbira; ***jinnota li l-ostakli strutturali għall-espansjoni fl-***

enfasizzat mir-rapport Letta, biex tikkompeti b'mod effettiv fis-swieq globali;	***Unjoni jistgħu jirriżultaw f'xiri ta' impriżi innovattivi Ewropej minn atturi mhux tal-UE, b'effetti negattivi potenzjali fuq il-kompetizzjoni fit-tul u l-kapaċità tal-innovazzjoni fl-Unjoni;*** iqis l-iskala bħala ta' importanza strateġika tal-UE, kif enfasizzat mir-rapport Letta, biex tikkompeti b'mod effettiv fis-swieq globali;

Or. en

Emenda 213
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jisħaq li l-Ewropa ma għandhiex kumpaniji fuq skala kbira; iqis l-iskala bħala ta' importanza strateġika tal-UE, kif enfasizzat mir-rapport Letta, biex tikkompeti b'mod effettiv fis-swieq globali;	18. Jisħaq li l-Ewropa ma għandhiex kumpaniji fuq skala kbira; iqis l-iskala bħala ta' importanza strateġika tal-UE, kif enfasizzat mir-rapport Letta, biex tikkompeti b'mod effettiv fis-swieq globali; ***ifakkar li ħafna kumpaniji Ewropej jirrikorru għal ġuriżdizzjonijiet oħrajn minħabba nuqqas ta' finanzjament fl-Unjoni Ewropea u l-piżijiet burokratiċi kbar;***

Or. es

Emenda 214
Jonás Fernández, César Luena

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jisħaq li l-Ewropa ma għandhiex kumpaniji fuq skala kbira; iqis l-iskala bħala ta' importanza strateġika tal-UE, kif enfasizzat mir-rapport Letta, biex	18. Jisħaq li l-Ewropa ma għandhiex kumpaniji fuq skala kbira; iqis l-iskala bħala ta' importanza strateġika tal-UE ***biex jiġu mmobilizzati l-investimenti u tiġi***

tikkompeti b'mod effettiv fis-swieq globali;	***xprunata l-kompetittività***, kif enfasizzat mir-rapport Letta, biex tikkompeti b'mod effettiv fis-swieq globali;

Or. en

Emenda 215
Antonio López-Istúriz White, Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jisħaq li l-Ewropa ma għandhiex kumpaniji fuq skala kbira; iqis l-iskala bħala ta' importanza strateġika tal-UE, kif enfasizzat mir-rapport Letta, biex tikkompeti b'mod effettiv fis-swieq globali;	18. Jisħaq li l-Ewropa ma għandhiex kumpaniji fuq skala kbira; iqis l-iskala bħala ta' importanza strateġika tal-UE ***biex l-investiment isir aċċessibbli u tiġi xprunata l-kompetittività***, kif enfasizzat mir-rapport Letta, biex tikkompeti b'mod effettiv fis-swieq globali;

Or. en

Emenda 216
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jisħaq li l-Ewropa ma għandhiex kumpaniji fuq skala kbira; iqis l-iskala bħala ta' importanza strateġika tal-UE, kif enfasizzat mir-rapport Letta, biex tikkompeti b'mod effettiv fis-swieq globali;	18. Jisħaq li l-Ewropa ma għandhiex kumpaniji fuq skala kbira; iqis l-iskala bħala ta' importanza strateġika tal-UE ***biex l-investiment isir aċċessibbli u tiġi xprunata l-kompetittività***, kif enfasizzat mir-rapport Letta, biex tikkompeti b'mod effettiv fis-swieq globali;

Or. en

Emenda 217

Marco Falcone

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jisħaq li l-Ewropa ma għandhiex kumpaniji fuq skala kbira; iqis l-iskala bħala ta' importanza strateġika tal-UE***, kif enfasizzat mir-rapport Letta,*** biex tikkompeti b'mod effettiv fis-swieq globali;	18. Jisħaq li l-Ewropa ma għandhiex kumpaniji fuq skala kbira; iqis l-iskala ***u l-ħolqien ta' suq uniku veru*** bħala ta' importanza strateġika tal-UE biex tikkompeti b'mod effettiv fis-swieq globali;

Or. en

Emenda 218
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18a. Jisħaq li l-ħtieġa ta' espansjoni Ewropea trid tiġi primarjament indirizzata bl-approfondiment tas-suq uniku u bit-tneħħija tal-ostakli interni, aktar milli bid-dgħajfien tar-regoli tal-kompetizzjoni bħala kumpens għall-frammentazzjoni tas-suq; ifakkar li suq tassew integrat huwa l-aktar qafas effettiv għad-ditti biex jikbru u jkunu innovattivi, filwaqt li jikkompetu globalment u domestikament;

Or. en

Emenda 219
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

	18b. Jistieden lill-Kummissjoni, fil-kuntest tar-rieżami li għaddej bħalissa tal-Linji Gwida dwar il-Fużjonijiet, tipprovdi ċarezza tad-dritt akbar dwar il-valutazzjoni ta' teoriji ġodda fuq il-ħsara, b'mod partikolari fejn il-fużjonijiet jistgħu jaffettwaw l-inċentivi għall-innovazzjoni, il-kontestabbiltà tal-ekosistema jew parametri oħra tal-kompetizzjoni li mhux relatati mal-prezzijiet; jisħaq li l-valutazzjoni għandha wkoll tirrifletti aħjar it-titjib fl-effiċjenza li jkun verifikabbli u speċifiku għall-fużjonijiet, inklużi dawk relatati mal-innovazzjoni, mal-investiment u mal-kisba tal-espansjoni fi swieq integrati jew b'effetti kbar tan-network;

Or. en

Emenda 220
Antonio López-Istúriz White, Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jistieden lill-Kummissjoni tapplika l-politiki tal-kompetizzjoni b'mod dinamiku, ***tadattahom*** għar-realtajiet ġodda tas-suq, u ***tanalizza*** l-effetti tal-konċentrazzjonijiet;	19. Jistieden lill-Kummissjoni tapplika l-politiki tal-kompetizzjoni b'mod dinamiku, ***filwaqt li tanalizza l-kunċett sħiħ tal-benesseri tal-konsumatur (il-kwalità, l-għażla, l-innovazzjoni, il-prezz) fil-valutazzjoni kompetittiva, skont teorija ekonomika dinamika li tippermetti li jitqiesu effetti ekonomiċi aktar wiesgħa wara fużjoni (inklużi l-innovazzjoni, l-investiment, il-kapaċitajiet potenzjali għat-tkabbir, is-sostenibbiltà u l-kompetittività). Dan jippermetti li l-politiki tal-kompetizzjoni jiġu adattati*** għar-realtajiet ġodda tas-suq, u ***li jiġu analizzati*** l-effetti tal-konċentrazzjonijiet ***fit-tul***;

Or. en

Emenda 221
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jistieden lill-Kummissjoni tapplika l-politiki tal-kompetizzjoni b'mod dinamiku, tadattahom għar-realtajiet ġodda tas-suq, u tanalizza l-effetti tal-konċentrazzjonijiet;	19. Jistieden lill-Kummissjoni tapplika l-politiki tal-kompetizzjoni b'mod dinamiku, ***filwaqt li tanalizza l-kunċett sħiħ tal-benesseri tal-konsumatur (il-kwalità, l-għażla, l-innovazzjoni, il-prezz) fil-valutazzjoni kompetittiva, skont teorija ekonomika dinamika li tippermetti li jitqiesu effetti ekonomiċi aktar wiesgħa wara fużjoni (inkluż l-innovazzjoni, l-investiment, il-kapaċitajiet potenzjali għat-tkabbir, is-sostenibbiltà u l-kompetittività). Dan jippermetti li dawn jiġu adattati*** għar-realtajiet ġodda tas-suq, u ***li jiġu analizzati*** l-effetti tal-konċentrazzjonijiet ***fit-tul***;

Or. en

Emenda 222
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jistieden lill-Kummissjoni tapplika ***l-politiki tal-kompetizzjoni*** b'mod dinamiku, ***tadattahom*** għar-realtajiet ġodda tas-suq***, u tanalizza l-effetti*** tal-konċentrazzjonijiet;	19. Jistieden lill-Kummissjoni tapplika ***l-politika tal-fużjonijiet*** b'mod dinamiku, ***tadattaha*** għar-realtajiet ġodda tas-suq ***inkluż l-ekosistemi diġitali***, ***l-IA u d-difiża; jitlob analiżi sħiħa kemm tal-effetti antikompetittivi kif ukoll tal-effiċjenzi prokompetittivi*** tal-konċentrazzjonijiet***, inkluż l-effetti tal-innovazzjoni, u li r-restrizzjonijiet kompetittivi eżerċitati mir-rivali globali jiġu riflessi b'mod adegwat fil-valutazzjonijiet tas-suq***;

Or. en

Emenda 223
Marco Squarta

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jistieden lill-Kummissjoni tapplika l-politiki tal-kompetizzjoni b'mod dinamiku, tadattahom għar-realtajiet ġodda tas-suq, u tanalizza l-effetti tal-konċentrazzjonijiet;	19. Jistieden lill-Kummissjoni tapplika l-politiki tal-kompetizzjoni b'mod dinamiku, tadattahom għar-realtajiet ġodda tas-suq, u tanalizza l-effetti tal-konċentrazzjonijiet ***b'approċċ li jħares 'il quddiem u li jqis il-futur tal-kompetizzjoni, l-innovazzjoni, l-atturi ġodda u l-interazzjoni mal-qafas regolatorju***;

Or. en

Emenda 224
Marco Falcone

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jistieden lill-Kummissjoni tapplika l-politiki tal-kompetizzjoni b'mod dinamiku, tadattahom għar-realtajiet ġodda tas-suq, u tanalizza l-effetti tal-konċentrazzjonijiet;	19. Jistieden lill-Kummissjoni tapplika l-politiki tal-kompetizzjoni b'mod dinamiku, tadattahom għar-realtajiet ġodda tas-suq, u tanalizza l-effetti tal-konċentrazzjonijiet***, b'mod parallel mal-integrazzjoni ulterjuri tas-suq uniku***; ***iħeġġeġ lill-Kummissjoni tkompli timmonitorja l-evoluzzjoni tas-saħħa fis-suq fl-Ewropa;***

Or. en

Emenda 225
Jussi Saramo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jistieden lill-Kummissjoni tapplika l-politiki tal-kompetizzjoni b'mod dinamiku, tadattahom għar-realtajiet ġodda tas-suq, u tanalizza l-effetti tal-konċentrazzjonijiet;	19. Jistieden lill-Kummissjoni tapplika l-politiki tal-kompetizzjoni b'mod dinamiku, tadattahom għar-realtajiet ġodda tas-suq, u tanalizza l-effetti tal-konċentrazzjonijiet; ***jagħraf, fl-istess ħin, li l-konċentrazzjoni tista' tkun ta' detriment għall-konsumaturi tal-UE, u twassal għal prezzijiet ogħla u servizzi inferjuri;***

Or. en

Emenda 226
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jistieden lill-Kummissjoni tapplika l-politiki tal-kompetizzjoni b'mod dinamiku, tadattahom għar-realtajiet ġodda tas-suq, u tanalizza l-effetti tal-konċentrazzjonijiet;	19. Jistieden lill-Kummissjoni tapplika l-politiki tal-kompetizzjoni b'mod dinamiku, tadattahom għar-realtajiet ġodda tas-suq, u tanalizza l-effetti tal-konċentrazzjonijiet ***tas-saħħa ekonomika u finanzjarja, inkluż l-impatt tagħhom fuq is-sostenibbiltà, l-innovazzjoni u r-reżiljenza fit-tul***;

Or. en

Emenda 227
Andreas Schwab

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jistieden lill-Kummissjoni tapplika	19. Jistieden lill-Kummissjoni tapplika

l-politiki tal-kompetizzjoni b'mod ***dinamiku***, tadattahom għar-realtajiet ġodda tas-suq, u tanalizza l-effetti tal-konċentrazzjonijiet;	l-politiki tal-kompetizzjoni b'mod ***effettiv***, tadattahom għar-realtajiet ġodda tas-suq, u tanalizza l-effetti tal-konċentrazzjonijiet;

Or. en

Emenda 228
Jussi Saramo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19a. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-impatti avversi fuq l-impjiegi tal-konċentrazzjoni ppjanata jiġu antiċipati u mmitigati;

Or. en

Emenda 229
Jussi Saramo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19b. Jistieden lill-Kummissjoni, fil-valutazzjoni tal-fużjonijiet skont ir-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE, tevalwa b'mod espliċitu l-ħsara potenzjali fuq il-ħaddiema kkawżata mill-fużjonijiet; jissottolinja, f'dan ir-rigward, l-importanza li jiġu analizzati l-effetti tal-konċentrazzjoni akbar ta' impjegaturi fis-swieq tax-xogħol, bħal mobbiltà mnaqqsa fix-xogħol, saħħa mdgħajfa għal negozjar kollettiv, u impatti avversi fuq il-pagi u l-kundizzjonijiet tax-xogħol; jistieden lill-Kummissjoni tintegra dawn l-elementi fit-teoriji tagħha dwar il-ħsara biex jiġu pprevenuti eżiti monopsonistiċi li

jimminaw il-prattiki ġusti tax-xogħol u għandhom effett avvers fuq il-ħaddiema;

Or. en

Emenda 230
Adnan Dibrani, Niels Fuglsang, Eero Heinäluoma, Lara Wolters, Thomas Bajada, Irene Tinagli, Nikos Papandreou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jappella għal reviżjoni ambizzjuża tal-linji gwida tal-UE dwar il-fużjonijiet sabiex ikunu allinjati aħjar mal-objettivi tal-politika industrijali u settorjali tal-UE filwaqt li jkomplu jissalvagwardjaw livell għoli ta' benesseri tal-konsumatur; ***jinsisti li filwaqt li tiġi ssalvagwardjata l-kompetizzjoni ġusta, il-kontroll tal-fużjonijiet ma għandux jostakola fużjonijiet pan-Ewropej li joħolqu*** "promoturi tal-UE" ***f'setturi ewlenin bħat-telekomunikazzjoni, il-banek, il-pagamenti u l-enerġija***;	20. Jappella għal reviżjoni ambizzjuża tal-linji gwida tal-UE dwar il-fużjonijiet sabiex ikunu allinjati aħjar mal-objettivi tal-politika industrijali u settorjali tal-UE filwaqt li jkomplu jissalvagwardjaw livell għoli ta' benesseri tal-konsumatur; ***jinnota d-diskussjonijiet li għaddejjin bħalissa dwar il-benefiċċji u r-riskji potenzjali ta' kumpaniji Ewropej akbar fis-swieq globali, l-hekk imsejħa*** "promoturi tal-UE"***; jisħaq li kwalunkwe kunsiderazzjoni bħal din trid tibqa' konsistenti bis-sħiħ mal-preżervazzjoni tal-kompetizzjoni effettiva; ifakkar f'dan ir-rigward fid-"difiża tal-innovazzjoni" msemmija fir-rapport Draghi; jitlob li jitqiesu kwistjonijiet ta' interess pubbliku, bħall-protezzjoni tal-klima, is-sostenibbiltà u l-impatt fuq il-ħaddiema, meta jiġi eżaminat l-impatt ta' konċentrazzjoni fis-suq intern, u jwissi b'mod partikolari li konċentrazzjoni akbar ta' impjegaturi fis-swieq tax-xogħol tista' tħalli impatt negattiv fuq il-pagi, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, il-mobbiltà fix-xogħol u l-livelli ta' impjieg***;

Or. en

Emenda 231
Matthias Ecke

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jappella għal reviżjoni ambizzjuża tal-linji gwida tal-UE dwar il-fużjonijiet sabiex ikunu allinjati aħjar mal-objettivi tal-politika industrijali u settorjali tal-UE filwaqt li jkomplu jissalvagwardjaw livell għoli ta' benesseri tal-konsumatur; jinsisti li filwaqt li tiġi ssalvagwardjata l-kompetizzjoni ġusta, il-kontroll tal-fużjonijiet ma għandux jostakola fużjonijiet pan-Ewropej li joħolqu "promoturi tal-UE" f'setturi ewlenin bħat-telekomunikazzjoni***, il-banek, il-pagamenti u l-enerġija***;	20. Jappella għal reviżjoni ambizzjuża tal-linji gwida tal-UE dwar il-fużjonijiet sabiex ikunu allinjati aħjar mal-objettivi tal-politika industrijali u settorjali tal-UE filwaqt li jkomplu jissalvagwardjaw livell għoli ta' benesseri tal-konsumatur; jinsisti li filwaqt li tiġi ssalvagwardjata l-kompetizzjoni ġusta, il-kontroll tal-fużjonijiet ma għandux jostakola fużjonijiet pan-Ewropej li joħolqu "promoturi tal-UE" f'setturi ewlenin***; jinnota li l-Linji Gwida tal-UE dwar il-Fużjonijiet ma jikkostitwux impediment strutturali sinifikanti għal fużjonijiet li huma ġenwinament pan-Ewropej u transfruntiera; jenfasizza li f'setturi kkaratterizzati minn skalabbiltà strutturalment limitata, b'mod partikolari l-industriji tan-network li jeħtieġu ħafna infrastrutturi*** bħat-telekomunikazzjoni, ***il-fużjonijiet li jkollhom l-għan li joħolqu "promoturi tal-UE" x'aktarx li jwasslu għal prezzijiet ogħla mingħajr ma jrendu benefiċċji għall-Unjoni***; ***jinnota li ma hemm l-ebda evidenza li konċentrazzjoni akbar f'setturi bħal dawn twassal għal investiment ogħla jew varar aktar mgħaġġel;***

Or. en

Emenda 232
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jappella għal reviżjoni ambizzjuża tal-linji gwida tal-UE dwar il-fużjonijiet	20. Jappella għal reviżjoni ambizzjuża tal-linji gwida tal-UE dwar il-fużjonijiet

sabiex ikunu allinjati aħjar mal-objettivi tal-politika industrijali u settorjali tal-UE ***filwaqt li jkomplu jissalvagwardjaw livell għoli ta' benesseri tal-konsumatur***; jinsisti li ***filwaqt li tiġi ssalvagwardjata l-kompetizzjoni ġusta, il-kontroll*** tal-fużjonijiet ***ma għandux jostakola fużjonijiet pan-Ewropej li joħolqu "promoturi tal-UE" f'setturi ewlenin bħat-telekomunikazzjoni, il-banek, il-pagamenti u l-enerġija***;

biex jiġi żgurat li dawn jissalvagwardjaw il-kompetizzjoni effettiva u livell għoli ta' benesseri tal-konsumatur; jenfasizza li l-objettivi tal-politika industrijali u settorjali tal-UE ***jinkisbu l-aħjar permezz tal-infurzar u tal-integrazzjoni aktar profonda tas-suq uniku u għandhom jintlaħqu permezz ta' għodod immirati, bħall-istrumenti komuni ta' finanzjament tal-UE u l-investimenti strateġiċi koordinati, kif ukoll permezz tal-għajnuna mill-Istat u tal-akkwist pubbliku, aktar milli bl-illaxkar tar-regoli tal-UE dwar il-fużjonijiet***; jinsisti li ***l-kontroll*** tal-fużjonijiet ***għandu jiġi applikat b'mod rigoruż u konsistenti abbażi tal-effetti kompetittivi tiegħu fuq il-konsumaturi, il-ħaddiema u l-istruttura tas-suq, u ma għandux jiddgħajjef biex jissaħħu ditti speċifiċi jew jiġu ffavoriti objettivi tal-politika industrijali***;

Or. en

Emenda 233
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jappella għal reviżjoni ambizzjuża tal-linji gwida tal-UE dwar il-fużjonijiet ***sabiex ikunu allinjati aħjar mal-objettivi tal-politika industrijali u settorjali tal-UE filwaqt li jkomplu jissalvagwardjaw livell għoli ta' benesseri tal-konsumatur***; jinsisti li ***filwaqt li tiġi ssalvagwardjata l-kompetizzjoni ġusta, il-kontroll*** tal-fużjonijiet ***ma għandux jostakola fużjonijiet pan-Ewropej li joħolqu "promoturi tal-UE"*** f'setturi ewlenin bħat-telekomunikazzjoni, il-banek, il-pagamenti ***u*** l-enerġija;	20. Jappella għal reviżjoni ambizzjuża ***u bbażata fuq l-evidenza*** tal-Linji Gwida tal-UE dwar il-Fużjonijiet ***biex jiġi mmodernizzat il-qafas analitiku, fosthom billi tiġi introdotta "difiża tal-innovazzjoni" vijabbli, titwessa' l-kunsiderazzjoni tat-titjib fl-effiċjenza, tar-reżiljenza u tas-sigurtà f'setturi strateġiċi, jiġi adottat approċċ aktar dinamiku għal definizzjoni tas-swieq li tirrifletti r-restrizzjonijiet kompetittivi globali u tipprovdi ċertezza tad-dritt akbar u prevedibbiltà għall-parteċipanti fis-suq***; jinsisti li ***l-kontroll*** tal-fużjonijiet ***irid jibqa' ankrat fl-analiżi tal-kompetizzjoni***

filwaqt li jagħraf li f'setturi ewlenin bħat-telekomunikazzjoni, il-banek, il-pagamenti***,*** l-enerġija ***u d-difiża, l-espansjoni jaf tkun meħtieġa għad-ditti Ewropej biex jikkompetu b'mod effettiv f'livell globali***;

Or. en

Emenda 234
Stéphanie Yon-Courtin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jappella għal reviżjoni ambizzjuża tal-linji gwida tal-UE dwar il-fużjonijiet sabiex ikunu allinjati aħjar mal-objettivi tal-politika industrijali u settorjali tal-UE filwaqt li jkomplu jissalvagwardjaw livell għoli ta' benesseri tal-konsumatur; jinsisti li filwaqt li tiġi ssalvagwardjata l-kompetizzjoni ġusta, il-kontroll tal-fużjonijiet ma għandux jostakola fużjonijiet pan-Ewropej li joħolqu "promoturi tal-UE" f'setturi ewlenin bħat-telekomunikazzjoni, il-banek, il-pagamenti u l-enerġija;	20. Jappella għal reviżjoni ambizzjuża tal-linji gwida tal-UE dwar il-fużjonijiet sabiex ikunu allinjati aħjar mal-objettivi tal-politika industrijali u settorjali tal-UE filwaqt li jkomplu jissalvagwardjaw livell għoli ta' benesseri tal-konsumatur; jinsisti li filwaqt li tiġi ssalvagwardjata l-kompetizzjoni ġusta, il-kontroll tal-fużjonijiet ma għandux jostakola fużjonijiet pan-Ewropej li joħolqu "promoturi tal-UE" f'setturi ewlenin bħat-telekomunikazzjoni, il-banek, il-pagamenti u l-enerġija; ***jitlob linji gwida ġodda dwar il-kontroll tal-fużjonijiet biex tiġi żgurata ċ-ċertezza tad-dritt għan-negozji fil-ħolqien ta' atturi pan-Ewropej li jrawmu l-kompetittività fl-espansjoni, filwaqt li jiġu ristretti s-setgħat ta' intervent tal-gvernijiet tal-UE, inklużi s-setgħat ta' veto, għall-każijiet strettament meħtieġa u proporzjonati biss;***

Or. en

Emenda 235
Andreas Schwab

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jappella għal reviżjoni ambizzjuża tal-linji gwida tal-UE dwar il-fużjonijiet sabiex ikunu allinjati aħjar mal-objettivi tal-politika industrijali u settorjali tal-UE filwaqt li jkomplu jissalvagwardjaw livell għoli ta' benesseri tal-konsumatur; jinsisti li filwaqt li tiġi ssalvagwardjata l-kompetizzjoni ġusta, il-kontroll tal-fużjonijiet ma għandux jostakola fużjonijiet pan-Ewropej li joħolqu "promoturi tal-UE" f'setturi ewlenin bħat-telekomunikazzjoni, il-banek, il-pagamenti u l-enerġija;	20. Jappella għal reviżjoni ambizzjuża tal-linji gwida tal-UE dwar il-fużjonijiet sabiex ikunu allinjati aħjar mal-objettivi tal-politika industrijali u settorjali tal-UE filwaqt li jkomplu jissalvagwardjaw livell għoli ta' benesseri tal-konsumatur; jinsisti li filwaqt li tiġi ssalvagwardjata l-kompetizzjoni ġusta, il-kontroll tal-fużjonijiet ma għandux jostakola fużjonijiet pan-Ewropej li joħolqu "promoturi tal-UE" f'setturi ewlenin bħat-telekomunikazzjoni, il-banek, il-pagamenti u l-enerġija; ***jisħaq li l-linji gwida dwar il-fużjonijiet għandhom jirriflettu wkoll b'mod adegwat l-effiċjenza potenzjali u t-titjib fl-innovazzjoni li jirriżultaw mill-fużjonijiet;***

Or. en

Emenda 236
Marco Falcone

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jappella għal reviżjoni ambizzjuża tal-linji gwida tal-UE dwar il-fużjonijiet sabiex ikunu allinjati aħjar ***mal-objettivi tal-politika industrijali u settorjali*** tal-UE filwaqt li jkomplu jissalvagwardjaw livell għoli ta' benesseri tal-konsumatur; jinsisti li filwaqt li tiġi ssalvagwardjata l-kompetizzjoni ġusta, il-kontroll tal-fużjonijiet ma għandux jostakola fużjonijiet pan-Ewropej li joħolqu "promoturi tal-UE" f'setturi ewlenin bħat-telekomunikazzjoni, il-banek, il-pagamenti u l-enerġija;	20. Jappella għal reviżjoni ambizzjuża tal-linji gwida tal-UE dwar il-fużjonijiet sabiex ikunu allinjati aħjar ***mar-realtajiet il-ġodda tas-suq u mal-prioritajiet*** tal-UE ***għat-trawwim ta' Ewropa aktar reżiljenti u kompetittiva*** filwaqt li jkomplu jissalvagwardjaw livell għoli ta' benesseri tal-konsumatur ***u forniment kompetittiv ta' servizzi u oġġetti ta' input għall-industrija u għan-negozji***; jinsisti li filwaqt li tiġi ssalvagwardjata l-kompetizzjoni ġusta, il-kontroll tal-fużjonijiet ma għandux jostakola fużjonijiet pan-Ewropej li joħolqu "promoturi tal-UE" f'setturi ewlenin bħat-telekomunikazzjoni, il-banek, il-pagamenti u l-enerġija;

Or. en

Emenda 237
Marco Squarta

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jappella għal reviżjoni ambizzjuża tal-linji gwida tal-UE dwar il-fużjonijiet sabiex ikunu allinjati aħjar mal-objettivi tal-politika industrijali u settorjali tal-UE filwaqt li jkomplu jissalvagwardjaw livell għoli ta' benesseri tal-konsumatur; ***jinsisti li*** filwaqt li tiġi ***ssalvagwardjata*** l-kompetizzjoni ***ġusta***, il-kontroll tal-fużjonijiet ***ma għandux jostakola fużjonijiet pan-Ewropej li joħolqu "promoturi tal-UE" f'setturi ewlenin bħat-telekomunikazzjoni, il-banek, il-pagamenti u l-enerġija***;	20. Jappella għal reviżjoni ambizzjuża tal-linji gwida tal-UE dwar il-fużjonijiet sabiex ikunu allinjati aħjar mal-objettivi tal-politika industrijali u settorjali tal-UE filwaqt li jkomplu jissalvagwardjaw livell għoli ta' benesseri tal-konsumatur; ***jissottolinja li,*** filwaqt li tiġi ***ppreżervata*** l-kompetizzjoni ***effettiva***, il-kontroll tal-fużjonijiet ***għandu jippermetti t-tfaċċar ta' atturi Ewropej kompetittivi, xprunati mid-dinamika tas-suq u mit-titjib fl-effiċjenza, billi jiġi evalwat b'mod adegwat l-impatt tagħhom fuq l-innovazzjoni, l-investimenti u l-kompetittività fit-tul***;

Or. en

Emenda 238
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jappella għal reviżjoni ambizzjuża tal-linji gwida tal-UE dwar il-fużjonijiet sabiex ***ikunu allinjati*** aħjar ***mal-objettivi tal-politika industrijali u settorjali tal-UE*** filwaqt li jkomplu jissalvagwardjaw livell għoli ta' benesseri tal-konsumatur; jinsisti li filwaqt li tiġi ssalvagwardjata l-kompetizzjoni ġusta, il-kontroll tal-fużjonijiet ma għandux jostakola fużjonijiet pan-Ewropej li joħolqu	20. Jappella għal reviżjoni ambizzjuża tal-linji gwida tal-UE dwar il-fużjonijiet sabiex ***jirriflettu*** aħjar ***l-innovazzjoni, l-investiment u l-ħtieġa ta' espansjoni tal-Ewropa fi swieq integrati jew b'effetti kbar tan-network*** filwaqt li jkomplu jissalvagwardjaw livell għoli ta' benesseri tal-konsumatur; jinsisti li filwaqt li tiġi ssalvagwardjata l-kompetizzjoni ġusta, il-kontroll tal-fużjonijiet ma għandux

"promoturi tal-UE" f'setturi ewlenin bħat-telekomunikazzjoni, il-banek, il-pagamenti u l-enerġija;	jostakola fużjonijiet pan-Ewropej li joħolqu ***l-espansjoni, speċjalment*** f'setturi ewlenin bħat-telekomunikazzjoni, il-banek, il-pagamenti u l-enerġija;

Or. en

Emenda 239
Antonio López-Istúriz White

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jappella għal reviżjoni ambizzjuża tal-linji gwida tal-UE dwar il-fużjonijiet sabiex ikunu allinjati aħjar mal-objettivi tal-politika industrijali u settorjali tal-UE filwaqt li jkomplu jissalvagwardjaw livell għoli ta' benesseri tal-konsumatur; jinsisti li filwaqt li tiġi ssalvagwardjata l-kompetizzjoni ġusta, il-kontroll tal-fużjonijiet ma għandux jostakola fużjonijiet ***pan-Ewropej*** li joħolqu ***"promoturi tal-UE" f'setturi*** ewlenin bħat-telekomunikazzjoni, il-banek, il-pagamenti u l-enerġija;	20. Jappella għal reviżjoni ambizzjuża tal-linji gwida tal-UE dwar il-fużjonijiet sabiex ikunu allinjati aħjar mal-objettivi tal-politika industrijali u settorjali tal-UE filwaqt li jkomplu jissalvagwardjaw livell għoli ta' benesseri tal-konsumatur; jinsisti li filwaqt li tiġi ssalvagwardjata l-kompetizzjoni ġusta, il-kontroll tal-fużjonijiet ma għandux jostakola fużjonijiet ***Ewropej*** li joħolqu ***l-espansjoni fis-swieq rilevanti ta' setturi*** ewlenin bħat-telekomunikazzjoni, il-banek, il-pagamenti u l-enerġija;

Or. en

Emenda 240
Tomáš Kubín

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jappella għal reviżjoni ambizzjuża tal-linji gwida tal-UE dwar il-fużjonijiet ***sabiex ikunu allinjati aħjar mal-objettivi*** tal-politika industrijali u settorjali tal-UE filwaqt li ***jkomplu*** jissalvagwardjaw livell għoli ta' benesseri tal-konsumatur; jinsisti	20. Jappella għal reviżjoni tal-linji gwida tal-UE dwar il-fużjonijiet ***li tibqa' konxja tal-objettivi*** tal-politika industrijali u settorjali tal-UE filwaqt li ***dawn ikomplu*** jissalvagwardjaw livell għoli ta' benesseri tal-konsumatur; jinsisti li ***l-kontroll*** tal-

li ***filwaqt li tiġi ssalvagwardjata l-kompetizzjoni ġusta, il-kontroll*** tal-fużjonijiet ma għandux ***jostakola fużjonijiet pan-Ewropej li joħolqu*** "promoturi tal-UE" ***f'setturi ewlenin bħat-telekomunikazzjoni, il-banek, il-pagamenti u l-enerġija***;

fużjonijiet ma għandux ***jiġi llaxkat biss biex jinħolqu*** "promoturi tal-UE" ***artifiċjali iżda minflok għandu jibqa' ffukat biex jiżgura l-kompetizzjoni ġusta li diġà tippermetti lill-kumpaniji Ewropej jikbru globalment***;

Or. en

Emenda 241
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jistieden lill-Kummissjoni tadotta approċċ li jħares 'il quddiem għall-fużjonijiet, ***filwaqt*** li ***tqis it-titjib fl-effiċjenza, tippermetti lill-kumpaniji jiffurmaw alleanzi meta jikkontribwixxu għall-innovazzjoni,*** il-klima, ***ir-reżiljenza u s-sigurtà, u tirrifletti*** realtajiet speċifiċi għas-settur ***lil hinn mill-prezzijiet*** u ***l-ishma mis-suq***;	21. Jistieden lill-Kummissjoni tadotta approċċ li jħares 'il quddiem għall-fużjonijiet, li ***jqis kemm il-ħsara kif ukoll il-benefiċċji potenzjali***, ***jisħaq li valutazzjoni tal-fużjonijiet għandha tqis l-impatti avversi potenzjali fuq*** il-klima, ***il-protezzjoni ambjentali u s-saħħa pubblika, u tevalwa*** realtajiet speċifiċi għas-settur ***b'mod partikolari l-effetti tad-dinamika tas-saħħa tal-monopsonija fis-swieq tax-xogħol, inkluż l-impatti avversi fuq il-pagi u l-kundizzjonijiet ġusti tax-xogħol, kif ukoll l-effetti tal-istrutturi komuni tas-sjieda; jisħaq li linji gwida riveduti dwar il-fużjonijiet għandhom jibqgħu ffukati fuq l-effetti prevedibbli u li jistgħu jitkejlu fuq il-prezzijiet*** u ***l-istruttura tas-suq***; ***jissottolinja li kwalunkwe dikjarazzjoni ta' effiċjenza għandha ġġorr anqas piż fi swieq konċentrati ħafna fejn il-benefiċċji x'aktarx ma jaslux għand il-konsumaturi u għandha tkun appoġġjata minn evidenza b'saħħitha inkluż l-użu akbar ta' evidenza finanzjarja kif ukoll ta' teoriji ekonomiċi u perspettivi komportamentali; jenfasizza li l-kontroll imtejjeb tal-fużjonijiet fis-swieq diġitali għandu jiffoka fuq kwistjonijiet ta' ingranaġġ u l-**

ħsara vertikali; jistieden ukoll lill-Kummissjoni tiżgura l-impożizzjoni ta' rimedji strutturali robusti fuq il-partijiet li qed jingħaqdu fejn hemm riskju li l-konċentrazzjonijiet jimpedixxu b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva;

Or. en

Emenda 242
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jistieden lill-Kummissjoni tadotta approċċ li jħares 'il quddiem ***għall-fużjonijiet, filwaqt li tqis it-titjib*** fl-effiċjenza, ***tippermetti lill-kumpaniji jiffurmaw alleanzi meta jikkontribwixxu*** għall-innovazzjoni, ***il-klima,*** ir-reżiljenza ***u s-sigurtà, u tirrifletti realtajiet speċifiċi għas-settur lil hinn mill-prezzijiet u l-ishma mis-suq***;	21. Jistieden lill-Kummissjoni tadotta approċċ ***dinamiku u*** li jħares 'il quddiem ***għall-valutazzjoni tal-fużjonijiet; jitlob li t-titjib*** fl-effiċjenza, ***il-potenzjal*** għall-innovazzjoni, ir-reżiljenza***, is-sigurtà u l-kunsiderazzjonijiet tad-difiża jingħataw importanza xierqa flimkien mal-metrika tradizzjonali tal-kompetizzjoni; jishaq li l-valutazzjoni tal-fużjonijiet trid tipprovdi ċertezza tad-dritt u prevedibbiltà għan-negozji u ma tridx tiskoraġġixxi lil impriżi konġunti favur il-kompetizzjoni, alleanzi jew fużjonijiet li jsaħħu l-kapaċità industrijali Ewropea***; ***jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa gwida ċara dwar kif se jiġu vvalutati l-effetti li mhux relatati mal-prezzijiet;***

Or. en

Emenda 243
Marco Squarta

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

21. Jistieden lill-Kummissjoni tadotta approċċ li jħares ’il quddiem għall-fużjonijiet, filwaqt li tqis it-titjib fl-effiċjenza, tippermetti lill-kumpaniji jiffurmaw alleanzi meta jikkontribwixxu għall-innovazzjoni, il-klima, ir-reżiljenza u s-sigurtà, u tirrifletti realtajiet speċifiċi għas-settur lil hinn mill-prezzijiet u l-ishma mis-suq;	21. Jistieden lill-Kummissjoni tadotta approċċ li jħares ’il quddiem għall-fużjonijiet, filwaqt li tqis it-titjib fl-effiċjenza, ***tiżgura t-trasparenza u l-prevedibbiltà, u*** tippermetti lill-kumpaniji jiffurmaw alleanzi meta jikkontribwixxu għall-innovazzjoni, il-klima, ir-reżiljenza u s-sigurtà, u tirrifletti realtajiet speċifiċi għas-settur lil hinn mill-prezzijiet u l-ishma mis-suq; ***jisħaq li l-iżvilupp ta’ espansjoni effiċjenti għandu jkun primarjament xprunat minn dinamika bbażata fuq is-suq filwaqt li jevita distorsjonijiet bla bżonn tal-kompetizzjoni;***

Or. en

Emenda 244
Antonio López-Istúriz White

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jistieden lill-Kummissjoni tadotta approċċ li jħares ’il quddiem għall-fużjonijiet, filwaqt li tqis it-titjib fl-effiċjenza, tippermetti lill-kumpaniji jiffurmaw alleanzi meta jikkontribwixxu għall-innovazzjoni, ***il-klima***, ***ir-reżiljenza*** u ***s-sigurtà***, u tirrifletti realtajiet speċifiċi għas-settur lil hinn mill-prezzijiet u l-ishma mis-suq;	21. Jistieden lill-Kummissjoni tadotta approċċ li jħares ’il quddiem għall-fużjonijiet, filwaqt li tqis it-titjib ***dinamiku u fit-tul*** fl-effiċjenza, tippermetti lill-kumpaniji jiffurmaw alleanzi meta jikkontribwixxu għall-innovazzjoni ***u għall-investiment, irrispettivament minn jekk ikunux fis-suq jew barra tiegħu. Pereżempju, b’rabta mal-klima***, ***mar-reżiljenza*** u ***mas-sigurtà***, u tirrifletti realtajiet speċifiċi għas-settur lil hinn mill-prezzijiet u l-ishma mis-suq ***f’terminu qasir***;

Or. en

Emenda 245
Marco Falcone

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jistieden lill-Kummissjoni tadotta approċċ li jħares ’il quddiem għall-fużjonijiet, filwaqt li tqis it-titjib fl-effiċjenza, tippermetti lill-kumpaniji jiffurmaw alleanzi meta jikkontribwixxu għall-innovazzjoni, il-klima, ir-reżiljenza u s-sigurtà, u ***tirrifletti*** realtajiet speċifiċi għas-settur lil hinn mill-prezzijiet u l-ishma mis-suq;	21. Jistieden lill-Kummissjoni tadotta approċċ li jħares ’il quddiem għall-fużjonijiet, filwaqt li tqis it-titjib fl-effiċjenza, tippermetti lill-kumpaniji jiffurmaw alleanzi meta jikkontribwixxu għall-innovazzjoni, il-klima, ir-reżiljenza u s-sigurtà, u ***dan kollu jirrifletti approċċ għall-valutazzjoni tas-saħħa fis-suq u ta’*** realtajiet speċifiċi għas-settur lil hinn mill-prezzijiet u l-ishma mis-suq;

Or. en

Emenda 246
Christophe Gomart

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jistieden lill-Kummissjoni tadotta approċċ li jħares ’il quddiem għall-fużjonijiet, filwaqt li tqis it-titjib fl-effiċjenza, tippermetti lill-kumpaniji jiffurmaw alleanzi meta jikkontribwixxu għall-innovazzjoni, il-klima, ir-reżiljenza ***u s-sigurtà***, u tirrifletti realtajiet speċifiċi għas-settur lil hinn mill-prezzijiet u l-ishma mis-suq;	21. Jistieden lill-Kummissjoni tadotta approċċ li jħares ’il quddiem għall-fużjonijiet, filwaqt li tqis it-titjib fl-effiċjenza, tippermetti lill-kumpaniji jiffurmaw alleanzi meta jikkontribwixxu għall-innovazzjoni, il-klima, ir-reżiljenza***, is-sigurtà u t-tisħiħ tal-awtonomija strateġika Ewropea***, u tirrifletti realtajiet speċifiċi għas-settur lil hinn mill-prezzijiet u l-ishma mis-suq;

Or. fr

Emenda 247
Stéphanie Yon-Courtin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jistieden lill-Kummissjoni tadotta approċċ li jħares ’il quddiem għall-fużjonijiet, filwaqt li tqis it-titjib fl-effiċjenza, tippermetti lill-kumpaniji jiffurmaw alleanzi meta jikkontribwixxu għall-innovazzjoni, il-klima, ir-reżiljenza u s-sigurtà, u tirrifletti realtajiet speċifiċi għas-settur lil hinn mill-prezzijiet u l-ishma mis-suq;	21. Jistieden lill-Kummissjoni tadotta approċċ li jħares ’il quddiem għall-fużjonijiet, filwaqt li tqis it-titjib fl-effiċjenza ***kmieni kemm jista’ jkun fil-proċedura***, tippermetti lill-kumpaniji jiffurmaw alleanzi meta jikkontribwixxu għall-innovazzjoni, il-klima, ir-reżiljenza u s-sigurtà, u tirrifletti realtajiet speċifiċi għas-settur lil hinn mill-prezzijiet u l-ishma mis-suq;

Or. en

Emenda 248
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jistieden lill-Kummissjoni tadotta approċċ li jħares ’il quddiem għall-fużjonijiet, filwaqt li tqis it-titjib fl-effiċjenza, tippermetti lill-kumpaniji jiffurmaw alleanzi meta jikkontribwixxu għall-innovazzjoni, il-klima, ir-reżiljenza u s-sigurtà, u tirrifletti realtajiet speċifiċi għas-settur lil hinn mill-prezzijiet u l-ishma mis-suq;	21. Jistieden lill-Kummissjoni tadotta approċċ li jħares ’il quddiem għall-fużjonijiet, filwaqt li tqis it-titjib ***dinamiku u fit-tul*** fl-effiċjenza, tippermetti lill-kumpaniji jiffurmaw alleanzi meta jikkontribwixxu għall-innovazzjoni, il-klima, ir-reżiljenza u s-sigurtà, u tirrifletti realtajiet speċifiċi għas-settur lil hinn mill-prezzijiet u l-ishma mis-suq ***f’terminu qasir***;

Or. en

Emenda 249
Adnan Dibrani, Nikos Papandreou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. ***Jistieden lill-Kummissjoni tadotta***	21. ***Jagħraf il-ħtieġa li jiġi adottat***

approċċ li jħares ’il quddiem għall-fużjonijiet, ***filwaqt*** li ***tqis it-titjib fl-effiċjenza, tippermetti*** lill-kumpaniji jiffurmaw alleanzi meta jikkontribwixxu għall-innovazzjoni, il-klima, ir-reżiljenza u s-sigurtà, u ***tirrifletti*** realtajiet speċifiċi għas-settur lil hinn mill-prezzijiet u l-ishma mis-suq;	approċċ li jħares ’il quddiem għall-fużjonijiet, li ***jippermetti*** lill-kumpaniji jiffurmaw alleanzi meta jikkontribwixxu għall-innovazzjoni, il-klima, ir-reżiljenza u s-sigurtà, u ***jirrifletti*** realtajiet speċifiċi għas-settur lil hinn mill-prezzijiet u l-ishma mis-suq;
	Or. en

Emenda 250
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Jesprimi tħassib serju dwar iż-żidiet f’daqqa u qawwija fil-prezzijiet tal-enerġija f’Marzu 2026 fil-kuntest tal-gwerra li għaddejja bħalissa fil-Lvant Nofsani; jenfasizza b’mod partikolari li, fis-swieq tal-petroleum, iż-żidiet fil-prezzijiet malajr jgħaddu għand il-konsumaturi; ifakkar li strutturi oligopolistiċi tas-suq li jkunu kkonċentrati ħafna, fejn għadd limitat ta’ kumpaniji integrati vertikalment jikkontrollaw segmenti kbar mill-katina tal-valur, jikkontribwixxu b’mod sinifikanti għal din id-dinamika; jinnota wkoll bi tħassib li, fir-riperkussjonijiet ta’ wara l-kriżi tal-enerġija tal-2022, il-kostijiet li kienu qed jogħlew tal-enerġija komplew iżidu b’mod sostanzjali l-inflazzjoni fil-prezzijiet tal-ikel; jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ u tinforza b’mod aktar rigoruż id-dritt tal-kompetizzjoni sabiex jiġi żgurat ipprezzar ġust u jiġu protetti aħjar il-konsumaturi;
	Or. en

Emenda 251

Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	***21b. Jisħaq fuq is-sejbiet tal-Monopolkommission[1a] Ġermaniża li jqajmu tħassib serju dwar il-kompetizzjoni, b'mod partikolari fid-dawl tal-konċentrazzjoni għolja u tal-integrazzjoni vertikali li qed tiżdied fis-settur tal-bejgħ tal-ikel bl-imnut; ifakkar li l-prezzijiet baqgħu għoljin anke wara li tneħħew xi pressjonijiet minn fuq il-kostijiet, li jindika żidiet sostnuti fil-prezzijiet; iħeġġeġ lill-Kummissjoni twettaq inkjesti settorjali fis-settur tal-ikel fil-livell tal-UE biex teżamina xejriet fil-komponenti varji tal-prezzijiet finali għall-konsumatur; jistieden lill-Kummissjoni tadotta linji gwida skont l-Artikolu 102 tat-TFUE mhux biss dwar l-abbużi antikompetittivi iżda wkoll dwar l-abbużi ta' sfruttament, inklużi l-prezzijiet eċċessivi jew inġusti, sabiex tiġi promossa ċ-ċertezza tad-dritt u l-infurzar isir aktar effettiv fi swieq tal-konsumatur ikkonċentrati ħafna;* *[1a] Monopolkommission (2025). Wettbewerb in der Lebensmittellieferkette (Sondergutachten 84). https://www.monopolkommission.de/de/gutachten/sondergutachten/sondergutachten-auf-eigene-initiative/484-84-sondergutachten-wettbewerb-in-der-lebensmittellieferkette.html* Or. en

Emenda 252
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 21c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21c. Iwissi kontra l-konċentrazzjoni dejjem akbar, l-interkonnessjoni, u n-networks kumplessi ta' sjieda tas-settur finanzjarju Ewropew; jinnota f'dan il-kuntest l-offerta volontarja minn UniCredit għall-akkwiżizzjoni ta' Commerzbank, u jwissi li l-fużjoni potenzjali tagħhom tista' tkompli ddgħajjef il-kompetizzjoni, issaħħaħ id-dinamika ta' "kbira wisq biex tfalli" u żżid ir-riskji sistemiċi għall-istabbiltà finanzjarja; jistieden lill-Kummissjoni tapplika kontroll strett tal-fużjonijiet u, meta jkun meħtieġ, rimedji strutturali, u tiżgura li l-valutazzjoni tal-fużjonijiet tinkludi l-impatti fuq l-ekonomija kollha u l-effetti tal-konsolidazzjoni kumulattiva; iħeġġeġ ukoll lill-Kummissjoni tiżgura li l-politika tal-kompetizzjoni jkollha rwol ċentrali biex tindirizza l-konċentrazzjoni eċċessiva u tnaqqas ir-riskju sistemiku marbut ma' saħħa finanzjarja eċċessiva;

Or. en

Emenda 253
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Ifakkar li l-kompetizzjoni tissalvagwardja l-għażla tal-konsumatur; jinnota ***l-interess ta' Netflix u Paramount fl-akkwist*** ta' Warner Bros u jitlob rieżami bir-reqqa tal-fużjonijiet awdjoviżivi futuri;	22. Ifakkar li l-kompetizzjoni tissalvagwardja l-għażla tal-konsumatur ***u l-prezzijiet affordabbli***; jinnota ***bi tħassib l-akkwiżizzjoni*** ta' Warner Bros***. Discovery proposta minn Paramount Skydance u l-konsolidazzjoni dejjem akbar fis-settur kulturali*** u jitlob rieżami bir-reqqa tal-fużjonijiet awdjoviżivi futuri;

Or. en

Emenda 254
Marco Falcone

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Ifakkar li l-kompetizzjoni tissalvagwardja l-għażla tal-konsumatur; ***jinnota l-interess ta' Netflix u Paramount fl-akkwist ta' Warner Bros u*** jitlob rieżami bir-reqqa tal-fużjonijiet awdjoviżivi futuri;	22. Ifakkar li l-kompetizzjoni tissalvagwardja l-għażla tal-konsumatur; jitlob rieżami bir-reqqa tal-fużjonijiet awdjoviżivi futuri;

Or. en

Emenda 255
Isabel Benjumea Benjumea

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Ifakkar li l-kompetizzjoni tissalvagwardja l-għażla tal-konsumatur; ***jinnota l-interess ta' Netflix u Paramount fl-akkwist ta' Warner Bros u*** jitlob rieżami bir-reqqa tal-fużjonijiet awdjoviżivi futuri;	22. Ifakkar li l-kompetizzjoni tissalvagwardja l-għażla tal-konsumatur; jitlob rieżami bir-reqqa tal-fużjonijiet awdjoviżivi futuri;

Or. es

Emenda 256
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Ifakkar li ***l-kompetizzjoni*** tissalvagwardja l-għażla tal-konsumatur***;*** ***jinnota l-interess ta' Netflix u Paramount fl-akkwist ta' Warner Bros*** u jitlob rieżami	22. Ifakkar li ***l-politika tal-kompetizzjoni*** tissalvagwardja l-għażla tal-konsumatur u jitlob rieżami bir-reqqa tal-

bir-reqqa tal-fużjonijiet awdjoviżivi futuri;	fużjonijiet awdjoviżivi futuri;

Or. en

Emenda 257
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Ifakkar li ***l-kompetizzjoni*** tissalvagwardja l-għażla tal-konsumatur; ***jinnota l-interess ta' Netflix u Paramount fl-akkwist ta' Warner Bros u jitlob rieżami bir-reqqa tal-fużjonijiet awdjoviżivi futuri***;	22. Ifakkar li ***l-politika tal-kompetizzjoni*** tissalvagwardja l-għażla tal-konsumatur ***u d-diversità tas-suq***; ***jistieden lill-Kummissjoni tapplika kontroll rigoruż tal-fużjonijiet fis-settur awdjoviżiv u tal-media***;

Or. en

Emenda 258
Jussi Saramo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	22a. Jissottolinja li f'dawn l-aħħar snin l-industrija tat-telekomunikazzjoni tal-UE rat konsolidazzjoni dejjem akbar; jenfasizza li swieq aktar konsolidati fl-Ewropa għandhom tendenza li jkunu kkaratterizzati minn livelli baxxi ta' investiment u li konsolidazzjoni li qed tikber spiss twassal għal prezzijiet ogħla[1a] u servizzi ta' kwalità aktar baxxa għall-konsumaturi tal-UE; jirrifjuta, għalhekk, kwalunkwe bidla fil-Linji Gwida dwar il-Fużjonijiet li taċċelera l-konsolidazzjoni fis-settur tat-telekomunikazzjoni tal-UE:

[1a] Il-Kummissjoni Ewropea: id-Direttorat

Ġenerali għall-Kompetizzjoni, Protecting competition in a changing world – Evidence on the evolution of competition in the EU during the past 25 years (Nipproteġu l-kompetizzjoni f'dinja li qed tinbidel – Evidenza dwar l-evoluzzjoni tal-kompetizzjoni fl-UE matul dawn l-aħħar 25 sena), l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024, https://data.europa.eu/doi/10.2763/089949

Or. en

Emenda 259
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jistieden lill-Kummissjoni tidentifika u tipprevjeni "akkwiżizzjonijiet predatorji" (jiġifieri meta kumpanija takkwista l-kontroll ta' kumpanija innovattiva biex teliminahom bħala sors possibbli ta' kompetizzjoni futura), b'mod partikolari fl-IA u f'setturi strateġiċi oħra; iħeġġeġ lill-Istati Membri jagħtu lill-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni setgħat ta' intervent sabiex ikunu jistgħu jirrevedu l-fużjonijiet u l-akkwiżizzjonijiet, jekk dan ma jkunx diġà l-każ;	23. ***Jinnota li l-pjattaformi online taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-DMA akkwistaw madwar 700 kumpanija iżgħar mis-sena 2000, filwaqt li 19 biss minn dawn it-tranżazzjonijiet ġew innotifikati lill-Kummissjoni, peress li l-biċċa l-kbira minnhom kienu jaqgħu taħt il-livelli limitu ta' notifika bbażati fuq il-fatturat;*** jistieden lill-Kummissjoni tidentifika u tipprevjeni "akkwiżizzjonijiet predatorji" (jiġifieri meta kumpanija takkwista l-kontroll ta' kumpanija innovattiva biex teliminahom bħala sors possibbli ta' kompetizzjoni futura), b'mod partikolari fl-IA u f'setturi strateġiċi oħra; ***itenni s-sejħa tiegħu lill-Kummissjoni biex tqis il-possibbiltà għal rieżami tar-Regolament tal-UE dwar il-Fużjonijiet biex tkun tista' teżamina l-fużjonijiet li jaqgħu taħt il-livelli limitu tal-UE jew dawk nazzjonali;*** iħeġġeġ lill-Istati Membri jagħtu lill-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni setgħat ta' intervent sabiex ikunu jistgħu jirrevedu l-fużjonijiet u l-akkwiżizzjonijiet, jekk dan ma jkunx diġà l-każ;

Or. en

Emenda 260
Adnan Dibrani, Jonás Fernández, Niels Fuglsang, Aurore Lalucq, Eero Heinäluoma, Lara Wolters, Thomas Bajada, César Luena, Irene Tinagli, Nikos Papandreou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jistieden lill-Kummissjoni tidentifika u tipprevjeni "akkwiżizzjonijiet predatorji" (jiġifieri meta kumpanija takkwista l-kontroll ta' kumpanija innovattiva biex teliminahom bħala sors possibbli ta' kompetizzjoni futura), b'mod partikolari fl-IA u f'setturi strateġiċi oħra; iħeġġeġ lill-Istati Membri jagħtu lill-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni setgħat ta' intervent sabiex ikunu jistgħu jirrevedu l-fużjonijiet u l-akkwiżizzjonijiet, jekk dan ma jkunx diġà l-każ;	23. Jistieden lill-Kummissjoni tidentifika u tipprevjeni "akkwiżizzjonijiet predatorji" (jiġifieri meta kumpanija takkwista l-kontroll ta' kumpanija innovattiva biex teliminahom bħala sors possibbli ta' kompetizzjoni futura), b'mod partikolari fl-IA u f'setturi strateġiċi oħra; iħeġġeġ lill-Istati Membri jagħtu lill-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni setgħat ta' intervent sabiex ikunu jistgħu jirrevedu l-fużjonijiet u l-akkwiżizzjonijiet, jekk dan ma jkunx diġà l-każ; ***isostni li għandha tiżdied bażi legali għas-suq uniku fir-Regolament tal-UE dwar il-Fużjonijiet f'każ ta' rieżami, sabiex il-koleġiżlaturi jiġu involuti bis-sħiħ, b'mod simili għal dak tal-Att dwar is-Swieq Diġitali;***

Or. en

Emenda 261
Marco Falcone

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jistieden lill-Kummissjoni tidentifika u tipprevjeni "akkwiżizzjonijiet predatorji" (jiġifieri meta kumpanija takkwista l-kontroll ta' kumpanija innovattiva biex teliminahom bħala sors	23. Jistieden lill-Kummissjoni tidentifika u tipprevjeni "akkwiżizzjonijiet predatorji" (jiġifieri meta kumpanija takkwista l-kontroll ta' kumpanija innovattiva biex teliminahom bħala sors

possibbli ta’ kompetizzjoni futura), b’mod partikolari fl-IA u f’setturi strateġiċi oħra; iħeġġeġ lill-Istati Membri jagħtu lill-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni setgħat ta’ intervent sabiex ikunu jistgħu jirrevedu l-fużjonijiet u l-akkwiżizzjonijiet, jekk dan ma jkunx diġà l-każ;

possibbli ta’ kompetizzjoni futura), b’mod partikolari fl-IA***, fil-farmaċewtika*** u f’setturi strateġiċi oħra; ***ifakkar li, f’ċerti każijiet, approvazzjonijiet ta’ fużjonijiet passati kkontribwew għall-ħolqien ta’ dipendenzi strutturali fis-suq, speċjalment fis-settur tal-pagamenti;*** iħeġġeġ lill-Istati Membri jagħtu lill-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni setgħat ta’ intervent sabiex ikunu jistgħu jirrevedu l-fużjonijiet u l-akkwiżizzjonijiet, jekk dan ma jkunx diġà l-każ;

Or. en

Emenda 262
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jistieden lill-Kummissjoni tidentifika u tipprevjeni “akkwiżizzjonijiet predatorji” (jiġifieri meta kumpanija takkwista l-kontroll ta’ kumpanija innovattiva biex teliminahom bħala sors possibbli ta’ kompetizzjoni futura), b’mod partikolari fl-IA u f’setturi strateġiċi oħra; ***iħeġġeġ lill-Istati Membri jagħtu lill-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni setgħat ta’ intervent sabiex ikunu jistgħu jirrevedu l-fużjonijiet u l-akkwiżizzjonijiet, jekk dan ma jkunx diġà l-każ;***	23. Jistieden lill-Kummissjoni tidentifika u ***tadatta r-regolament sabiex*** tipprevjeni “akkwiżizzjonijiet predatorji” (jiġifieri meta kumpanija takkwista l-kontroll ta’ kumpanija innovattiva biex teliminahom bħala sors possibbli ta’ kompetizzjoni futura), b’mod partikolari fl-IA u f’setturi strateġiċi oħra;

Or. en

Emenda 263
Marco Squarta

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jistieden lill-Kummissjoni tidentifika u tipprevjeni “akkwiżizzjonijiet predatorji” (jiġifieri meta kumpanija takkwista l-kontroll ta’ kumpanija innovattiva biex teliminahom bħala sors possibbli ta’ kompetizzjoni futura), b’mod partikolari fl-IA u f’setturi strateġiċi oħra; iħeġġeġ lill-Istati Membri jagħtu lill-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni setgħat ta’ intervent sabiex ikunu jistgħu jirrevedu l-fużjonijiet u l-akkwiżizzjonijiet, ***jekk dan ma jkunx diġà l-każ***;	23. Jistieden lill-Kummissjoni tidentifika u tipprevjeni “akkwiżizzjonijiet predatorji” (jiġifieri meta kumpanija takkwista l-kontroll ta’ kumpanija innovattiva biex teliminahom bħala sors possibbli ta’ kompetizzjoni futura), b’mod partikolari fl-IA u f’setturi strateġiċi oħra; iħeġġeġ lill-Istati Membri jagħtu lill-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni setgħat ta’ intervent sabiex ikunu jistgħu jirrevedu l-fużjonijiet u l-akkwiżizzjonijiet, ***filwaqt li jiżguraw iċ-ċertezza tad-dritt u jevitaw il-piżijiet bla bżonn fuq l-SMEs u l-istart-ups***;

Or. en

Emenda 264
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jistieden lill-Kummissjoni ***tidentifika u tipprevjeni “akkwiżizzjonijiet predatorji” (jiġifieri meta kumpanija takkwista l-kontroll ta’ kumpanija innovattiva biex teliminahom bħala sors possibbli ta’ kompetizzjoni futura)***, b’mod partikolari ***fl-IA*** u ***f’setturi strateġiċi oħra***; ***iħeġġeġ lill-Istati Membri jagħtu lill-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni setgħat ta’ intervent sabiex ikunu jistgħu jirrevedu l-fużjonijiet u*** l-akkwiżizzjonijiet***, jekk dan ma jkunx diġà l-każ***;	23. Jistieden lill-Kummissjoni ***tiżgura detezzjoni effettiva u rieżami tal-akkwiżizzjonijiet ta’ kompetituri ġodda***, b’mod partikolari ***fis-setturi diġitali, tal-IA*** u ***tal-farmaċewtika***; ***jappoġġja l-introduzzjoni ta’ livell limitu għall-valur tat-tranżazzjoni fil-livell tal-UE biex jinqabdu tranżazzjonijiet bħal dawn, u b’hekk jiġi żgurat qafas koerenti mal-UE kollha; ifakkar li mhux*** l-akkwiżizzjonijiet ***kollha tal-kumpaniji innovattivi huma antikompetittivi u li hija meħtieġa valutazzjoni bilanċjata bbażata fuq l-evidenza***;

Or. en

Emenda 265

Jonás Fernández, César Luena

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jistieden lill-Kummissjoni tidentifika u tipprevjeni "akkwiżizzjonijiet predatorji" (jiġifieri meta kumpanija takkwista l-kontroll ta' kumpanija innovattiva biex teliminahom bħala sors possibbli ta' kompetizzjoni futura), b'mod partikolari fl-IA u f'setturi strateġiċi oħra; iħeġġeġ lill-Istati Membri jagħtu lill-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni setgħat ta' intervent sabiex ikunu jistgħu jirrevedu l-fużjonijiet u l-akkwiżizzjonijiet, jekk dan ma jkunx diġà l-każ;	23. Jistieden lill-Kummissjoni tidentifika u tipprevjeni "akkwiżizzjonijiet predatorji" (jiġifieri meta kumpanija takkwista l-kontroll ta' kumpanija innovattiva biex teliminahom bħala sors possibbli ta' kompetizzjoni futura), b'mod partikolari fl-IA***, fis-settur diġitali*** u f'setturi strateġiċi oħra; iħeġġeġ lill-Istati Membri jagħtu lill-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni setgħat ta' intervent sabiex ikunu jistgħu jirrevedu l-fużjonijiet u l-akkwiżizzjonijiet, jekk dan ma jkunx diġà l-każ;

Or. en

Emenda 266
Antonio López-Istúriz White

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23a. Jistieden lill-Kummissjoni tadotta standard ta' evidenza għar-rikonoxximent tal-effiċjenzi li jkun simetriku mal-istandard ta' evidenza għall-ħsara u allinjat mar-Regolament tal-UE dwar il-Fużjonijiet; jinnota li approċċ dinamiku, olistiku u fit-tul se jikkontribwixxi biex jiġu koperti bis-sħiħ l-effetti prokompetittivi tal-fużjonijiet u biex l-effetti jiġu vvalutati b'mod adegwat. Biex jiġu koperti bis-sħiħ il-benefiċċji soċjoekonomiċi kollha li jirriżultaw minn fużjoni, l-analiżi trid tqis l-effiċjenzi kollha, inklużi l-effiċjenzi barra mis-suq;

Or. en

Emenda 267
Adnan Dibrani, Jonás Fernández, Niels Fuglsang, Aurore Lalucq, Eero Heinäluoma, Lara Wolters, Thomas Bajada, César Luena, Irene Tinagli, Nikos Papandreou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23a. Jisħaq li kwalunkwe konsolidazzjoni fis-settur bankarju għandha tiġi vvalutata mhux biss minn perspettiva tal-kompetittività iżda wkoll fid-dawl tal-implikazzjonijiet potenzjali tagħha għall-istabbiltà finanzjarja, għar-riskju sistemiku u għall-għażla tal-konsumatur; ifakkar fit-tagħlimiet tal-kriżi finanzjarja rigward il-konċentrazzjoni eċċessiva u r-riskji assoċjati mal-istituzzjonijiet meqjusa bħala "kbar wisq biex ifallu";

Or. en

Emenda 268
Jussi Saramo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23a. Jinnota li mis-sena 2000, il-pjattaformi online li issa jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-DMA, xtraw kważi 700 kumpanija u 19 biss mit-tentattivi ta' akkwiżizzjoni ġew innotifikati lill-Kummissjoni Ewropea; jissottolinja, f'dan ir-rigward, li s-saħħa fis-suq diġitali qed tikkonċentra ruħha fi ftit kumpaniji Amerikani;

Or. en

Emenda 269
Marco Falcone

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23a. Jistieden lill-Kummissjoni timmira għal riforma ġenwina u li tħares 'il quddiem tal-Linji Gwida dwar il-Fużjonijiet, riforma li tmur lil hinn mis-sempliċi kjarifika u kodifikazzjoni ta' prattiki passati, u minflok tappoġġja t-tkabbir tal-produttività Ewropea vis-à-vis il-pajjiżi terzi;

Or. en

Emenda 270
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 5a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Il-politika tal-kompetizzjoni fis-settur tal-kultura u l-isport

Or. en

Emenda 271
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23a. Josserva bi tħassib li l-futbol professjonali evolva minn istituzzjoni soċjali għal suq kulma jmur dejjem aktar kummerċjali; jistieden lill-Kummissjoni taqdi r-rwol tagħha bħala gwardjan tat-

Trattati f'wieħed mis-setturi soċjali u ekonomiċi l-aktar importanti tal-UE billi timmonitorja b'mod attiv u tiġġieled, fil-livelli kollha, it-theddid għall-futbol ibbażat fuq il-valur f'konformità mal-Mudell Ewropew tal-Isport; jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi linji gwida ċari biex tiżgura l-kompetizzjoni ġusta, sabiex jiġi ssalvagwardjat il-Mudell Ewropew tal-Isports fil-futbol professjonali;

Or. en

Emenda 272
Marco Falcone

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23b. Jissottolinja l-ħtieġa li l-Kummissjoni taġġorna l-istandard ta' evidenza għar-rikonoxximent tal-effiċjenzi, filwaqt li ġġibu konformi mal-istandard meħtieġ biex tintwera l-ħsara; jinnota li approċċ dinamiku, li jħares 'il quddiem u fit-tul se jkopri aħjar l-effetti prokompetittivi tal-fużjonijiet u jivvalutahom b'mod adegwat. Biex tqis bis-sħiħ il-benefiċċji soċjoekonomiċi kollha minn fużjoni, l-analiżi għandha tinkludi l-effiċjenzi kollha, inklużi dawk barra mis-suq;

Or. en

Emenda 273
Antonio López-Istúriz White

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

23b. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa prattika ta' rimedji ġdida ffukata fuq l-impenji tal-investiment u tħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tagħmel ukoll rieżami tal-Avviż ta' Rimedji tal-UE; jissottolinja li r-rimedji għandhom jiffurmaw parti integrali minn approċċ ġdid għall-analiżi tal-fużjonijiet, li b'mod partikolari jirrikonoxxu l-benefiċċji tar-rimedji għall-investiment li jikkontribwixxu għall-objettivi tal-UE għall-benefiċċju tal-konsumaturi;

Or. en

Emenda 274
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23b. Jagħraf ix-xejra dejjem akbar tal-investiment barrani u s-sjieda fl-isport Ewropew, u jistieden lill-Kummissjoni tqis l-implikazzjonijiet ta' dan l-iżvilupp meta tappoġġja sforzi biex tissalvagwardja l-integrità finanzjarja u l-bilanċ kompetittiv tal-isport Ewropew; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura infurzar b'saħħtu tar-Regolament dwar is-Sussidji Barranin u tivvaluta bir-reqqa d-distorsjonijiet potenzjali tas-suq intern, kif ukoll l-impatt fuq il-Mudell Ewropew tal-Isport ibbażat fuq il-valuri;

Or. en

Emenda 275
Marco Falcone

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23c. Jenfasizza li l-valutazzjonijiet tal-fużjonijiet għandhom isiru fuq bażi li tirrifletti r-realtajiet ekonomiċi u teknoloġiċi ta' kull settur, inkluża l-ħtieġa ta' perjodu ta' żmien xieraq biex tiġi evalwata l-evoluzzjoni tas-suq u l-effetti tal-fużjoni. L-approċċ "kulħadd f'keffa waħda" ma jaħdimx f'setturi b'ċikli twal tal-investiment u b'redditi mdewma;

Or. en

Emenda 276
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23c. Jenfasizza l-espansjoni kontinwa tal-istrutturi ta' sjieda ta' klabbs multipli (MCO), bi 345 klabb marbut ma' 139 investitur sal-2025 (meta mqabbel ma' 29 fl-2011); jenfasizza li aktar minn 40 % tal-klabbs fl-ewwel ħames legi issa huma marbuta ma' investituri tal-ekwità privata; jinnota li l-investituri huma fil-biċċa l-kbira individwi sinjuri, bl-investituri mill-Istati Uniti rappreżentati b'mod qawwi u b'fokus akbar fuq klabbs f'legi aktar baxxi, filwaqt li l-mudelli MCO jibqgħu fil-maġġoranza tagħhom limitati fl-Istati Uniti; jenfasizza li l-istrutturi MCO huma ta' theddida għall-integrità, jimminaw l-identità tal-klabbs, u jħeġġu skwadri kbar ħafna, dawran eċċessivi tal-plejers u negozjar finanzjarju mhux trasparenti; jinnota li l-istrumenti eżistenti għall-kontroll tal-investituri fil-futbol professjonali Ewropew kienu inadegwati fid-dawl tal-istrutturi ta' sjieda transfruntiera, tal-arranġamenti legali sofistikati u tal-infurzar limitat; jissottolinja li għandhom jiġu protetti r-

regolamenti nazzjonali, bħar-regola 50+1;

Or. en

Emenda 277
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23d. Jisħaq fuq iż-żieda tal-ipprezzar dinamiku tal-biljetti fis-settur tal-isports, li jista' jimpedixxi l-aċċessibbiltà għall-avvenimenti sportivi u jqajjem tħassib rigward l-ekwità għall-konsumaturi; jissottolinja li, skont l-Artikolu 102 tat-TFUE, kwalunkwe użu tal-ipprezzar algoritmiku minn atturi dominanti fis-suq li jwassal għal ipprezzar inġust jew distorsjoni tal-kompetizzjoni jikkostitwixxi abbuż ta' pożizzjoni dominanti; jitlob monitoraġġ mill-qrib tal-prattiki tas-suq u tal-konformità mar-regoli tal-UE tal-kompetizzjoni, u jenfasizza l-ħtieġa ta' studji komprensivi u bbażati fuq l-evidenza biex jivvalutaw l-impatt ġenerali tal-ipprezzar dinamiku fuq il-konsumaturi; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, fil-perjodu interim, iqisu bis-serjetà l-alternattivi regolatorji kollha, inkluża l-projbizzjoni tal-ipprezzar dinamiku fl-avvenimenti sportivi u kulturali live fl-Att dwar l-Ekwità Diġitali, bil-għan li jiġu protetti l-konsumaturi u jinżamm il-valur soċjali u pubbliku tal-isport u tal-kultura;

Or. en

Emenda 278
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. ***Jilqa'*** l-Qafas għall-Għajnuna mill-Istat tal-Patt għal Industrija Nadifa; ***jitlob*** li l-Qafas għall-Għajnuna mill-Istat tal-Patt għal Industrija Nadifa jiġi implimentat b'mod li ***jiżgura piż minimu fuq*** l-Istati Membri ***u jżommhom milli jinvolvu ruħhom fi tlielaq għas-sussidji***;	24. ***Jinnota*** l-Qafas għall-Għajnuna mill-Istat tal-Patt għal Industrija Nadifa ***bħala strument immirat biex jappoġġja t-tranżizzjoni tal-enerġija u l-kompetittività industrijali Ewropea***; ***jinsisti*** li l-Qafas għall-Għajnuna mill-Istat tal-Patt għal Industrija Nadifa jiġi implimentat b'mod li ***jipprevjeni tlielaq għas-sussidji bejn*** l-Istati Membri***, jevita l-frammentazzjoni ulterjuri tas-suq uniku, u jiżgura kundizzjonijiet ekwi u ġenwini fl-UE; jitlob monitoraġġ strett tar-riskji ta' akkumulazzjoni u li tittejjeb it-trasparenza tal-għajnuna mill-Istat, fosthom permezz ta' rapportar pubbliku aktar ċar dwar l-ammonti u l-benefiċjarji tal-għajnuna, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri***;

Or. en

Emenda 279
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jilqa' l-Qafas għall-Għajnuna mill-Istat tal-Patt għal Industrija Nadifa; jitlob li l-Qafas għall-Għajnuna mill-Istat tal-Patt għal Industrija Nadifa jiġi implimentat b'mod li jiżgura piż minimu fuq l-Istati Membri ***u jżommhom milli jinvolvu ruħhom fi tlielaq*** għas-sussidji;	24. Jilqa' l-Qafas għall-Għajnuna mill-Istat tal-Patt għal Industrija Nadifa; ***jisħaq li l-implimentazzjoni tal-Qafas għall-Għajnuna mill-Istat tal-Patt għal Industrija Nadifa trid tikkontribwixxi għall-objettivi tan-newtralità klimatika u tal-enerġija tal-Unjoni u tevita li ninqabdu f'dipendenzi mill-fjuwils fossili;*** jitlob li l-Qafas għall-Għajnuna mill-Istat tal-Patt għal Industrija Nadifa jiġi implimentat b'mod li jiżgura piż minimu fuq l-Istati Membri***, jipprevjeni t-tlielaq*** għas-sussidji***, jippreżerva l-integrità tas-suq intern u jinkludi salvagwardji***

b'saħħithom għat-trasparenza, il-proporzjonalità u l-effettività ambjentali;

Or. en

Emenda 280
Adnan Dibrani, Jonás Fernández, Niels Fuglsang, Aurore Lalucq, Eero Heinäluoma, Lara Wolters, Thomas Bajada, César Luena, Irene Tinagli, Nikos Papandreou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jilqa' l-Qafas għall-Għajnuna mill-Istat tal-Patt għal Industrija Nadifa; jitlob li l-Qafas għall-Għajnuna mill-Istat tal-Patt għal Industrija Nadifa jiġi implimentat b'mod li jiżgura piż minimu fuq l-Istati Membri u jżommhom milli jinvolvu ruħhom fi tlielaq għas-sussidji;	24. Jilqa' l-Qafas għall-Għajnuna mill-Istat tal-Patt għal Industrija Nadifa***, li jwassal għas-simplifikazzjoni u l-aċċelerazzjoni tal-proċessi, u biex aktar flus imorru għad-dekarbonizzazzjoni u għal industriji nodfa***; jitlob li l-Qafas għall-Għajnuna mill-Istat tal-Patt għal Industrija Nadifa jiġi implimentat b'mod li jiżgura piż minimu fuq l-Istati Membri u jżommhom milli jinvolvu ruħhom fi tlielaq għas-sussidji;

Or. en

Emenda 281
Marco Squarta

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jilqa' l-Qafas għall-Għajnuna mill-Istat tal-Patt għal Industrija Nadifa; jitlob li l-Qafas għall-Għajnuna mill-Istat tal-Patt għal Industrija Nadifa jiġi implimentat b'mod li jiżgura piż minimu fuq l-Istati Membri u ***jżommhom milli jinvolvu ruħhom fi*** tlielaq għas-sussidji;	24. Jilqa' l-Qafas għall-Għajnuna mill-Istat tal-Patt għal Industrija Nadifa; jitlob li l-Qafas għall-Għajnuna mill-Istat tal-Patt għal Industrija Nadifa jiġi implimentat b'mod li ***għandu jibqa' mmirat u proporzjonat u li*** jiżgura piż minimu fuq l-Istati Membri u ***jissalvagwardjahom minn*** tlielaq għas-sussidji ***distortivi u preventivi***;

Or. en

Emenda 282
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. ***Jilqa'*** l-Qafas għall-Għajnuna mill-Istat tal-Patt għal Industrija Nadifa; jitlob li l-Qafas għall-Għajnuna mill-Istat tal-Patt għal Industrija Nadifa jiġi implimentat b'mod li jiżgura piż minimu fuq l-Istati Membri u jżommhom milli jinvolvu ruħhom fi tlielaq għas-sussidji;	24. ***Jinnota*** l-Qafas għall-Għajnuna mill-Istat tal-Patt għal Industrija Nadifa; jitlob li l-Qafas għall-Għajnuna mill-Istat tal-Patt għal Industrija Nadifa jiġi implimentat b'mod li jiżgura piż minimu fuq l-Istati Membri u jżommhom milli jinvolvu ruħhom fi tlielaq għas-sussidji ***jew milli jimminaw il-kundizzjonijiet ekwi***;

Or. en

Emenda 283
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24a. Itenni li r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għandhom jiżguraw li kwalunkwe appoġġ pubbliku mogħti jkun konsistenti mad-dritt tal-Unjoni u mal-prinċipji minquxa fit-Trattati u ma jkollux impatti li jagħmlu ħsara lill-klima, lill-ambjent jew lid-drittijiet soċjali; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura l-applikazzjoni tal-prinċipju "La Tagħmilx Ħsara Sinifikanti" għall-forom kollha ta' għajnuna mill-Istat u tivvaluta l-introduzzjoni ta' kundizzjonalitajiet soċjali, ambjentali u fiskali li jistgħu jitkejlu u jiġu infurzati, inkluż r-rekwiżiti għad-dekarbonizzazzjoni, għall-protezzjoni tal-bijodiversità, u għall-

inċentivi f'konformità mal-objettivi tal-politika tal-Unjoni; iħeġġeġ lill-Istati Membri jqisu, b'mod mhux diskriminatorju, l-inklużjoni ta' kundizzjonijiet li jistgħu jitkejlu u jiġu infurzati li jkunu relatati mal-protezzjoni ambjentali, mad-drittijiet tal-ħaddiema u mal-konformità fiskali, għall-għoti ta' għajnuna; itenni s-sejħa tiegħu biex il-kumpaniji li huma bbażati fuq rifuġji fiskali f'pajjiżi terzi jiġu esklużi mill-akkwist pubbliku u milli jirċievu għajnuna mill-Istat; jisħaq li huma essenzjali trasparenza u obbligu ta' rendikont akbar fl-użu tal-fondi pubbliċi biex tiġi żgurata ċ-ċarezza dwar l-allokazzjoni, il-benefiċjarji u l-impatt tal-għajnuna mill-Istat;

Or. en

Emenda 284
Marco Falcone

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24a. Jirrimarka li l-għajnuna mill-Istat qed tintuża dejjem aktar biex tappoġġja l-objettivi tal-politika industrijali; jinnota l-kapaċitajiet fiskali diverġenti tal-Istati Membri u jwissi li għajnuna frammentata mill-Istat toħloq kundizzjonijiet mhux ekwi; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja dawn l-effetti; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri ma jinvolvux ruħhom f'kompetizzjoni tas-sussidji; jikkonkludi li l-oqfsa temporanji ta' għajnuna mill-Istat naqsu milli jipprevjenu aktar frammentazzjoni; jitlob monitoraġġ aktar strett tan-notifika ta' għajnuna mill-Istat kif ukoll rapportar u trasparenza mtejba tal-għajnuna mill-Istat f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti Ewropea

tal-Awdituri;

Or. en

Emenda 285
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24a. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li kwalunkwe qafas temporanju ta' għajnuna mill-Istat li jkun relatat ma' kriżi jew tranżizzjoni jibqa' strettament eċċezzjonali, immirat u b'terminu limitat; jisħaq li oqfsa bħal dawn għandhom ikunu akkumpanjati minn klawżoli ċari ta' estinzjoni u evalwazzjonijiet ex post tal-effetti tagħhom fit-tul fuq il-kompetizzjoni, il-post fejn isir l-investiment u l-integrità tas-suq uniku; ifakkar, f'dan ir-rigward, fir-riskju identifikat mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri li oqfsa bħal dawn jaf iħeġġu t-tlielaq għas-sussidji bejn l-Istati Membri u jwasslu għal distorsjonijiet fis-suq intern[4a];
	[4a] Rapport Speċjali 21/2024: L-għajnuna mill-Istat fi żminijiet ta' kriżi – Reazzjoni rapida iżda nuqqasijiet fil-monitoraġġ tal-Kummissjoni u inkonsistenzi fil-qafas ta' appoġġ għall-objettivi tal-politika industrijali tal-UE, p.46-50

Or. en

Emenda 286
Adnan Dibrani, Jonás Fernández, Niels Fuglsang, Aurore Lalucq, Eero Heinäluoma, Lara Wolters, César Luena, Irene Tinagli, Nikos Papandreou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 24a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24a. Iqis li kwalunkwe għajnuna mill-Istat mogħtija għandha tkun konsistenti mal-objettivi tal-politika tal-UE bħall-Patt Ekoloġiku u l-Pilastru tad-Drittijiet Soċjali; jitlob li l-kumpaniji li jevitaw it-taxxa billi jużaw rifuġji fiskali f'pajjiżi terzi jiġu esklużi mill-proċeduri ta' akkwist pubbliku u pprojbiti milli jirċievu għajnuna mill-Istat, peress li dawn il-kumpaniji qed jikkompetu taħt kundizzjonijiet inġusti ma' kumpaniji stabbiliti f'rifuġji mhux fiskali; jistieden lill-Kummissjoni tinvestiga n-nuqqas ta' armonizzazzjoni tal-mekkaniżmi ta' rkupru fl-Istati Membri;

Or. en

Emenda 287
Pierre Pimpie

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24a. Ifakkar li d-direzzjonar tal-għajnuna mill-Istat lejn l-industriji ekoloġiċi kkontribwixxa għat-tnaqqis fl-impriżi Ewropej b'mod relattiv mal-kompetituri globali tagħhom;

Or. en

Emenda 288
Jussi Saramo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24a. Ifakkar li t-tranżizzjoni lejn ekonomija b'użu baxx ta' karbonju tirrikjedi politiki industrijali ta' appoġġ;

Or. en

Emenda 289
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24b. Jinnota li l-Qafas għall-Għajnuna mill-Istat tal-Patt għal Industrija Nadifa, b'mod simili ħafna għal-Linji gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-klima, għall-ħarsien tal-ambjent u għall-enerġija 2022 (CEEAG), ikompli jippermetti s-sussidji tal-fjuwils fossili; jinnota li dan ma jaqbilx mat-tmien programm ta' azzjoni ambjentali u mal-impenji internazzjonali tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni tkompli l-isforzi tagħha biex telimina s-sussidji tal-fjuwils fossili bil-ħsieb li tnaqqas id-dipendenzi mill-fjuwils fossili; jinnota li l-Qafas għall-Għajnuna mill-Istat tal-Patt għal Industrija Nadifa tilef l-opportunità li jżid is-salvagwardji ambjentali fl-għajnuna mill-Istat anke meta mqabbel mas-CEEAG, b'mod partikolari minħabba n-nuqqas ta' applikabbiltà orizzontali tal-Prinċipju La Tagħmilx Ħsara Sinifikanti u n-nuqqas tar-rekwiżit biex jiġu organizzati konsultazzjonijiet nazzjonali pubbliċi għal ammonti kbar ta' għajnuna għad-dekarbonizzazzjoni;

Or. en

Emenda 290
Marco Falcone

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24b. Jissottolinja l-ħtieġa ta' analiżi bir-reqqa tal-għajnuna mill-Istat, b'mod partikolari għall-kumpaniji li joperaw f'setturi strateġiċi bħall-enerġija, it-teknoloġija, u l-innovazzjoni; jisħaq fuq l-importanza li tiġi żgurata l-effettività tal-għajnuna mill-Istat fl-agrikoltura, fil-loġistika, u fit-trasport;

Or. en

Emenda 291
Marco Falcone

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24c. Jenfasizza r-rwol tal-għajnuna mill-Istat bħala għodda biex tnaqqas id-disparitajiet ekonomiċi bejn ir-reġjuni u l-gżejjer l-aktar żviluppati tal-UE, iż-żoni interni, ir-reġjuni ultraperiferiċi, iż-żoni ekonomikament żvantaġġjati, u l-partijiet kollha tal-UE affettwati minn restrizzjonijiet naturali; jitlob flessibbiltà akbar u anqas restrizzjonijiet fuq l-għajnuna mill-Istat għall-gżejjer u r-reġjuni l-aktar vulnerabbli tal-UE;

Or. en

Emenda 292
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
25. Jistenna li r-rieżami tar-Regolament Ġenerali ta' Eżenzjoni ta' Kategorija jimmodernizza u jissimplifika r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat sabiex titnaqqas il-burokrazija u tingħata spinta lill-kompetittività tal-UE;	25. Jistenna li r-rieżami tar-Regolament Ġenerali ta' Eżenzjoni ta' Kategorija jimmodernizza u jissimplifika r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat sabiex titnaqqas il-burokrazija u tingħata spinta lill-kompetittività tal-UE***, u jiżgura li l-kategoriji eżentati ta' għajnuna jibqgħu allinjati bis-sħiħ mal-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, b'mod partikolari li tiġi appoġġjata t-tranżizzjoni ekoloġika tal-benefiċjarji ta' kumpaniji li jirċievu tip differenti ta' għajnuna***;

Or. en

Emenda 293
Andreas Schwab

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
25. Jistenna li r-rieżami tar-Regolament Ġenerali ta' Eżenzjoni ta' Kategorija jimmodernizza u jissimplifika r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat sabiex titnaqqas il-burokrazija u tingħata spinta lill-kompetittività tal-UE;	25. ***Jinnota li aktar minn tliet kwarti tal-għajnuna mill-Istat hija kkonċentrata f'żewġ Stati Membri biss, li jenfasizza r-riskji ta' frammentazzjoni u ta' kundizzjonijiet ekwi żbilanċjati fis-suq intern;*** jistenna li r-rieżami tar-Regolament Ġenerali ta' Eżenzjoni ta' Kategorija jimmodernizza u jissimplifika r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat sabiex titnaqqas il-burokrazija u tingħata spinta lill-kompetittività tal-UE;

Or. en

Emenda 294
Enikő Győri

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
25. Jistenna li r-rieżami tar-Regolament Ġenerali ta' Eżenzjoni ta' Kategorija jimmodernizza u jissimplifika r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat sabiex titnaqqas il-burokrazija u tingħata spinta lill-kompetittività tal-UE;	25. Jistenna li r-rieżami tar-Regolament Ġenerali ta' Eżenzjoni ta' Kategorija jimmodernizza u jissimplifika r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat sabiex titnaqqas il-burokrazija u tingħata spinta lill-kompetittività tal-UE; ***jisħaq li r-rieżami għandu jkun ibbażat fuq l-evidenza u jqis kif xieraq il-feedback riċevut waqt il-konsultazzjoni pubblika u s-sejħa għal evidenza;***

Or. en

Emenda 295
Marco Falcone

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
25. Jistenna li r-rieżami tar-Regolament Ġenerali ta' Eżenzjoni ta' Kategorija jimmodernizza u jissimplifika r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat sabiex titnaqqas il-burokrazija u tingħata spinta lill-kompetittività tal-UE;	25. Jistenna li r-rieżami tar-Regolament Ġenerali ta' Eżenzjoni ta' Kategorija jimmodernizza u jissimplifika r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat sabiex titnaqqas il-burokrazija u tingħata spinta lill-kompetittività tal-UE; ***jilqa' l-ftuħ tal-konsultazzjoni pubblika biex jinġabar l-input dwar l-ambitu u l-kontenut tar-rieżami;***

Or. en

Emenda 296
Jussi Saramo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	25a. Ifakkar li l-għajnuna mill-Istat għandha dejjem tkun marbuta ma'

	kundizzjonalità soċjali biex tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta; jissottolinja li r-riċevituri tal-għajnuna mill-Istat jeħtiġilhom dejjem ikunu involuti fil-proċessi ta' negozjar kollettiv;

Or. en

Emenda 297
Pierre Pimpie

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. Jilqa' l-adozzjoni ta' Deċiżjoni SGEI riveduta biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jappoġġjaw proġetti ta' akkomodazzjoni affordabbli;	***imħassar***

Or. en

Emenda 298
Marco Falcone

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. Jilqa' l-adozzjoni ta' Deċiżjoni SGEI riveduta biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jappoġġjaw ***proġetti*** ta' akkomodazzjoni affordabbli;	26. Jilqa' l-adozzjoni ta' Deċiżjoni SGEI riveduta biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jappoġġjaw ***l-għoti*** ta' akkomodazzjoni ***deċenti, sostenibbli, u*** affordabbli ***b'mod aktar mgħaġġel u aktar effiċjenti, filwaqt li tiġi żgurata flessibbiltà akbar għall-appoġġ tal-investimenti nazzjonali***; ***jissottolinja li l-Istati Membri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, għandu jkollhom is-setgħa diskrezzjonali li jappoġġjaw miżuri bħal dawn skont il-ħtiġijiet lokali, reġjonali, jew nazzjonali tagħhom; jisħaq fuq l-importanza ta' valutazzjoni tal-impatt ex***

ante pajjiż b'pajjiż ta' kwalunkwe bidla proposta fir-regoli SGEI;

Or. en

Emenda 299
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. Jilqa' l-adozzjoni ta' Deċiżjoni ***SGEI*** riveduta biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jappoġġjaw proġetti ta' akkomodazzjoni affordabbli;	26. Jilqa' l-adozzjoni ta' Deċiżjoni riveduta ***dwar is-Servizzi ta' Interess Ekonomiku Ġenerali (SGEI)*** biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jappoġġjaw proġetti ta' akkomodazzjoni affordabbli; ***jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni SGEI riveduta u tivvaluta jekk il-livelli limitu u l-kundizzjonijiet humiex biżżejjed flessibbli biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-Istati Membri; jitlob proċeduri simplifikati ta' notifika għall-miżura ta' għajnuna mill-Istat relatati mal-SGEI li ma jippreżentawx riskji sinifikanti għall-kompetizzjoni;***

Or. en

Emenda 300
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. Jilqa' l-adozzjoni ta' Deċiżjoni SGEI riveduta biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jappoġġjaw proġetti ta' akkomodazzjoni affordabbli;	26. Jilqa' l-adozzjoni ta' Deċiżjoni SGEI riveduta biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jappoġġjaw proġetti ta' akkomodazzjoni affordabbli ***u sostenibbli; jisħaq li tali appoġġ għandu jagħti prijorità lil akkomodazzjoni effiċjenti fl-***

użu tal-enerġija, affordabbli u soċjalment inklużiva, jikkontribwixxi għall-qerda tal-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar, għat-tnaqqis tal-faqar enerġetiku u tal-vulnerabbiltà u jikkonforma mal-objettivi klimatiċi u ambjentali tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 301
Adnan Dibrani, Jonás Fernández, Niels Fuglsang, Eero Heinäluoma, Lara Wolters, Thomas Bajada, César Luena, Irene Tinagli, Nikos Papandreou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. Jilqa' l-adozzjoni ta' Deċiżjoni SGEI riveduta biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jappoġġjaw proġetti ta' akkomodazzjoni affordabbli;	26. Jilqa' l-adozzjoni ta' Deċiżjoni SGEI riveduta biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jappoġġjaw proġetti ta' akkomodazzjoni affordabbli ***anke għall-unitajiet domestiċi b'introjtu medju***;

Or. en

Emenda 302
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. ***Jilqa'*** l-adozzjoni ta' Deċiżjoni SGEI riveduta biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jappoġġjaw proġetti ta' akkomodazzjoni affordabbli;	26. ***Jinnota*** l-adozzjoni ta' Deċiżjoni SGEI riveduta biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jappoġġjaw proġetti ta' akkomodazzjoni affordabbli;

Or. en

Emenda 303
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	26a. Jisħaq fuq l-importanza tat-trasparenza u tal-monitoraġġ robust fl-infurzar tal-għajnuna mill-Istat; jinnota s-sejbiet tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (Rapport Speċjali 21/2024) li jidentifikaw nuqqasijiet fil-monitoraġġ mill-Kummissjoni tal-għajnuna mill-Istat fi żminijiet ta' kriżi; jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni ex post tal-miżura ta' għajnuna mill-Istat, ittejjeb ir-rapportar pubbliku dwar il-benefiċjarji u l-ammonti tal-għajnuna, u tiżgura li l-oqfsa għall-kriżijiet temporanji jinkludu klawżoli ta' estinzjoni u obbligi ta' monitoraġġ ċari; jissottolinja li l-għajnuna mill-Istat trid tibqa' l-eċċezzjoni, mhux ir-regola, u li l-użu tagħha jrid ikun ankrat fl-objettivi ta' interess pubbliku li jkunu newtrali fil-kompetizzjoni;

Or. en

Emenda 304
Adnan Dibrani, Jonás Fernández, Niels Fuglsang, Aurore Lalucq, Eero Heinäluoma, Lara Wolters, Thomas Bajada, César Luena, Irene Tinagli, Nikos Papandreou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	26a. Jinnota li l-arranġamenti fiskali preferenzjali, inklużi l-hekk imsejħa "patti sweetheart", jaf jibdlu l-forma tal-kompetizzjoni u jimminaw il-kundizzjonijiet ekwi fis-suq uniku; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta jekk il-qafas attwali ta' rkupru u allokazzjoni jipprovdix inċentivi xierqa biex jipprevjeni prattiki bħal dawn, u jfakkar li l-indirizzar

tagħhom jikkontribwixxi għal sforzi usa' biex jiġu miġġielda l-ippjanar aggressiv tat-taxxa u l-prattiki tar-rifuġji fiskali;

Or. en

Emenda 305
Thomas Bajada

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	26a. Jitlob lill-Kummissjoni tevalwa jekk huwiex meħtieġ li jiġi stabbilit livell minimu ta' konnettività tal-avjazzjoni u marittima garantita għall-Istati Membri u r-Reġjuni insulari u periferali biex jiġi żgurat il-moviment liberu tal-merkanzija, tas-servizzi, tal-kapital, u tal-persuni; jinnota li garanziji bħal dawn jistgħu jkunu ffaċilitati permezz ta' għajnuna mill-Istat negozjata u miftiehma b'mod reċiproku fil-qafas ta' konċessjoni għal obbligi ta' servizz pubbliku;

Or. en

Emenda 306
Marco Falcone

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	26a. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-impatt tal-konċentrazzjonijiet tas-suq fis-settur tal-proprjetà immobbli u fis-swieq relatati, bħall-kostruzzjoni u l-amministrazzjoni tal-proprjetà, biex jiġi żgurat li l-kompetizzjoni effettiva tgħin tikkontrolla l-prezzijiet u ttejjeb l-aċċess għall-akkomodazzjoni;

Or. en

Emenda 307
Markus Ferber

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
27. Jiddeplora n-nuqqas ta' ***informazzjoni li jirċievi*** dwar ***ir-reviżjoni*** u l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni; ***jinsisti li jirċievi l-informazzjoni kollha li jeħtieġ fil-ħin u li jkun involut bis-sħiħ fir-reviżjoni u l-implimentazzjoni tar-regoli*** tal-kompetizzjoni;	27. Jiddeplora n-nuqqas ta' ***djalogu mill-Kummissarju responsabbli mal-kumitat responsabbli tal-Parlament; jitlob djalogu strutturat u regolari bejn il-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew dwar il-politika tal-kompetizzjoni, fosthom*** dwar ***ir-rieżami*** u l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni; ***jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi lill-kumitat kompetenti tal-Parlament informazzjoni komprensiva u fi żmien xieraq rigward deċiżjonijiet sinifikanti dwar l-infurzar, proposti leġiżlattivi, u strumenti legali nonvinkolanti ewlenin; jitlob il-konklużjoni ta' arranġament prattiku jew ftehim interistituzzjonali biex jiġi fformalizzat ir-rwol tal-Parlament fis-sorveljanza tal-politika*** tal-kompetizzjoni***, inkluża l-konsultazzjoni avvanzata dwar l-istabbiliment tal-prijoritajiet għal-linji gwida u għall-oqfsa***;

Or. en

Emenda 308
Adnan Dibrani, Jonás Fernández, Niels Fuglsang, Aurore Lalucq, Eero Heinäluoma, Lara Wolters, Thomas Bajada, César Luena, Irene Tinagli, Nikos Papandreou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	28a. Jisħaq li l-Parlament għandu jkun involut b'mod suffiċjenti fit-tfassil tal-

politika tal-kompetizzjoni u jwissi dwar id-dipendenza żejda minn strumenti legali nonvinkolanti bħall-gwida u l-oqfsa temporanji li fihom il-Parlament ma tantx huwa involut; jistieden lill-Kummissjoni tidħol f'negozjati għal ftehim interistituzzjonali dwar il-politika tal-kompetizzjoni; jistieden lill-Kunsill Ewropew jadotta deċiżjoni skont l-Artikolu 48(7)(2) tat-TUE li tippermetti l-adozzjoni ta' atti leġiżlattivi fil-qasam tal-politika tal-kompetizzjoni f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja;

Or. en

Emenda 309
Rasmus Andresen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
29. Jippromwovi l-iskambju tal-aħjar prattika f'fora internazzjonali, bħan-Network Internazzjonali dwar il-Kompetizzjoni u l-Kumitat tal-Kompetizzjoni tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD); jiddeplora l-opportunitajiet mitlufa bħas-Sħubija Trans-Atlantika ta' Kummerċ u ta' Investiment (TTIP) mal-Istati Uniti;	29. Jippromwovi l-iskambju tal-aħjar prattika f'fora internazzjonali, bħan-Network Internazzjonali dwar il-Kompetizzjoni u l-Kumitat tal-Kompetizzjoni tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD); jiddeplora l-opportunitajiet mitlufa bħas-Sħubija Trans-Atlantika ta' Kummerċ u ta' Investiment (TTIP) mal-Istati Uniti***; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa strateġija għall-Unjoni biex tieħu rwol ewlieni fil-livell internazzjonali ħalli tippromwovi l-kompetizzjoni effettiva u tindirizza s-saħħa konċentrata fis-suq***;

Or. en

Emenda 310
Adnan Dibrani, Jonás Fernández, Niels Fuglsang, Aurore Lalucq, Eero Heinäluoma, Lara Wolters, Thomas Bajada, César Luena, Irene Tinagli, Nikos Papandreou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
29. Jippromwovi l-iskambju tal-aħjar prattika f'fora internazzjonali, bħan-Network Internazzjonali dwar il-Kompetizzjoni u l-Kumitat tal-Kompetizzjoni tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD); ***jiddeplora l-opportunitajiet mitlufa bħas-Sħubija Trans-Atlantika ta' Kummerċ u ta' Investiment (TTIP) mal-Istati Uniti;***	29. Jippromwovi l-iskambju tal-aħjar prattika f'fora internazzjonali, bħan-Network Internazzjonali dwar il-Kompetizzjoni u l-Kumitat tal-Kompetizzjoni tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD);

Or. en

Emenda 311
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29 – inċiż 1 (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– Aspetti oħra

Or. en

Emenda 312
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	29a. Jisħaq li l-imblukkar ġeografiku mhux ġustifikat u restrizzjonijiet oħra fuq l-aċċess transfruntier għall-oġġetti u s-servizzi, bħal dawk assoċjati mar-restrizzjonijiet transfruntiera tal-pagamenti, ikomplu jifframmentaw lis-suq uniku, jillimitaw l-għażla tal-

konsumatur, inaqqsu l-kompetizzjoni u jipprevjenu lin-negozji, b'mod partikolari l-SMEs, milli jespandu fl-Unjoni; jissottolinja li l-infurzar effettiv tar-Regolament dwar l-Imblukkar Ġeografiku, flimkien mal-isforzi biex titnaqqas il-frammentazzjoni regolatorja sottostanti bejn l-Istati Membri, huwa meħtieġ biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi u ġenwini u jiġu appoġġjati l-kompetizzjoni, l-integrazzjoni tas-suq u l-kompetittività Ewropea;

Or. en

Emenda 313
Fernando Navarrete Rojas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	29b. Jilqa' l-proposta ta' Mario Draghi għal "għodda ġdida tal-kompetizzjoni" bħala għodda flessibbli ta' investigazzjoni tas-suq imfassla biex tindirizza l-problemi strutturali tal-kompetizzjoni fejn l-infurzar tradizzjonali każ b'każ jaf ikun bil-mod wisq jew mhux adattat; iqis li għodda bħal din għandha tiffoka b'mod partikolari fuq l-ostakli persistenti għad-dħul u għall-espansjoni, inklużi l-effetti dannużi tan-network, in-nuqqas ta' interoperabbiltà, il-portabbiltà ristretta tad-data, l-ekosistemi magħluqa u l-kontroll esklużiv fuq settijiet ewlenin tad-data, bil-għan li tiġi rrestawrata l-kontestabbiltà, tiġi inċentivata l-innovazzjoni u titwessa' l-parteċipazzjoni fis-suq fil-ktajjen kollha tal-valur[1a];

[1a] The future of European competitiveness, Part B – In-depth analysis and recommendations, Chapter 3 – Sustaining Investment, p. 283 (Il-futur

tal-kompetittività Ewropea, il-Parti B – Analiżi profonda u rakkomandazzjonijiet, il-Kapitolu 3 – Insostnu l-Investiment, p. 283)

Or. en